ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 173

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

26 ta' Ġunju 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Avviż dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea** .......... 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 611/2013 tal-24 ta' Ġunju 2013 dwar il-miżuri applikabbli għan-notifika ta' ksur ta' dejta personali skont id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika** .......... 2

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 612/2013 tal-25 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjoni tar-reġistru ta' operaturi ekonomiċi u mħażen tat-taxxa, statistika relatata u rappurtar skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa** .......... 9

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 613/2013 tal-25 ta' Ġunju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1451/2007 dwar sustanzi attivi addizzjonali ta' prodotti bijoċidali li jridu jiġu eżaminati skont il-programm ta' analiżi** .......... 34

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 4**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 614/2013 tal-25 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ... 38

DEĊIŻJONIJIET

2013/313/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda** ... 40

2013/314/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/286/UE dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv fl-Italja** ... 41

2013/315/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/918/KE dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv fl-Ungerija** ... 43

2013/316/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 li tħassar id-Deċiżjoni 2009/588/KE dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv fil-Litwanja** ... 46

2013/317/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 li tħassar id-Deċiżjoni 2009/591/KE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Latvja** ... 48

2013/318/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 li tħassar id-Deċiżjoni 2009/590/KE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fir-Rumanija** ... 50

2013/319/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv f'Malta** ... 52

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/320/PESK tal-24 ta' Ġunju 2013 b'appoġġ għas-sigurtà fiżika u l-attivitajiet relatati mal-ġestjoni tal-ħażniet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fl-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fil-Libja u r-reġjun tagħha** ... 54

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**Avviż dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea**

Il-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea ([1]), iffirmat f'Ġinevra fis-7 ta' Diċembru 2012, ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

---

([1]) ĠU L 69, 13.3.2013, p. 5.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 611/2013

## tal-24 ta' Ġunju 2013

## dwar il-miżuri applikabbli għan-notifika ta' ksur ta' dejta personali skont id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA),

Wara li kkonsultat lill-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-Rigward tal-Ipproċessar ta' Dejta Personali stabbilit mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([2]) (il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29),

Wara li kkonsultat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2002/58/KE tipprovdi għall-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali meħtieġa biex ikun żgurat livell ekwivalenti ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u l-kunfidenzjalità, fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u biex ikun żgurat il-moviment liberu ta' dik id-dejta u ta' apparat u ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/58/KE, il-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament huma obbligati jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, u f'ċerti każijiet anki lill-abbonati u lill-individwi kkonċernati, dwar ksur ta' dejta personali. Fl-Artikolu 2(i) tad-Direttiva 2002/58/KE, ksur ta' dejta personali huwa definit bħala ksur tas-sigurtà li jwassal għal qerda, telf, tibdil inċidentali jew illegali jew divulgazzjoni mhux awtorizzata ta', jew aċċess għal, dejta personali trasmessa, maħżuna jew ipproċessata bi kwalunkwe mod ieħor b'rabta mal-għoti ta' servizz tal-komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament fl-Unjoni.

(3) Biex jiżgura konsistenza fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(2), (3) u (4) tad-Direttiva 2002/58/KE, l-Artikolu 4(5) tagħha jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi, il-format u l-proċeduri applikabbli għar-rekwiżiti ta' informazzjoni u notifika msemmija f'dak l-Artikolu.

(4) Rekwiżiti nazzjonali differenti f'dan ir-rigward jistgħu jwasslu għal inċertezza legali, proċeduri iktar kumplessi u kkumplikati u spejjeż amministrattivi sinifikanti għall-fornituri li joperaw b'mod transfruntier. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li hemm bżonn li jiġu adottati miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni bħal dawn.

(5) Dan ir-Regolament huwa limitat għan-notifika ta' ksur ta' dejta personali u għaldaqstant ma jistabbilixxix miżuri tekniċi ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2002/58/KE dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-abbonati f'każ ta' riskju partikolari ta' ksur tas-sigurtà tan-netwerk.

(6) Mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2002/58/KE jirriżulta li l-fornituri għandhom jinnotifikaw il-ksur kollu ta' dejta personali lill-awtorità kompetenti nazzjonali. Għalhekk, ma għandha titħalla ebda diskrezzjoni lill-fornitur dwar jekk jinnotifikax jew le lill-awtorità kompetenti nazzjonali. Madankollu, dan ma għandux jiċħad lill-awtorità kompetenti nazzjonali kkonċernata mill-possibbiltà li tagħti prijorità lill-investigazzjoni ta' ċertu ksur b'mod li tqis xieraq skont il-liġi applikabbli, u li tieħu l-passi kif meħtieġ sabiex tevita rappurtar żejjed jew nieqes tal-ksur fid-dejta personali.

(7) Huwa xieraq li tkun prevista sistema għan-notifika tal-ksur ta' dejta personali lill-awtorità kompetenti nazzjonali, li, fejn jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, tkun tikkonsisti minn stadji varji, b'kull stadju jkun suġġett għal ċerti limiti ta' żmien. Din is-sistema għandha l-għan li tiżgura li l-awtorità kompetenti nazzjonali tkun infurmata kmieni kemm jista' jkun u bid-dettalji kollha tal-każ, mingħajr pero' ma tfixkel lill-fornitur fl-isforzi tiegħu biex jinvestiga l-ksur u jieħu l-miżuri neċessarji biex jiġi limitat dan il-ksur u jirrimedja l-konsegwenzi tiegħu.

([1]) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(8) La sempliċi suspett li seħħ ksur ta’ dejta personali, u lanqas sejba sempliċi ta’ inċident mingħajr ma tkun disponibbli biżżejjed informazzjoni, minkejja l-aqwa sforzi tal-fornitur għal dan il-għan, ma huma biżżejjed biex jitqies li nstab ksur ta’ dejta personali għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament. F’dan ir-rigward, għandha titqies b’mod partikolari d-disponibbiltà tal-informazzjoni msemmija fl-Anness I.

(9) Fil-kuntest tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kkonċernati għandhom jikkooperaw fil-każijiet ta’ ksur ta’ dejta personali li jkollhom dimensjoni transfruntiera.

(10) Dan ir-Regolament ma jipprovdix għal speċifikazzjoni addizzjonali tal-inventarju tal-ksur ta’ dejta personali li għandu jinżamm mill-fornituri, peress li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/58/KE jispeċifika l-kontenut tiegħu b’mod eżawrjenti. Madankollu, il-fornitur jista’ jirreferi għal dan ir-Regolament biex jiddetermina l-format tal-inventarju.

(11) L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kollha għandhom iqiegħdu mezzi elettroniċi sikuri għad-dispożizzjoni tal-fornituri biex jinnotifikaw ksur ta’ dejta personali f’format komuni, ibbażat fuq standard bħal XML, li fih l-informazzjoni stipulata fl-Anness I fil-lingwi rilevanti, sabiex il-fornituri kollha fi ħdan l-Unjoni jkunu jistgħu jsegwu proċedura ta’ notifika simili, indipendentement minn fejn jinsabu jew fejn ikun seħħ il-ksur ta’ dejta personali. F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-implimentazzjoni ta’ mezzi elettroniċi siguri billi torganizza laqgħat mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fejn ikun meħtieġ.

(12) Meta jiġi vvalutat jekk ksur ta’ dejta personali għandux il-probabilità li jaffettwa b’mod ħażin id-dejta personali jew il-privatezza ta’ abbonat jew individwu, għandhom jitqiesu, b’mod partikolari, l-għamla u l-kontenut tad-dejta personali kkonċernata, b’mod partikolari meta d-dejta tkun tikkonċerna informazzjoni finanzjarja, bħal dejta tal-karti ta’ kreditu u dettalji tal-kont tal-bank; kategoriji speċjali ta’ dejta msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46/KE; u ċerta dejta speċifikament marbuta mal-forniment ta’ servizzi tat-telefonija jew tal-Internet, jiġifieri dejta dwar il-posta elettronika, dejta ta’ lokalizzazzjoni, fajls ta’ log tal-Internet, il-kronoloġiji tal-ibbrawżjar onlajn u listi tas-sejħiet dettaljati.

(13) F’ċirkostanzi eċċezzjonali, il-fornitur għandu jitħalla jittardja n-notifika lill-abbonat jew lill-individwu, meta n-notifika lill-abbonat jew lill-individwu tista’ xxekkel l-investigazzjoni proprja tal-ksur ta’ dejta personali. F’dan il-kuntest, ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu jinkludu investigazzjonijiet kriminali, kif ukoll ksur ieħor ta’ dejta personali li ma jwasslux għal reat serju iżda li għalihom jista’ jkun xieraq li tiġi posposta n-notifika. Fi kwalunkwe każ, għandu jkun f’idejn l-awtorità kompetenti nazzjonali li f’kull każ u fid-dawl taċ-ċirkostanzi, tivvaluta jekk taqbilx mal-posponiment jew tkunx teħtieġ in-notifika.

(14) Filwaqt li l-fornituri għandu jkollhom id-dettalji ta’ kuntatt tal-abbonati tagħhom, b’konsegwenza tar-relazzjoni kuntrattwali diretta tagħhom, dik l-informazzjoni tista’ ma tkunx teżisti għal individwi oħrajn milqutin b’mod ħażin mill-ksur ta’ dejta personali. F’każ bħal dan, il-fornitur għandu jitħalla jinnotifika lil dawk l-individwi inizjalment permezz ta’ reklami f’midja nazzjonali jew reġjonali maġġuri, bħall-gazzetti, segwiti, malajr kemm jista’ jkun, minn notifika individwali kif stipulat f’dan ir-Regolament. Għalhekk il-fornitur effettivament mhuwiex obbligat jinnotifika permezz tal-midja, iżda għandu s-setgħa jagixxi b’dan il-mod, jekk jixtieq hekk, meta jkun għadu fil-proċess tal-identifikazzjoni tal-individwi kollha affetwati.

(15) L-informazzjoni dwar il-ksur għandha tkun iddedikata għall-ksur u ma għandux ikollha x’taqsam ma’ informazzjoni dwar suġġett ieħor. Pereżempju, l-inklużjoni ta’ informazzjoni dwar ksur ta’ dejta personali f’fattura regolari ma għandhiex titqies bħala mezz adegwat biex jiġi nnotifikat ksur ta’ dejta personali.

(16) Dan ir-Regolament ma jistabbilixxix miżuri teknoloġiċi u speċifiċi ta’ protezzjoni li jiġġustifikaw deroga mill-obbligu ta’ notifika tal-ksur ta’ dejta personali lill-abbonati jew lill-individwi, peress li dawn jistgħu jinbidlu maż-żmien hekk kif tavvanza t-teknoloġija. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkun tista’ tippubblika lista indikattiva tat-tali miżuri teknoloġiċi speċifiċi ta’ protezzjoni skont il-prattiki attwali.

(17) L-implimentazzjoni ta’ kodifikazzjoni jew ‘hashing’ ma għandhiex titqies biżżejjed waħedha biex tippermetti lill-fornituri jiddikjaraw li ssodisfaw l-obbligu dwar is-sigurtà ġenerali stabbilit fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46/KE. F’dan ir-rigward, il-fornituri għandhom jimplimentaw ukoll miżuri organizzattivi u tekniċi adegwati biex jipprevjenu, jikxfu u jimblokkaw ksur ta’ dejta personali. Il-fornituri għandhom jikkunsidraw kwalunkwe riskju residwu li jista’ jkun preżenti wara li jkunu ġew implimentati l-kontrolli sabiex jifhmu fejn hemm il-potenzjal li jseħħ ksur ta’ dejta personali.

(18) Fejn il-fornitur juża fornitur ieħor biex iwettaq parti mis-servizz, pereżempju fir-rigward ta’ funzjonijiet f’relazzjoni mal-kontijiet jew il-ġestjoni, dan il-fornitur l-ieħor, li ma

għandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali diretta mal-utent aħħari ma għandux ikollu l-obbligu li joħroġ in-notifiki fil-każ ta' ksur ta' dejta personali. Minflok, għandha tiġbed l-attenzjoni tal-fornitur li miegħu għandha relazzjoni kuntrattwali diretta u tinfurmah bil-ksur. Dan għandu japplika wkoll fil-kuntest tal-forniment, fil-livell tal-operaturi, ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, meta tipikament il-fornitur fil-livell tal-operaturi ma jkollux relazzjoni kuntrattwali diretti mal-utent aħħari.

(19) Id-Direttiva 95/46/KE tiddefinixxi qafas ġenerali għall-protezzjoni ta' dejta personali fl-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tissostitwixxi d-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta). Ir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta propost għandu jintroduċi obbligu għall-kontrolluri tad-dejta kollha li jinnotifikaw il-ksur ta' dejta personali, fuq il-bażi tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2002/58/KE. Ir-Regolament tal-Kummissjoni preżenti huwa konsistenti bis-sħiħ ma' din il-miżura proposta.

(20) Ir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta propost jagħmel ukoll għadd limitat ta' aġġustamenti tekniċi għad-Direttiva 2002/58/KE biex iqis it-trasformazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE f'Regolament. Il-konsegwenzi sostantivi legali tar-Regolament il-ġdid għad-Direttiva 2002/58/KE se jkunu l-oġġett ta' analiżi mill-Kummissjoni.

(21) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi analizzata tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, u l-kontenut tiegħu għandu jiġi analizzat fid-dawl tal-qafas legali fis-seħħ dak iż-żmien, inkluż ir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta propost. L-analiżi ta' dan ir-Regolament għandha tkun marbuta, fejn ikun possibbli, ma kwalunkwe analiżi fil-futur tad-Direttiva 2002/58/KE.

(22) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi vvalutata, fost oħrajn, abbażi ta' kwalunkwe statistika li tinżamm mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali dwar il-ksur ta' dejta personali li jkunu ġew innotifikati bih. Dawn l-istatistiki jistgħu jinkludu, pereżempju, informazzjoni dwar l-għadd ta' ksur ta' dejta personali nnotifikati lill-awtorità kompetenti nazzjonali, l-għadd ta' ksur ta' dejta personali nnotifikati lill-abbonat jew lill-individwu, iż-żmien li jkun ittieħed biex jiġi solvut il-ksur ta' dejta personali, u jekk ittiħdux miżuri teknoloġiċi ta' protezzjoni. Dawn l-istatistiki għandhom jipprovdu dejta statistika li tkun konsistenti u komparabbli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, u la għandhom jikxfu l-identità tal-fornitur li jkun għamel in-notifika u lanqas l-abbonati jew l-individwi involuti. Il-Kummissjoni tista' wkoll torganizza laqgħat regolari mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u ma' partijiet interessati oħrajn għal dan il-għan.

(23) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Komunikazzjonijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għan-notifika ta' ksur ta' dejta personali minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament ('il-fornitur').

*Artikolu 2*

**Notifika lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali**

1. Il-fornitur għandu jinnotifika kull ksur ta' dejta personali lill-awtorità kompetenti nazzjonali.

2. Il-fornitur għandu jinnotifika l-ksur ta' dejta personali lill-awtorità kompetenti nazzjonali mhux iktar tard minn 24 siegħa wara li jinkixef il-ksur ta' dejta personali, fejn fattibbli.

Fin-notifika tiegħu lill-awtorità kompetenti nazzjonali l-fornitur għandu jinkludi dik l-informazzjoni stipulata fl-Anness I.

Il-kxif ta' ksur ta' dejta personali għandu jitqies li seħħ meta l-fornitur ikun kiseb għarfien biżżejjed li seħħ inċident relatat mas-sigurtà li wassal biex id-dejta personali tkun kompromessa, biex b'hekk ikun jista' jagħmel notifika sinifikanti kif meħtieġ skont dan ir-Regolament.

3. Fejn l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Anness I ma tkunx disponibbli u jkun hemm bżonn ta' aktar investigazzjoni dwar il-ksur ta' dejta personali, il-fornitur għandu jitħalla jagħmel notifika inizjali lill-awtorità kompetenti nazzjonali mhux iktar tard minn 24 siegħa wara l-kxif tal-ksur ta' dejta personali. Din in-notifika inizjali lill-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-taqsima 1 tal-Anness I. Il-fornitur għandu jagħmel it-tieni notifika lill-awtorità kompetenti nazzjonali malajr kemm jista' jkun, u mhux iktar tard minn tlett ijiem wara n-notifika inizjali. Din it-tieni notifika għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-taqsima 2 tal-Anness I u, fejn meħtieġ, għandha taġġorna l-informazzjoni li tkun diġà ingħatat.

Meta, minkejja l-investigazzjonijiet li jagħmel, il-fornitur ma jkunx jista' jipprovdi l-informazzjoni kollha fi żmien perjodu ta' tlett ijiem min-notifika inizjali, il-fornitur għandu jinnotifika l-informazzjoni kollha fil-pussess tiegħu fi ħdan dak il-perjodu ta' żmien u għandu jippreżenta lill-awtorità kompetenti nazzjonali b'ġustifikazzjoni rraġunata għan-notifika ttardjata tal-informazzjoni li jifdal. Il-fornitur għandu jinnotifka l-informazzjoni li jifdal lill-awtorità kompetenti nazzjonali u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna l-informazzjoni li tkun diġà ingħatat, malajr kemm jista' jkun.

4. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tipprovdi lill-fornituri kollha stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat mezz elettroniku sigur għan-notifika ta' ksur ta' dejta personali u informazzjoni dwar il-proċeduri għall-aċċess u l-użu tiegħu. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali biex tiffaċilita l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

5. Meta l-ksur ta' dejta personali jaffettwa lil abbonati jew lil individwi minn Stati Membri li mhumiex dawk tal-awtorità kompetenti nazzjonali li lilha ġie nnotifikat il-ksur ta' dejta personali, l-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati l-oħrajn.

Il-Kummissjoni għandha toħloq u żżomm lista tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali flimkiem mal-punti ta' kuntatt xierqa biex tiffaċilita l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

*Artikolu 3*

**Notifika lill-abbonat jew lill-individwu**

1. Meta l-ksur ta' dejta personali jkollu probabilità li jaffettwa b'mod ħażin id-dejta personali jew il-privatezza ta' abbonat jew individwu, il-fornitur, flimkien man-notifika msemmija fl-Artikolu 2, għandu jinnotifika wkoll lill-abbonat jew lill-individwu bil-ksur.

2. Il-valutazzjoni dwar jekk ksur ta' dejta personali għandux il-probabilità li jaffettwa b'mod ħażin id-dejta personali jew il-privatezza ta' abbonat jew individwu għandha titwettaq billi jitqiesu, b'mod partikolari, iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-għamla u l-kontenut tad-dejta personali involuta, b'mod partikolari f'każijiet fejn id-dejta tkun tikkonċerna informazzjoni finanzjarja, kategoriji speċjali ta' dejta msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46/KE, kif ukoll dejta ta' lokalizzazzjoni, fajls ta' log tal-Internet, il-kronoloġiji tal-ibbrawżjar onlajn, dejta dwar il-posta elettronika u listi dettaljati tat-telefonati;

(b) il-konsegwenzi probabbli tal-ksur ta' dejta personali għall-abbonat jew għall-individwu kkonċernat, b'mod partikolari meta l-ksur ikun jista' jirriżulta f'serq tal-identità jew frodi, danni fiżiċi, stress psikoloġiku, umiljazzjoni jew ħsara għar-reputazzjoni; u

(c) iċ-ċirkostanzi tal-ksur ta' dejta personali, b'mod patikolari f'każijiet fejn id-dejta tkun insterqet jew meta l-fornitur ikun jaf li d-dejta tkun fil-pussess ta' parti terza mhux awtorizzata.

3. In-notifika lill-abbonat jew lill-individwu għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara li jinkixef il-ksur ta' dejta, kif stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(2). Dan ma għandux ikun dipendenti fuq in-notifika tal-ksur ta' dejta personali lill-awtorità kompetenti personali, kif imsemmi fl-Artikolu 2.

4. Fin-notifika tiegħu lill-abbonat jew lill-individwu, il-fornitur għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II. In-notifika lill-abbonat jew lill-individwu għandha tkun espressa f'lingwaġġ ċar u li jinftiehem faċilment. Il-fornitur ma għandux juża n-notifika bħala opportunità biex jippromwovi jew biex jirreklama servizzi ġodda jew addizzjonali.

5. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, fejn in-notifika lill-abbonat jew lill-individwu tista' tkun ta' riskju għall-investigazzjoni xierqa tal-ksur ta' dejta personali, il-fornitur, wara li jikseb il-qbil min-naħa tal-awtorità kompetenti nazzjonali, għandu jkun jista' jittardja n-notifika lill-abbonat jew lill-individwu sa dak iż-żmien meta l-awtorità kompetenti nazzjonali tqis li jkun possibbli li jiġi nnotifikat il-ksur ta' dejta personali skont dan l-Artikolu.

6. Il-fornitur għandu jinnotifika lill-abbonat jew lill-individwu dwar il-ksur ta' dejta personali permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni li jiżguraw riċevuta fil-ħin tal-informazzjoni u li huma sikuri bix-xieraq skont l-aktar mezzi moderni. L-informazzjoni dwar il-ksur għandha tkun iddedikata għall-ksur u ma għandhiex tkun assoċjata ma' informazzjoni dwar suġġett ieħor.

7. Meta l-fornitur ikollu relazzjoni kuntrattwali diretta mal-utent aħħari, minkejja li jkun għamel sforzi raġonevoli u fi ħdan il-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3, ma jirnexxilux jidentifika lill-individwi kollha li aktarx li se jkunu affettwati b'mod ħażin mill-ksur ta' dejta personali, il-fornitur jista' jinnotifika lil dawk l-individwi permezz ta' reklami f'midja nazzjonali jew reġjonali maġġuri, fl-Istati Membri rilevanti, fi ħdan dak il-perjodu ta' żmien. Dawn ir-reklami għandu jkun fihom l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II, u fejn ikun hemm bżonn f'għamla qasira kemm jista' jkun. F'dak il-każ, il-fornitur għandu jkompli jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha biex jidentifika lil dawk l-individwi u jinnotifikalhom l-informazzjoni stipulata fl-Anness II malajr kemm jista' jkun.

*Artikolu 4*

**Miżuri teknoloġiċi ta' protezzjoni**

1. B'deroga mill-Artikolu 3(1), in-notifika ta' ksur ta' dejta personali lil abbonat jew individwu kkonċernat ma għandhiex tkun meħtieġa jekk il-fornitur ikun wera b'mod sodisfaċenti lill-awtorità kompetenti nazzjonali li huwa implimenta miżuri teknoloġiċi ta' protezzjoni xierqa, u li dawk il-miżuri ġew applikati għad-dejta kkonċernata mill-ksur tas-sigurtà. Dawn il-miżuri teknoloġiċi ta' protezzjoni għandhom iġibu d-dejta bħala waħda li ma tista' tinqara minn ħadd ħlief mill-persuni li jkollhom aċċess awtorizzat għaliha.

2. Id-dejta għandha titqies bħala dejta li ma tistax tinqara jekk:

(a) tkun ġiet ikkodifikata b'mod sigur b'algorittmu standardizzat, il-kodiċi użat biex tiġi ddekodifikata d-dejta ma jkunx f'riskju ta' xi ksur tas-sigurtà, u l-kodiċi użat biex tiġi ddekodifikata d-dejta jkun ġie ġġenerat sabiex dan ma jkunx jista' jsir magħruf b'kwalunkwe mezz teknoloġiku disponibbli għal kwalunkwe persuna li mhijiex awtorizzata taċċessal-kodiċi; jew

(b) ġiet sostitwita mill-valur 'hashed' tagħha kkalkolat b'funzjoni kriptografika u standardizzata ta' 'hash' b'kodiċi, il-kodiċi użat għall-'hash' tad-dejta ma jkunx kompromess f'xi ksur tas-sigurtà, u l-kodiċi użat għall-'hash' tad-dejta jkun ġie ġġenerat b'tali mod li dan ma jkunx jista' jsir magħruf minn kwalunkwe persuna bi kwalukwe mezzi teknoloġiċi disponibbli li ma jkollhiex aċċess awtorizzat għall-kodiċi.

3. Il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali permezz tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, lill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, tista' tippubblika lista indikattiva tal-miżuri teknoloġiċi ta' protezzjoni xierqa, imsemmija fil-paragrafu 1, skont il-prattiki attwali.

*Artikolu 5*

**Użu ta' fornitur ieħor**

Fejn fornitur ieħor jiġi kuntrattat biex jipprovdi parti mis-servizz ta' komunikazzjoni elettronika mingħajr ma jkollu relazzjoni kuntrattwali diretta mal-abbonati, dan il-fornitur l-ieħor għandu jinforma immedjatament lill-fornitur kontraenti fil-każ ta' ksur fid-dejta personali.

*Artikolu 6*

**Rappurtar u analiżi**

Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-effettività tiegħu u l-impatt tiegħu fuq il-fornituri, l-abbonati u l-individwi. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tanalizza dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Awwissu 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Kontenut tan-notifika lill-awtorità kompetenti nazzjonali**

**Taqsima 1**

*Identifikazzjoni tal-fornitur*

1. L-isem tal-fornitur

2. L-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta jew punt ta' kuntatt ieħor mnejn tista' tinkiseb iktar informazzjoni

3. Informazzjoni dwar jekk din hijiex l-ewwel jew it-tieni notifika

*Informazzjoni inizjali dwar il-ksur ta' dejta personali (li trid tingħata f'għamla sħiħa f'notifiki oħrajn aktar tard, fejn applikabbli)*

4. Id-data u l-ħin tal-inċident (jekk ikunu magħrufa; fejn meħtieġ, tista' ssir stima), u l-kxif tal-inċident

5. Iċ-ċirkostanzi tal-ksur ta' dejta personali (eż. telf, serq, ikkupjar)

6. L-għamla u l-kontenut tad-dejta personali kkonċenrata

7. Il-miżuri tekniċi u organizzattivi applikati (jew li jridu jiġu applikati) mill-fornitur għad-dejta personali affettwata

8. Użu rilevanti ta' fornituri oħrajn (fejn applikabbli)

**Taqsima 2**

*Iktar informazzjoni dwar il-ksur ta' dejta personali*

9. Sommarju tal-inċident li kkawża l-ksur ta' dejta personali (inkluża l-lokalizzazzjoni fiżika tal-ksur u l-midja ta' ħżin involuta)

10. L-għadd ta' abbonati jew individwi kkonċernati

11. Il-konsegwenzi potenzjali u l-effetti ħżiena potenzjali fuq l-abbonati jew l-individwi

12. Il-miżuri tekniċi u organizzattivi meħuda mill-fornitur biex itaffi l-effetti ħżiena potenzjali

*Notifika addizzjonali possibbli għall-abbonati jew għall-individwi*

13. Il-kontenut tan-notifika

14. Il-mezzi ta' komunikazzjoni użati

15. L-għadd ta' abbonati jew individwi nnotifikati

*Problemi transfruntiera possibbli*

16. Ksur ta' dejta personali li jinvolvi abbonati jew individwi fi Stati Membri oħrajn

17. Notifika lil awtoritajiet kompetenti nazzjonali oħrajn

*ANNESS II*

**Kontenut tan-notifika lill-abbonat jew lill-individwu**

1. L-isem tal-fornitur

2. L-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta jew punt ta' kuntatt ieħor mnejn tista' tinkiseb iktar informazzjoni

3. Sommarju tal-inċident li kkaġuna l-ksur ta' dejta personali

4. Id-data stmata tal-inċident

5. L-għamla u l-kontenut tad-dejta personali kkonċernata kif imsemmi fl-Artikolu 3(2)

6. Il-konsegwenzi probabbli tal-ksur ta' dejta personali għall-abbonat jew l-individwu kkonċernat kif imsemmi fl-Artikolu 3(2)

7. Iċ-ċirkostanzi tal-ksur ta' dejta personali kif stipulati fl-Artikolu 3(2)

8. Il-miżuri meħuda mill-fornitur biex jindirizza l-ksur ta' dejta personali

9. Il-miżuri rrakkomandati mill-fornitur biex itaffi l-effetti ħżiena possibbli

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 612/2013

## tal-25 ta' Ġunju 2013

## dwar l-operazzjoni tar-reġistru ta' operaturi ekonomiċi u mħażen tat-taxxa, statistika relatata u rappurtar skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 tat-2 ta' Mejju 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004 [1], u b'mod partikulari l-Artikoli 22 u 34(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 389/2012 jistabbilixxi qafas għas-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tad-dazji tas-sisa.

(2) L-Artikolu 21 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE [2] jeħtieġ il-verifika tad-dettalji ta' abbozz ta' dokument amministrattiv elettroniku mill-Istat Membru tad-dispaċċ qabel l-oġġetti tas-sisa jkunu jistgħu jitmexxew taħt sospensjoni tad-dazju. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE [3] fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa jispeċifika l-kontenut tal-abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku. Billi l-informazzjoni f'dak id-dokument amministrattiv dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sisa huwa soġġett għal verifika mad-dettalji tar-reġistri nazzjonali korrispondenti, id-dettalji ta' kull reġistru nazzjonali għandhom ikunu disponibbli għal kull Stat Membru ta' dispaċċ regolarment u għandhom jinżammu aġġornati.

(3) L-informazzjoni li tinsab fir-reġistri nazzjonali dwar l-operaturi ekonomiċi involuti fit-tmexxija ta' oġġetti tas-sisa taħt arranġamenti ta' sospensjoni tad-dazju għandha tiġi skambjata b'mod awtomatiku permezz ta' reġistru ċentrali tal-operaturi ekonomiċi ("Reġistru Ċentrali") li għandu jiġi operat mill-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012.

(4) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni permezz tar-Reġistru Ċentrali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-istruttura u l-kontenut tal-formati standard li għandhom jintużaw, inklużi l-kodiċi li għandhom jiddaħħlu f'dawn il-formati.

(5) Sabiex jiġi żgurat li d-dejta disponibbli fir-Reġistru Ċentrali hija korretta u aġġornata awtomatikament, l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament għandu jinnotifika u jgħaddi modifiki tar-reġistri nazzjonali tagħhom lir-Reġistru Ċentrali.

(6) Sabiex id-dejta maħżuna fir-reġistri nazzjonali tkun korretta u aġġornata, l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament għandu jaġġorna r-reġistru nazzjonali fl-istess jum li awtorizzazzjoni tiġi mmodifikata u għandu jgħaddi l-modifiki lir-Reġistru Ċentrali mingħajr dewmien.

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri għandhom kopja preċiża tad-dettalji ta' reġistri nazzjonali oħra, l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament maħtur għandhom jieħdu ħsieb l-arranġamenti regolari u f'waqthom ta' modifiki ġodda riċevuti mir-Reġistru Ċentrali.

(8) Huwa meħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkollhom mezz biex jivverifikaw li d-dettalji ta' awtorizzazzjoni tagħhom ikunu ġew ipproċessati u mqassma b'mod preċiż mir-Reġistru Ċentrali u biex jivverifikaw id-dettalji ta' sieħeb fin-negozju qabel ma jiġi sottomess abbozz ta' dokument amministrattiv elettroniku. Sabiex tiġi permessa tali verifika tal-validità tan-numri tas-sisa kif previst fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, il-Kummissjoni għandha tipprovdi d-dettalji ewlenin meħtieġa ta' awtorizzazzjoni miżmuma fir-Reġistru Ċentrali meta jintwera numru tas-sisa uniku validu. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti r-regoli għall-korrezzjoni ta' informazzjoni skorretta rigward l-awtorizzazzjoni ta' operatur ekonomiku.

(9) Biex jiżguraw li r-Reġistru Ċentrali qed jiġioperat b'mod effiċjenti, iż-żmien massimu garantit sabiex tiġi pproċċessata notifika tal-modifika ta' reġistru nazzjonali jew talba komuni, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat il-livell ta' disponibbiltà tar-Reġistru Ċentrali u tar-reġistri nazzjonali kif ukoll iċ-ċirkustanzi li skonthom id-disponibbiltà jew il-prestazzjoni tar-Reġistru Ċentrali jew ir-reġistri nazzjonali jistgħu jitħallew jaqgħu taħt dawn il-livelli.

(10) Sabiex jipprevedi l-evalwazzjoni tat-tħaddim tar-Reġistru Ċentrali, il-Kummissjoni għandha tieħu informazzjoni statistika mir-reġistru u twassalha lill-Istati Membri fuq bażi ta' kull xahar.

[1] ĠU L 121, 8.5.2012, p. 1.
[2] ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.
[3] ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24.

(11) Sabiex jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri żmien biżżejjed biex jagħmlu arranġamenti biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi li jikkonċernaw limiti ta' żmien u d-disponibbiltà ta' servizzi meħtieġa minn dan ir-Regolament, l-applikazzjoni tal-Artikoli 8, 9 u 10 għandha tiġi ddifferita sal-1 ta' Jannar 2015.

(12) Il-miżuri ppreveduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Messaġġi skambjati permezz tas-sistema kompjuterizzata relatata mar-reġistri nazzjonali u ċentrali**

1 L-istruttura u l-kontenut tal-messaġġi li għandhom x'jaqsmu mar-reġistrazzjoni tal-operaturi ekonomiċi u l-imħażen tat-taxxa fir-reġistri nazzjonali u fir-Reġistru Ċentrali jikkonformaw mal-Anness I.

Dawn il-messaġġi jiġu skambjati permezz tas-sistema kompjuterizzata.

2 Il-messaġġi msemmija fil-paragrafu 1 jiġu skambjati għall-finijiet li ġejjin:

(a) notifika ta' modifiki ta' reġistri nazzjonali mibgħuta mill-uffiċċji ċentrali ta' kollegament tas-sisa u d-dipartimenti ta' kollegament lir-Reġistru Ċentrali;

(b) notifika ta' modifiki tar-Reġistru Ċentrali mibgħuta lir reġistri nazzjonali;

(c) talbiet mill-uffiċċji ċentrali ta' kollegament tas-sisa u d-dipartimenti ta' kollegament għal dettalji ta' modifiki lir-Reġistru Ċentrali;

(d) talbiet mill-uffiċċji ċentrali ta' kollegament tas-sisa u d-dipartimenti ta' kollegament għal informazzjoni statistika meħuda mir-Reġistru Ċentrali;

(e) it-tressiq mill-Kummissjoni lill-Istati Membri rikjedenti ta' informazzjoni statistika meħuda mir-Reġistru Ċentrali.

3. Meta jkunu meħtieġa kodiċijiet sabiex jimtlew ċerti spazji tad-dejta fil-messaġġi msemmija fil-paragrafu 1, jintużaw il-kodiċijiet elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jew fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "rekord" tfisser entrata fir-reġistru nazzjonali jew fir-Reġistru Ċentrali msemmi fl-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012;

(2) "modifika" tfisser il-ħolqien, l-aġġornament jew l-invalidazzjoni ta' rekord;

(3) "data ta' attivazzjoni" tfisser id-data f'rekord stabbilita mill-Istat Membru responsabbli, minn liema data r-rekord ikun disponibbli għall-użu għal verifika elettronika fl-Istati Membri kollha u li minnha jkunu disponibbli d-dettalji meħuda tiegħu għal konsultazzjoni għall-operaturi ekonomiċi.

*Artikolu 3*

**Il-mogħdija ta' modifiki lir-Reġistru Ċentrali mill-uffiċċji ċentrali ta' kollegament tas-sisa u d-dipartimenti ta' kollegament**

1. Kull uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew dipartiment ta' kollegament maħtur skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 389/2012 ikun responsabbli biex jgħaddi n-notifiki ta' modifika lir-reġistru nazzjonali tiegħu lir-Reġistru Ċentrali u biex japplika l-modifiki li jkunu ntbagħtu u/jew irkuprati mir-Reġistru Ċentrali fir-reġistru nazzjonali.

2. Il-Kummissjoni tistabbilixxi u żżomm lista tal-uffiċċji ċentrali ta' kollegament tas-sisa responsabbli jew id-dipartimenti ta' kollegament fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u tagħmel din il-lista disponibbli għall-Istati Membri.

3. Kull uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew dipartiment ta' kollegament jgħaddi n-notifiki ta' kwalunkwe modifika tar-reġistru nazzjonali tiegħu lir-Reġistru Ċentrali l-aktar tard fid-data ta' attivazzjoni tal-modifika. Il-messaġġ li għandu jintuża għal modifiki ta' reġistri nazzjonali jkun il-messaġġ "Operazzjonijiet fuq ir-reġistru ta' operaturi ekonomiċi" stipulat fit-Tabella 2 tal-Anness I.

*Artikolu 4*

**Manutenzjoni tar-Reġistru Ċentrali u l-mogħdija ta' modifiki lil reġistri nazzjonali**

1. Meta tirċievi messaġġ ta' "Operazzjoni fuq ir-reġistru tal-operaturi ekonomiċi" minn uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew dipartiment ta' kollegament li fihom notifika ta' modifika għal reġistru nazzjonali, il-Kummissjoni tivverifika li l-istruttura u l-kontenut tal-messaġġ jikkonformaw mat-Tabella 2 tal-Anness I.

2. Meta l-istruttura u l-kontenut tal-messaġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jkunu konformi mat-Tabella 2 tal-Anness I, jitwettqu l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni tirreġistra l-modifika fir-Reġistru Ċentrali mingħajr dewmien;

(b) tintbagħat notifika lil kull Stat Membru li għandu l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament rreġistrat biex jirċievu notifiki ta' modifiki bl-użu ta' messaġġ ta' "Operazzjonijiet fuq ir-reġistru tal-operaturi ekonomiċi" stipulat fit-Tabella 2 tal-Anness I.

3. Meta l-istruttura jew il-kontenut tal-messaġġ ta' "Operazzjonijiet fuq ir-reġistru tal-operaturi ekonomiċi" msemmi fil-paragrafu 1 ma jkunux konformi mat-Tabella 2 tal-Anness I, il-Kummissjoni tibgħat lura n-notifika lill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament li tkun għaddiet in-notifika bl-użu ta' messaġġ ta' "Rifjut ta' aġġornament tal-operaturi ekonomiċi" stabbilit fit-Tabella 3 tal-Anness I, b'kodiċi tar-raġuni li jispeċifika r-raġuni għar-rifjut.

4. Malli jirċievi l-messaġġ ta' "Rifjut ta' aġġornament tal-operaturi ekonomiċi", l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament iwettaq kwalunkwe azzjoni korrettiva meħtieġa mingħajr dewmien u jissottometti n-notifika mill-ġdid.

5. L-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament ta' kull Stat Membru li ma jkunx irreġistrat biex jirċievi notifiki ta' modifiki mill-Kummissjoni jitlob estratt tal-modifiki applikati lir-Reġistru Ċentrali almenu darbtjen kuljum bl-użu tal-messaġġ ta' "Talba komuni" stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I.

*Artikolu 5*

**Daħla ta' modifiki f'reġistri nazzjonali**

1. Almenu darbtjen kuljum l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament ta' kull Stat Membru jdaħħal il-modifiki li jiġu riċevuti mir-Reġistru Ċentrali fir-reġistru nazzjonali tiegħu.

2. Il-modifiki msemmija fil-paragrafu 1 jkunu disponibbli għall-konsultazzjoni mill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament hekk kif dawn jiddaħħlu fir-reġistru nazzjonali u jkunu disponibbli għall-użu f'verifika elettronika mid-data ta' attivazzjoni tal-modifika.

*Artikolu 6*

**Konsultazzjoni tar-Reġistru Ċentrali minn operaturi ekonomiċi**

1. Almenu darbtjen kuljum il-Kummissjoni tipprepara estratt mir-Reġistru Ċentrali tar-rekords attivi kollha. Fit-tħejjija ta' dak l-estratt, il-Kummissjoni tneħħi kull reġistrazzjoni li ma tkunx disponibbli għal konsultazzjoni pubblika. Il-Kummissjoni tneħħi wkoll minn rekords li jifdal id-dettalji kollha għal kull tip ta' operatur ekonomiku jew bini tiegħu li ma jikkorrispondix għad-deskrizzjonijiet ta' dettalji estratti ta' entrati stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 3.

2. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni għal dettalji estratti ta' rekord billi jissottomettu n-numru tas-sisa uniku msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012.

3. Meta n-numru tas-sisa uniku sottomess jikkorrispondi għal numru tas-sisa preżenti fl-estratt tar-Reġistru Ċentrali, id-dettalji estratti tar-reġistru jintbagħtu lura lill-operatur ekonomiku, li jkun għamel it-talba, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk in-numru tas-sisa uniku sottomess jikkorrispondi għal rekord ta' magazzinier awtorizzat, destinatarju rreġistrat jew speditur irreġistrat, l-estratt ikun fih xi wieħed minn dan li ġej:

   (i) id-deskrizzjoni testwali tal-kodiċi tat-tip ta' operatur (il-grupp ta' dejta 2 e stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness I);

   (ii) almenu kodiċi tal-kategorija tal-prodott tas-sisa wieħed (il-grupp ta' dejta 2.4 a fil-messaġġ ta' "Operazzjonijiet fuq ir-reġistru tal-operaturi ekonomiċi") jew almenu kodiċi tal-prodott tas-sisa wieħed (il-grupp tad-dejta 2.5 a stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness I);

   (iii) taħlita ta' gruppi ta' dejta 2.4 a u 2.5 a li tkun konformi mar-regoli li jinsabu fid-deskrizzjoni stabbilita fit-Tabella 2 tal-Anness I;

(b) jekk in-numru tas-sisa uniku sottomess jikkorrispondi għal rekord ta' magazzinier awtorizzat, l-estratt jindika xi wieħed minn dawn li ġejjin:

   (i) almenu kodiċi tal-kategorija tal-prodotti tas-sisa wieħed (il-grupp ta' dejta 3.4 a stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness I);

   (ii) almenu kodiċi tal-prodott tas-sisa wieħed (il-grupp ta' dejta 3.5 a stipulat fit-Tabella 2 tal-Anness I);

   (iii) taħlita ta' gruppi ta' dejta 3.4 a u 3.5 a li tkun konformi mar-regoli li jinsabu fid-deskrizzjoni stabbilita fit-Tabella 2 tal-Anness I;

(c) jekk in-numru tas-sisa uniku sottomes jikkorrispondi għal destinatarju rreġistrat li jaqa' taħt il-punt (h) tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, apparti d-dejta pprovduta fil-punt (a), l-estratt ikun fih l-informazzjoni li ġejja:

   (i) id-data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni (il-grupp ta' dejta 4 c stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness I);

   (ii) jekk l-awtorizzazzjoni tista' tintuża għal aktar minn moviment wieħed (il-grupp ta' dejta 4 d fit-Tabella 2 tal-Anness I);

   (iii) almenu sett wieħed ta' dettalji ta' awtorizzazzjoni temporanji (il-grupp ta' dejta 4.3 stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness I);

4. Meta ma jkunx hemm korrispondenza bejn in-numru tas-sisa uniku sottomess u l-estratt mir-Reġistru Ċentrali, jiġi infurmat l-operatur ekonomiku li jkun għamel it-talba.

5. Jekk operatur ekonomiku jsostni li rekord relatat mal-awtorizzazzjoni tiegħu jkun nieqes jew mhux korrett, il-Kummissjoni, fuq talba, tgħarrfu dwar kif jagħmel talba għal korrezzjoni tar-rekord u jipprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament tal-Istat Membru responsabbli.

*Artikolu 7*

**Informazzjoni u rapporti ta' statistika**

1. L-informazzjoni statistika li trid tiġi estratta mill-Kummissjoni mir-Reġistru Ċentrali skont l-Artikolu 34(5) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012 tkun din li ġejja:

(a) l-għadd ta' rekords attivi u inattivi ta' operaturi ekonomiċi;

(b) l-għadd ta' skadenzi pendenti ta' awtorizzazzjonijiet, li jkun it-total ta' awtorizzazzjonijiet li se jiskadu fix-xahar ta' wara jew fit-tliet xhur ta' wara;

(c) it-tipi ta' operaturi ekonomiċi, l-għadd ta' operaturi ekonomiċi, skont it-tip u n-numru ta' mħażen tat-taxxa;

(d) l-għadd ta' operaturi ekonomiċi awtorizzati skont il-prodott u skont il-kategorija tal-prodotti;

(e) l-għadd ta' modifiki għal awtorizzazzjonijiet tas-sisa.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni statistika msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tipprepara rapport kull xahar għall-Istati Membri.

2. Kwalunkwe uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew dipartiment ta' kollegament jista' jitlob lill-Kummissjoni tħejji rapport ta' statistika speċifiku fuq ir-reġistru ċentrali. Dik it-talba ssir billi jintuża l-messaġġ ta' "Talba komuni" stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I. Il-Kummissjoni twieġeb billi tuża l-messaġġ ta' "statistika SEED" stabbilit fit-Tabella 4 tal-Anness I.

*Artikolu 8*

**Il-limitu ta' żmien għan-notifiki ta' pproċessar ta' modifiki tar-reġistru nazzjonali u talbiet komuni**

1. F'temp ta' sagħtejn minn meta tirċievi notifika ta' modifika ta' reġistru nazzjonali, il-Kummissjoni tipproċessa dik il-modifika skont l-Artikolu 4.

2. F'temp ta' sagħtejn minn meta tirċievi messaġġ ta' "Talba Komuni" stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I, il-Kummissjoni tipprovdi l-informazzjoni mitluba lill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tas-sisa jew id-dipartiment ta' kollegament rikjedenti.

*Artikolu 9*

**Disponibbiltà**

Ir-Reġistru Ċentrali u r-reġistri nazzjonali jkunu disponibbli l-ħin kollu.

*Artikolu 10*

**Limitu għal obbligi ta' servizz**

L-obbligi tas-servizz tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9 ma japplikawx taħt dawn ċirkustanzi debitament iġġustifikati:

(a) ir-Reġistru Ċentrali jew reġistru nazzjonali ma jkunx disponibbli minħabba ħsarat fil-ħardwer jew fit-telekomunikazzjoni;

(b) ikun hemm problemi tan-netwerk li ma jkunux taħt il-kontroll dirett tal-Kummissjoni jew tal-Istat Membru kkonċernat;

(c) force majeure;

(d) manutenzjoni skedata nnotifikata almenu 48 siegħa qabel il-bidu previst tal-perjodu ta' manutenzjoni.

*Artikolu 11*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 8, 9 u 10 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

## NOTI TA' SPJEGAZZJONI DWAR MESSAĠĠI ELETTRONIĊI UŻATI GĦAŻ-ŻAMMA TAR-REĠISTRU TAL-OPERATURI EKONOMIĊI

1. L-elementi tad-dejta tal-messaġġi elettroniċi użati għall-finijiet tas-sistema kompjuterizzata huma strutturati fi gruppi ta' dejta u, fejn applikabbli, subgruppi ta' dejta. Id-dettalji dwar l-elementi tad-dejta u l-użu tagħhom huma ppreżentati fit-tabelli ta' dan l-Anness, li fihom:

   (a) il-kolonna A tipprovdi l-kodiċi numeriku (numru) attribwit għal kull grupp ta' dejta u subgrupp ta' dejta; kull subgrupp isegwi n-numru tas-sekwenza tas-(sub)grupp tad-dejta li minnu jagħmel parti (pereżempju: jekk in-numru tal-grupp tad-dejta jkun 1, subgrupp wieħed tad-dejta ta' dan il-grupp jkun 1.1 u subgrupp wieħed tad-dejta ta' dan is-subgrupp jkun 1.1.1);

   (b) il-kolonna B tipprovdi l-kodiċi alfabetiku (ittra) attribwit għal kull element tad-dejta f'(sub)grupp tad-dejta;

   (c) il-kolonna C tidentifika s-(sub)grupp tad-dejta jew l-element tad-dejta;

   (d) il-kolonna D tipprovdi lil kull (sub)grupp tad-dejta jew element tad-dejta b'valur li jindika jekk id-daħla tad-dejta korrispondenti tkunx:

      (i) "R" (Obbligatorju), li tfisser li d-dejta trid tiġi pprovduta. Jekk (sub)grupp tad-dejta jkun "O" (Fakultattiv) jew "C" (Kundizzjonali), elementi tad-dejta fi ħdan dak il-grupp xorta waħda jistgħu jkunu "R" (Obblitatorju) meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jkunu ddeċidew li d-dejta f'dan is-(sub)grupp trid timtela jew meta tapplika l-kundizzjoni;

      (ii) "O" (Fakultattiv), tfisser li d-daħla tad-dejta hija fakultattiva għall-persuna li tissottometti l-messaġġ (l-ispeditur jew id-destinatarju) ħlief jekk Stat Membru jkun stipula li d-dejta tkun meħtieġa f'konformità mal-għażla pprovduta fil-kolonna E għal xi wħud mis-(sub)gruppi tad-dejta jew elementi tad-dejta fakultattivi;

      (iii) "C" (Kundizzjonali) tfisser li l-użu tas-(sub)grupp tad-dejta jew l-element tad-dejta jiddependi fuq (sub)gruppi oħra jew elementi tad-dejta oħra fl-istess messaġġ;

      (iv) "D" (Dipendenti) tfisser li l-użu tas-(sub)grupp tad-dejta jew l-element tad-dejta jiddependu fuq kundizzjoni li ma tistax tiġi kkontrollata mis-sistema kkompjuterizzata, kif previst fil-kolonni E u F;

   (e) il-kolonna E tipprovdi l-kundizzjoni(jiet) għad-dejta li d-daħla tagħha hija kundizzjonali, tispeċifika l-użu tad-dejta fakultattiva u dipendenti fejn applikabbli u tindika liema dejta trid tiġi pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti;

   (f) il-kolonna F tipprovdi spjegazzjonijiet, fejn meħtieġ, dwar kif għandu jsir il-messaġġ;

   (g) il-kolonna G tipprovdi:

      (i) għal xi (sub)gruppi tad-dejta, numru segwit mill-karattru "x" li jindika kemm-il darba s-(sub)grupp tad-dejta jista' jiġi ripetut fil-messaġġ (jekk mhux indikat mod ieħor = 1);

      (ii) għal kull element tad-dejta, ħlief għall-elementi tad-dejta li jindikaw iż-żmien u/jew id-data, il-karatteristiċi li jidentifikaw it-tip ta' dejta u t-tul tad-dejta. Il-kodiċijiet għat-tipi ta' dejta huma kif ġej:

      — a alfabetiċi;

      — n numeriċi;

      — an alfanumeriċi.

      In-numru ta' wara l-kodiċi jipprovdi t-tul ammissibbli tad-dejta għall-element tad-dejta kkonċernat. Iż-żewġ tikek fakultattivi qabel l-indikatur tat-tul ifissru li d-dejta m'għandhiex tul fiss, iżda jista' jkollha għadd ta' numri, kif speċifikat mill-indikatur tat-tul. Virgola fit-tul tad-dejta tfisser li d-dejta jista' jkollha d-deċimali, in-numru ta' qabel il-virgola jindika t-tul totali tal-attribut, u n-numru ta' wara l-virgola jindika n-numru massimu ta' numri wara l-punt deċimali.

      (iii) għal elementi tad-dejta li jindikaw il-ħin u/jew id-data, il-kliem' "data", "ħin" jew "dataĦin", li jfissru li d-data, il-ħin jew id-data u l-ħin iridu jingħataw skont l-istandard tal-ISO 8601 għar-rappreżentazzjoni tad-dati u l-ħin.

2. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin huma użati fit-tabelli ta' dan l-Anness:

(a) e-AD: dokument amministrattiv elettroniku;

(b) ARC: kodiċi amministrattiv ta' referenza

(c) SEED: Is-Sistema għall-Iskambju tad-Dejta tas-Sisa (il-bażi tad-dejta elettroniku msemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012;

(d) Kodiċi NM: Kodiċi tan-Nomenklaturi Magħquda.

3. Id-definizzjonijiet li ġejjin jintużaw fit-tabelli ta' dan l-Anness:

(a) "Data tal-Bidu" tfisser "Data tal-Bidu tal-Awtorizzazzjoni" jew "Data tal-Bidu tal-Validità;"

(b) "Data tat-Tmiem" tfisser "Data tat-Tmiem tal-Awtorizzazzjoni " jew "Data tat-Tmiem tal-Validità;"

(c) "Data tal-Bidu tal-Awtorizzazzjoni " tfisser id-data minn meta operatur ekonomiku jkun awtorizzat mill-Istat Membru responsabbli biex jipproduċi, jaħżen, jibgħat jew jirċievi oġġetti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju;

(d) "Data tat-Tmiem tal-Awtorizzazzjoni" tfisser id-data minn meta operatur ekonomiku ma jibqax awtorizzat mill-Istat Membru responsabbli;

(e) "Data tal-Bidu tal-Validità" tfisser id-data minn meta operatur ekonomiku jkun awtorizzat mill-Istat Membru responsabbli biex jipproduċi, jaħżen, jibgħat jew jirċievi oġġetti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju;

(f) "Data tat-Tmiem tal-Validità" tfisser id-data minn meta l-istabbiliment ta' operatur ekonomiku ma jibqax validu.

*Tabella 1*

**Talba komuni**

(imsemmija fl-Artikoli 4, 7 u 8)

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |
| | *a* | Tip ta’ Talba | R | | Il-valuri possibli huma:<br>— 2 = Talba għal estrazzjoni tad-dejta ta’ referenza<br>— 3 = Talba għal irkupru tad-dejta ta’ referenza<br>— 4 = Talba għal estrazzjoni tal-operaturi ekonomiċi<br>— 5 = Talba għal irkupru tal-operaturi ekonomiċi<br>— 6 = Talba għal EOL<br>— 7 = Talba għal irkupru ta’ lista ta’ e-ADs<br>— 8 = Talba għal statistika SEED | n1 |
| | *b* | Talba għall-Isem tal-Messaġġ | C | — "R" jekk <Tip ta’ Talba> tkun "2" jew "3"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara t-Tip ta’ Talba fil-Kaxxa 1a)* | Il-valuri possibbli huma:<br>— "C_COD_DAT" = Lista komuni ta’ kodiċijiet<br>— "C_PAR_DAT" = Parametri tas-sistema komuni<br>— "ALL" = Għall-istruttura sħiħa | a.. 9 |
| | *c* | Uffiċċju Rikjedenti | R | | Identifikatur eżistenti <Numru ta’ Referenza tal-Uffiċċju> fis-sett ta’ <UFFIĊĊJU> | an8 |
| | *d* | Talba għal identifikatur ta’ korrelazz-joni | C | — "R" jekk <Tip ta’ Talba> tkun "2", "3", "4", "5", "7", jew "8"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara t-Tip ta’ Talba fil-Kaxxa 1a)* | Il-valur ta’ <Talba għal Identifikatur ta’ Korrelazzjoni > huwa uniku għal kull Stat Membru | an..16 |
| | *e* | Data tal-Bidu | C | Għal 1 *e u f*:<br>— "R" jekk <Tip ta’ Talba> tkun "3" jew "5"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara t-Tip ta’ Talba fil-Kaxxa 1a)* | | data |
| | *f* | Data tat-Tmiem | C | | | data |
| | *g* | Data Unika | C | — "R" jekk <Tip ta’ Talba> tkun "2" jew "4"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara t-Tip ta’ Talba fil-Kaxxa 1a)* | | data |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | | **TALBA GĦAL-LISTA E-AD** | C | — "R" jekk <Tip ta’ Talba> tkun "7"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara t-Tip ta’ Talba fil-Kaxxa 1a)* | | |
| | *a* | Kodiċi tal-Istat Membru | R | | *(ara l-Lista ta’ kodiċijiet 3 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | a2 |
| **2.1** | | **RA_KRITERJU PRIMARJU** | R | | | 99x |
| | *a* | Kodiċi tat-Tip Kriterju Primarju | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = ARC<br>— 2 = Marka kummerċjali tal-prodott<br>— 3 = Kategoriji ta’ prodotti tas-sisa tal-moviment<br>— 4 = (riservat)<br>— 5 = (riservat)<br>— 6 = (riservat)<br>— 7 = (riservat)<br>— 8 = Belt tad-destinatarju<br>— 9 = Belt tal-ispeditur<br>— 10 = Belt tal-garanti<br>— 11 = (riservat)<br>— 12 = Belt tal-post tal-kunsinna<br>— 13 = Belt tal-maħżen tat-taxxa tad-dispaċċ<br>— 14 = Belt tat-trasportatur<br>— 15 = Kodiċi NM tal-prodott<br>— 16 = Data tal-fattura<br>— 17 = Numru tas-sisa tad-destinatarju<br>— 18 = Numru tas-sisa tal-ispeditur<br>— 19 = Numru tas-sisa tal-garanti<br>— 20 = (riservat)<br>— 21 = (riservat)<br>— 22 = Numru tas-sisa tal-maħżen tat-taxxa tad-destinazzjoni<br>— 23 = Numru tas-sisa tal-maħżen tat-taxxa tad-dispaċċ<br>— 24 = (riservat)<br>— 25 = Kodiċi tal-prodott tas-sisa<br>— 26 = Ħin tal-ivvjaġġar<br>— 27 = L-Istat Membru tad-destinazzjoni | n..2 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | — 28 = L-Istat Membru tad-dispaċċ<br>— 29 = Isem id-destinatarju<br>— 30 = Isem l-ispeditur<br>— 31 = Isem il-garanti<br>— 32 = (riservat)<br>— 33 = Isem il-post tal-kunsinna<br>— 34 = Belt tal-maħżen tat-taxxa tad-dispaċċ<br>— 35 = Isem it-trasportatur<br>— 36 = Numru tal-fattura<br>— 37 = Kodiċi postali tad-destinatarju<br>— 38 = Kodiċi postali tal-ispeditur<br>— 39 = Kodiċi postali tal-garanti<br>— 40 = (riservat)<br>— 41 = Kodiċi postali tal-post tal-kunsinna<br>— 42 = Kodiċi postali tal-maħżen tat-taxxa tad-dispaċċ<br>— 43 = Kodiċi postali tat-trasportatur<br>— 44 = Kwantità ta’ oġġetti (f'korp e-AD)<br>— 45 = Numru ta’ Referenza Lokali, li jkun numru tas-serje, assenjat mill-ispeditur<br>— 46 = Tip ta’ trasport<br>— 47 = (riservat)<br>— 48 = (riservat)<br>— 49 = Numru tal-VAT tad-destinatarju<br>— 50 = (riservat)<br>— 51 = Numru tal-VAT tat-trasportatur<br>— 52 = Bidla fid-destinazzjoni (numru tas-sekwenza ≥ 2) | |
| **2.1.1** | | **RA_VAULR PRIMARJU** | O | | | 99x |
| | *a* | Valur | R | | | an..255 |
| **3** | | **STA_TALBA** | C | — "R" jekk <Tip ta’ Talba> tkun "8"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara t-Tip ta’ Talba fil-Kaxxa 1a)* | | |
| | *a* | Tip ta’ Statistika | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Operaturi ekonomiċi attivi u inattivi<br>— 2 = Skadenzi pendenti | n1 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | — 3 = Operaturi ekonomiċi skont it-tip u l-imħażen tat-taxxa<br>— 4 = Attività tas-sisa<br>— 5 = Bidliet fl-awtorizzazjonijiet tas-sisa | |
| **3.1** | | **KODIĊI TAL-LISTA TA' STATI MEMBRI** | R | | | 99x |
| | *a* | Kodiċi tal-Istat Membru | R | | *(ara Lista ta' kodiċijiet 3 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | a2 |
| **4** | | **STA_PERJODU** | C | — "R" jekk <Tip ta' Talba> tkun "8"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara t-Tip ta' Talba fil-Kaxxa 1a)* | | |
| | *a* | Sena | R | | | n4 |
| | *b* | Semestru | C | Għal 4 *b, c u d*:<br>Dawn it-tliet unitajiet tad-dejta huma fakultattivi u esklużivi:<br>— <Semestru><br>— <Kwart><br>— <Xahar><br>jiġifieri jekk jingħata wieħed minn dawn l-unitajiet tad-dejta, allura ż-żewġ unitajiet tad-dejta l-oħra ma japplikawx | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = L-ewwel semestru<br>— 2 = It-tieni semestru | n1 |
| | *c* | Kwart | C | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = L-ewwel kwart<br>— 2 = It-tieni kwart<br>— 3 = It-tielet kwart<br>— 4 = Ir-raba' kwart | n1 |
| | *d* | Xahar | C | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Jannar<br>— 2 = Frar<br>— 3 = Marzu<br>— 4 = April<br>— 5 = Mejju<br>— 6 = Ġunju<br>— 7 = Lulju<br>— 8 = Awwissu<br>— 9 = Settembru | n..2 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | — 10 = Ottubru<br>— 11 = Novembru<br>— 12 = Diċembru | |
| **5** | | **REF_TALBA** | C | — "R" jekk <Tip ta' Talba> tkun "2" jew "3"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(ara t-Tip ta' Talba fil-Kaxxa 1a)* | | |
| **5.1** | | **KODIĊI TAL-LISTA TA' KODIĊIJIET** | O | | | 99x |
| | *a* | Lista ta' Kodiċijiet mitluba | O | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Unitajiet ta' kejl<br>— 2 = Tipi ta' avvenimenti<br>— 3 = Tipi ta' evidenza<br>— 4 = (riservat)<br>— 5 = (riservat)<br>— 6 = Kodiċijiet tal-lingwa<br>— 7 = Stati Membri<br>— 8 = Kodiċijiet tal-pajjiżi<br>— 9 = Kodiċijiet tal-ippakkjar<br>— 10 = Raġunijiet għal riċevuta mhux soddisfaċenti jew rapport ta' kontroll<br>— 11 = Raġunijiet għal interruzzjoni<br>— 12 = (riservat)<br>— 13 = Modi ta' trasport<br>— 14 = Unitajiet ta' trasport<br>— 15 = Żoni li jkabbru l-inbid<br>— 16 = Kodiċijiet tat-trattament tal-inbid<br>— 17 = Kategoriji tal-prodott tas-sisa<br>— 18 = Prodotti tas-sisa<br>— 19 = Kodiċijiet NM<br>— 20 = Korrispondenzi bejn il-kodiċi NM u l-prodott tas-sisa<br>— 21 = Raġunijiet għall-Kanċellazzjoni<br>— 22 = Twissija jew ċaħda tar- raġunijiet e-AD<br>— 23 = Spjegazzjonijiet għad-dewmien<br>— 24 = (riservat)<br>— 25 = Persuni li jissottomettu l-avveniment<br>— 26 = Storja tar-raġunijiet għar-rifjut | n..2 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | — 27 = Raġunijiet għad-dewmien fir-riżultat<br>— 28 = Azzjonijiet ta’ kooperazzjoni amministrativa<br>— 29 = Raġunijiet għal talba ta’ kooperazzjoni amministrativa<br>— 30 = (riservat)<br>— 31 = (riservat)<br>— 32 = (riservat)<br>— 33 = (riservat)<br>— 34 = Raġunijiet għaliex l-azzjoni ta’ kooperazzjoni amministrativa mhijiex possibbli<br>— 35 = Raġunijiet għaċ-ċaħda tat-talba komuni<br>— 36 = (riservat) | |

*Tabella 2*

**Operazzjonijiet fuq ir-reġistru tal-operaturi ekonomiċi**

(imsemmija fl-Artikoli 3, 4 u 6)

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |
| | *a* | Tip ta’ Messaġġ | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Aġġornament tal-operaturi ekonomiċi (Notifika ta’ tibdil fis-SĊ/DR)<br>— 2 = Disseminazzjoni ta’ aġġornamenti ta’ operaturi ekonomiċi<br>— 3 = Irkupru ta’ operaturi ekonomiċi<br>— 4 = Estrazzjoni ta’ operaturi ekonomiċi | n1 |
| | *b* | Talba għal Identifikatur ta’ Korrelazzjoni | C | — "R" jekk <Tip ta’ Talba> tkun "3" jew "4"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(ara t-Tip ta’ Messaġġ fil-Kaxxa 1a)* | Il-valur ta’ <Talba għal Identifikatur ta’ Korrelazzjoni > huwa uniku għal kull Stat Membru | an..16 |
| **2** | | **AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT** | O | | | 999999x |
| | *a* | Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant | R | | *(Ara l-Lista ta’ kodiċijiet 1 fl-Anness II).* In-<Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant> irid ikun uniku fil-lista tal-<AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>. | an13 |
| | *b* | Numru tal-VAT | O | | | an.. 14 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *c* | Data tal-Bidu tal-Awtorizzazzjoni | R | | | data |
| | *d* | Data tat-Tmiem tal-Awtorizzazzjoni | O | | | data |
| | *e* | Kodiċi tat-Tip ta' Operatur | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Magazzinier awtorizzat<br>— 2 = Destinatarju rreġistrat<br>— 3 = Speditur irreġistrat<br>Il-valur tal-oġġett tad-dejta tal-<Kodiċi tat-Tip ta' Operatur> ma jistax jinbidel wara l-ħolqien tal-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT | n1 |
| | *f* | Numru ta' Referenza tal-Uffiċċju tas-Sisa | R | | *(ara Lista ta' kodiċijiet 5 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an8 |
| **2.1** | | **AZZJONI** | R | | | |
| | *a* | Operazzjoni | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— C = Oħloq<br>— U = Aġġorna<br>— I = Invalida | a1 |
| | *b* | Data tal-Attivazzjoni | C | — "R" jekk <Operazzjoni> tkun "C" jew "U"<br>— "O" għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara l-Operazzjoni fil-Kaxxa 2.1a)* | Jekk <Data tal-Attivazzjoni> ma tiddaħħalx, id-Data tal-Attivazzjoni tal-operazzjoni Invalida titqies bħala d-data li l-operazzjoni Invalida tiġi inkorporata fir-reġistru ċentrali. | data |
| | *c* | Amministratur tad-Dejta Responsabbli | O | | | an..35 |
| **2.2** | | **ISEM U INDIRIZZ** | R | | | 99x |
| | *a* | Isem | R | | | an..182 |
| | *b* | NAD_LNG | R | | *(ara Lista ta' kodiċijiet 1 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | a2 |
| **2.2.1** | | **INDIRIZZ** | R | | | |
| | *a* | Isem tat-Triq | R | | | an..65 |
| | *b* | Numru tat-Triq | O | | | an..11 |

<table>
<tr><th>A</th><th>B</th><th>C</th><th>D</th><th>E</th><th>F</th><th>G</th></tr>
<tr><td></td><td>c</td><td>Kodiċi postali</td><td>R</td><td></td><td></td><td>an..10</td></tr>
<tr><td></td><td>d</td><td>Belt</td><td>R</td><td></td><td></td><td>an..50</td></tr>
<tr><td></td><td>e</td><td>Kodiċi tal-Istat Membru</td><td>R</td><td></td><td>(ara Lista ta' kodiċijiet 3 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)</td><td>a2</td></tr>
<tr><td colspan="2">2.3</td><td>KODIĊI TAR-RWOL TAL-OPERATUR</td><td>O</td><td></td><td></td><td>9x</td></tr>
<tr><td></td><td>a</td><td>Kodiċi tar-rwol tal-operatur</td><td>R</td><td></td><td>Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Permess li jikkunsinna b'mod dirett<br>— 2 = Permess li jħalli l-unità tad-destinazzjoni vojta skont il-punt (f) tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012.<br>L-akkoppjamenti <Tip ta' Operatur/Kodiċi tar-Rwol tal-Operatur> huma kif ġej:<br><table>
<tr><th>OP/OR TYPE / OP/OR ROLE</th><th>AUTH. WH KEEPER</th><th>REG. CON/EE</th><th>REG. CON/OR</th></tr>
<tr><td>Allowed to practise direct delivery</td><td>X</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Allowed to leave empty the destination fields according to point (f) of Article 19(2) of Regulation (EU) No 389/2012</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td><td>n1</td></tr>
<tr><td colspan="2">2.4</td><td>KODIĊI TAL-KATEGORIJA TAL-PRODOTTI TAS-SISA</td><td>C</td><td>Għall-inqas wieħed mill-gruppi ta' dejta tal-<kodiċi tal-KATEGORIJA TAL-PRODOTTI TAS-SISA> jew il-<kodiċi tal-PRODOTT TAS-SISA> irid ikun preżenti</td><td></td><td>999x</td></tr>
<tr><td></td><td>a</td><td>Kodiċi tal-Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa</td><td>R</td><td></td><td>(ara l-Lista ta' kodiċijiet 3 fl-Anness II)<br>Il-<Kodiċi tal-Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa> irid ikun uniku fil-lista tal-<Kodiċi tal-KATEGORIJA TAL-PRODOTTI TAS-SISA> fl-istess <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT> jew <MAĦŻEN TAT-TAXXA></td><td>a1</td></tr>
</table>

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2.5** | | **KODIĊI TAL-PRODOTT TAS-SISA** | C | Għall-inqas wieħed mill-gruppi ta' dejta tal-<kodiċi tal-KATEGORIJA TAL-PRODOTTI TAS-SISA> jew il-<kodiċi tal-PRODOTT TAS-SISA> irid ikun preżenti | | 999x |
| | *a* | Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 11 fl-Anness II* għar-Regolament (KE) Nru 684/2009)<br><br>Il-<Kodiċi tal-Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa> tal-<Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa> m'għandhomx jeżistu fl-istess <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT> jew <MAĦŻEN TAT-TAXXA><br><br>Il-<Kodiċi tal-Prodotti tas-Sisa> irid ikun uniku fil-lista tal-<Kodiċi tal-PRODOTTI TAS-SISA> fl-istess <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>, <MAĦŻEN TAT-TAXXA>, jew <AWTORIZZAZZJONI TEMPORANJA> | an..4 |
| **2.6** | | **MAĦŻEN TAT-TAXXA (LI JKUN QED JINTUŻA')** | C | — "R" jekk <Kodiċi tat-Tip ta' Operatur> tkun "Magazzinier awtorizzat"<br><br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br><br>*(ara l-Kodiċi tat-Tip ta' Operatur fil-Kaxxa 2e)* | | 99x |
| | *a* | Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 1 fl-Anness II)*<br><br>Ir-"Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa" tkun waħda mill-<MAĦŻEN TAT-TAXXA. Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa> b'tali mod li teżisti mill-inqas Verżjoni attiva waħda li jkollha l-Intervall tal-Validità tagħha li jinkroċja l-Intervall tal-Validità tal-<AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>, wara d-Data tal-Attivazzjoni data ta' dawn tal-aħħar, b'mill-inqas jum wieħed<br><br>Ir-<Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa> trid tkun unika fil-lista ta' <MAĦŻEN TAT-TAXXA>. | an13 |
| **3** | | **MAĦŻEN TAT-TAXXA** | O | | | 999999x |
| | *a* | Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 1 fl-Anness II)*<br><br>Ir-<Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa> trid tkun unika fil-lista ta' <MAĦŻEN TAT-TAXXA>.<br><br>Ir-"Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa" tkun l-istess bħal waħda mill-<MAĦŻEN TAT-TAXXA (LI JKUN QED JINTUŻA). Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa> f'waħda jew aktar mill-gruppi ta' dejta tal-<AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT> tat-tip "Magazzinier Awtorizzat" li tissodisfa wkoll ir-Regola204 | an13 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *b* | Data tal-Bidu tal-Validità | R | | | data |
| | *c* | Data tat-Tmiem tal-Validità | O | | | data |
| | *d* | Numru tar-Referenza tal-Uffiċċju tas-Sisa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 5 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an8 |
| **3.1** | | **AZZJONI** | R | | | |
| | *a* | Operazzjoni | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— C = Oħloq<br>— U = Aġġorna<br>— I = Invalida | a1 |
| | *b* | Data tal-Attivazzjoni | C | — "R" jekk <Operazzjoni> tkun "C" jew "U"<br>— "O" għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara l-Operazzjoni fil-Kaxxa 3.1a)* | Jekk <Data tal-Attivazzjoni> ma tiddaħħalx, id-Data tal-Attivazzjoni tal-Operazzjoni invalida titqies bħala d-data li l-Operazzjoni invalida tiġi inkorporata fir-reġistru ċentrali. | data |
| | *c* | Maniġer Responsabbli għad-Dejta | O | | | an..35 |
| **3.2** | | **ISEM U INDIRIZZ** | R | | | 99x |
| | *a* | Isem | R | | | an..182 |
| | *b* | NAD_LNG | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 1 fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | a2 |
| **3.2.1** | | **INDIRIZZ** | R | | | |
| | *a* | Isem tat-Triq | R | | | an..65 |
| | *b* | Numru tat-Triq | O | | | an..11 |
| | *c* | Kodiċi postali | R | | | an..10 |
| | *d* | Belt | R | | | an..50 |
| | *e* | Kodiċi tal-Istat Membru | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 3 fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | a2 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **3.4** | | **KODIĊI TAL-KATEGORIJA TAL-PRODOTTI TAS-SISA** | C | Għall-inqas wieħed mill-gruppi ta' dejta tal-<kodiċi tal-KATEGORIJA TAL-PRODOTTI TAS-SISA> jew il-<kodiċi tal-PRODOTT TAS-SISA> irid ikun preżenti | | 999x |
| | *a* | Kodiċi tal-Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 3 fl-Anness II)*<br><br>Il-<Kodiċi tal-Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa> irid ikun uniku fil-lista tal-<Kodiċi tal-KATEGORIJA TAL-PRODOTTI TAS-SISA> fl-istess <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT> jew <MAĦŻEN TAT-TAXXA> | an1 |
| **3.5** | | **KODIĊI TAL-PRODOTT TAS-SISA** | C | Għall-inqas wieħed mill-gruppi ta' dejta tal-<kodiċi tal-KATEGORIJA TAL-PRODOTTI TAS-SISA> jew il-<kodiċi tal-PRODOTT TAS-SISA> irid ikun preżenti | | 999x |
| | *a* | Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa | R | | *(ara Lista ta' kodiċijiet 11 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)*<br><br>Il-<Kodiċi tal-Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa> tal-<Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa> m'għandhomx jeżistu fl-istess <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT> jew <MAĦŻEN TAT-TAXXA><br><br>Il-<Kodiċi tal-Prodotti tas-Sisa> irid ikun uniku fil-lista tal-<Kodiċi tal-PRODOTTI TAS-SISA> fl-istess <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>, <MAĦŻEN TAT-TAXXA>, jew <AWTORIZZAZZJONI TEMPORANJA> | an..4 |
| **4** | | **AWTORIZZAZZJONI TEMPORANJA** | O | | | 999999x |
| | *a* | Referenza ta' Awtorizzazzjoni Temporanja | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 2 fl-Anness II)* | an13 |
| | *b* | Numru tal-Ħruġ ta' Referenza tal-Uffiċċju | R | | *(ara Lista ta' kodiċijiet 5 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an8 |
| | *c* | Data tal-Iskadenza | R | | | data |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *d* | Marka ta' Awtorizzazzjoni Temporanja li Tista' Terġa' Tintuża | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 0 = Le jew Falz<br>— 1 = Iva jew Veru | n1 |
| | *e* | Numru tal-VAT | O | | | an..14 |
| | *f* | Data tal-Bidu tal-Awtorizzazzjoni | R | | | data |
| | *g* | Marka tal-Produttur Żgħir tal-Inbid | O | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 0 = Le jew Falz<br>— 1 = Iva jew Veru | n1 |
| **4.1** | | **AZZJONI** | R | | | |
| | *a* | Operazzjoni | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— C = Oħloq<br>— U = Aġġorna<br>— I = Invalida | a1 |
| | *b* | Data tal-Attivazzjoni | C | — "R" jekk <Operazzjoni> tkun "C" jew "U"<br>— "O" għall-każijiet l-oħrajn<br>*(Ara l-Operazzjoni fil-Kaxxa 4.1a)* | Jekk <Data tal-Attivazzjoni> ma tiddaħħalx, id-Data tal-Attivazzjoni tal-Operazzjoni invalida titqies bħala d-data li l-Operazzjoni invalida tiġi inkorporata fir-reġistru ċentrali. | data |
| | *c* | Maniġer Responsabbli għad-Dejta | O | | | an..35 |
| **4.2** | | **SPEDITUR KUMMERĊJANT** | R | | | |
| | *a* | Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant | C | — "R" jekk <Awtorizzazzjoni Temporanja — marka ta' Produttur Żgħir tal-Inbid> ma tkunx preżenti jew tkun Falza<br>— "O" għall-każijiet l-oħrajn | Għall-Ispeditur KUMMERĊJANT<br>Identifikatur eżistenti <Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant> fis-sett tal-<AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT><br>Il-<Kodiċi tat-Tip ta' Operatur> tal-imsemmi <KUMMERĊJANT> irid ikun:<br>— "Magazzinier awtorizzat"; JEW<br>— "Speditur irreġistrat" | an13 |
| | *b* | Isem il-Kummerċjant | R | | | an..182 |
| | *c* | Isem tat-Triq | R | | | an..65 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *d* | Numru tat-Triq | O | | | an..11 |
| | *e* | Kodiċi postali | R | | | an..10 |
| | *f* | Belt | R | | | an..50 |
| | *g* | NAD_LNG | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 1 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | a2 |
| **4.3** | | **DETTALJI TA' AWTORIZZAZZJONI TEMPORANJA** | R | | | 999x |
| | *a* | Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 11 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)*<br>Il-<Kodiċi tal-Prodotti tas-Sisa> irid ikun uniku fil-lista tal-<Kodiċi tal-PRODOTTI TAS-SISA> fl-istess <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>, <MAĦŻEN TAT-TAXXA>, jew <AWTORIZZAZZJONI TEMPORANJA><br>Jekk <Awtorizzazzjoni Temporanja - Produttur Żgħir tal-Inbid> tkun preżenti u tkun Vera ALLURA<br><Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa> trid tkun:<br>— "W200"; JEW<br>— "W300" | an..4 |
| | *b* | Kwantità | R | | | n..15,3 |
| **4.4** | | **ISEM U INDIRIZZ** | R | | | 99x |
| | *a* | Isem | R | | | an..182 |
| | *b* | NAD_LNG | R | | *(Ara l-Anness II, Lista ta' kodiċijiet 1 tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | a2 |
| **4.4.1** | | **INDIRIZZ** | R | | | |
| | *a* | Isem tat-Triq | R | | | an..65 |
| | *b* | Numru tat-Triq | O | | | an..11 |
| | *c* | Kodiċi postali | R | | | an..10 |
| | *d* | Belt | R | | | an..50 |
| | *e* | Kodiċi tal-Istat Membru | R | | *(ara Lista ta' kodiċijiet 3 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | a2 |

*Tabella 3*

**Rifjut ta' aġġornamenti tal-operaturi ekonomiċi**

(imsemmija fl-Artikolu 4)

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | | **Operazzjonijiet fuq ir-Reġistru tas-Sottomissjoni ta' Messaġġ tal-Operaturi Ekonomiċi** | R | | (Ara t-Tabella 2 għad-dettalji) | |
| **2** | | **RIFJUT** | R | | | 9999x |
| | *a* | Data u Ħin tar-Rifjut | R | | | dataĦin |
| | *b* | Kodiċi tar-Raġuni għar-Rifjut | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Operazzjoni nieqsa<br>— 2 = Operazzjoni mhux magħrufa<br>— 3 = Format ħażin tan-Numru tas-sisa tal-operatur ekonomiku<br>— 4 = Format ħażin tar-referenza tal-maħżen tat-taxxa<br>— 5 = Format ħażin tal-awtorizzazzjoni temporanja<br>— 6 = Format ħażin tan-Numru ta' referenza tal-uffiċċju<br>— 7 = Isem nieqes<br>— 8 = L-operatur ekonomike diġà jeżisti (ħolqien)<br>— 9 = Il-maħżen tat-taxxa diġà jeżisti (ħolqien)<br>— 10 = L-awtorizzazzjoni temporanja diġà teżisti (ħolqien)<br>— 11 = L-operatur ekonomiku ma nstabx (Aġġornament / Tħassir)<br>— 12 = Il-maħżen tat-taxxa ma nstabx (Aġġornament / Tħassir)<br>— 13 = L-awtorizzazzjoni temporanja ma nstabitx (Aġġornament / Tħassir)<br>— 14 = L-operatur ekonomiku mhux magħruf<br>— 18 = Tip ta' operatur nieqes<br>— 19 = Tip ta' operatur mhux magħruf<br>— 20 = Rwol tal-operatur nieqes<br>— 21 = Rwol tal-operatur mhux magħruf<br>— 22 = Inkonsistenza bejn it-tip ta'operatur u r-rwol tal-operatur<br>— 23 = Format ħażin jew nieqes tad-data tal-bidu tal-awtorizzazzjoni<br>— 24 = Format ħażin jew nieqes tad-data tat-tmiem tal-awtorizzazzjoni<br>— 25 = Format ħażin jew nieqes tad-data ta' skadenza<br>— 26 = Numru ta' referenza tal-uffiċċju nieqes jew mhux magħruf<br>— 27 = Inkonsistenza bejn in-Numru tas-sisa u l-Uffiċċju tas-sisa | n..2 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | — 28 = Maħżen tat-taxxa ma jistax jappartjeni għal aktar minn magazzinier awtorizzat wieħed<br>— 29 = In-numru tas-sisa ta' magazzinier awtorizzat ma jistax ikun l-istess bħan-numru tas-sisa ta' operatur ekonomiku, sakemm dan tal-aħħar ma jkunx il-magazzinier awtorizzat tiegħu stess<br>— 30 = Kategorija tal-prodott tas-sisa nieqsa<br>— 31 = Kategorija tal-prodott tas-sisa mhux magħrufa<br>— 32 = Prodott tas-sisa nieqes<br>— 33 = Prodott tas-sisa mhux magħruf<br>— 34 = Indirizz mhux komplut<br>— 35 = Kodiċi tal-lingwa nieqes<br>— 36 = Kodiċi tal-lingwa mhux magħruf<br>— 37 = Irid jingħata mill-inqas in-numru tat-telefon, in-numru tal-faks jew l-indirizz elettroniku<br>— 38 = Sid/Maniġer tal-maħżen tat-taxxa nieqes<br>— 39 = Sid/Maniġer tal-maħżen tat-taxxa mhux magħruf<br>— 40 = Is-sid/Il-maniġer tal-maħżen tat-taxxa irid ikun magazzinier<br>— 41 = Magazzinier biss jista' jitħalla juża maħżen tat-taxxa<br>— 42 = Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa Invlidu (Ksur ta-Regola204)<br>— 43 = Magazzinier Awtorizzat li jirreferenza l-Maħżen tat-Taxxa Nieqes (ksur tar-Regola205)<br>— 44 = <Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant> nieqes (ksur tal-Cond 157)<br>— 45 = Valur invalidu għal <Kodiċi tal-Prodott tas-Sisae> (ksur tar-Regola 212) | |

*Tabella 4*

**statistika SEED**

(imsemmija fl-Artikolu 7)

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |
| | *a* | Talba għal Identifikatur ta' Korrelazzjoni | R | | Il-valur ta' <Talba għal Identifikatur ta' Korrelazzjoni > huwa uniku għal kull Stat Membru | an..16 |
| **2** | | **STA_PERJODU** | R | | | |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *a* | Sena | R | | | n4 |
| | *b* | Semestru | C | Għal 2 *b*, *c* u *d*:<br>Dawn it-tliet oqsma tad-dejta huma fakultattivi u esklużivi:<br>— <Semestru><br>— <Kwart><br>— <Xahar><br>jiġifieri jekk jingħata wieħed minn dawn l-oqsma tad-dejta, allura ż-żewġ oqsma tad-dejta l-oħra ma japplikawx | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = L-ewwel semestru<br>— 2 = It-tieni semestru | n1 |
| | *c* | Kwart | C | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = L-ewwel kwart<br>— 2 = It-tieni kwart<br>— 3 = It-tielet kwart<br>— 4 = Ir-raba' kwart | n1 |
| | *d* | Xahar | C | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Jannar<br>— 2 = Frar<br>— 3 = Marzu<br>— 4 = April<br>— 5 = Mejju<br>— 6 = Ġunju<br>— 7 = Lulju<br>— 8 = Awwissu<br>— 9 = Settembru<br>— 10 = Ottubru<br>— 11 = Novembru<br>— 12 = Diċembru | n..2 |
| **3** | | **STA_KULL_SM** | O | | | 99x |
| | *a* | Kodiċi tal-Istat Membru | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 3 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | a2 |
| | *b* | Numru ta' Operaturi Ekonomiċi Attivi | O | | | n..15 |
| | *c* | Numru ta' Operaturi Ekonomiċi Inattivi | O | | | n..15 |
| | *d* | Numru ta' Skadenzi Pendenti | O | | | n..15 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *e* | Numru ta' Mħażen tat-Taxxa | O | | | n..15 |
| | *f* | Numru ta' Bidliet tal-Awtorizzazzjoni tas-Sisa | O | | | n..15 |
| **3.1** | | **TIP_TA'_OPERATUR** | O | | | 9x |
| | *a* | Kodiċi tat-Tip ta' Operatur | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Magazzinier awtorizzat<br>— 2 = Destinatarju rreġistrat<br>— 3 = Speditur irreġistrat | n1 |
| | *b* | Numru ta' Operaturi Ekonomiċi | R | | | n..15 |
| **3.2** | | **ATTITVITÀ_TA'_KATEGORIJA_TA'_PRODOTT_TAS-SISA** | O | | | 9x |
| | *a* | Kodiċi tal-Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 3 fl-Anness II)* | a1 |
| | *b* | Numru ta' Operaturi Ekonomiċi | R | | | n..15 |
| **3.3** | | **ATTIVITÀ_TA'_PRODOTT_TAS-SISA** | O | | | 9999x |
| | *a* | Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 11 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an..4 |
| | *b* | Numru ta' Operaturi Ekonomiċi | R | | | n..15 |
| **4** | | **STA_SM_KOLLHA** | O | | | |
| | *a* | Numru Totali ta' Operaturi Ekonomiċi Attivi | O | | | n..15 |
| | *b* | Numru Totali ta' Operaturi Ekonomiċi Inattivi | O | | | n..15 |
| | *c* | Numru Totali ta' Skadenzi Pendenti | O | | | n..15 |

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *d* | Numru ta' Mħażen tat-Taxxa | O | | | n..15 |
| | *e* | Numru Totali ta' Bidliet tal-Awtorizzazzjoni tas-Sisa | O | | | n..15 |
| **4.1** | | **TIP_TA'_OPERATUR_SM_KOLLHA** | O | | | 9x |
| | *a* | Kodiċi tat-Tip ta' Operatur | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>— 1 = Magazzinier awtorizzat<br>— 2 = Destinatarju rreġistrat<br>— 3 = Speditur irreġistrat | n1 |
| | *b* | Numru Totali ta' Operaturi Ekonomiċi | R | | | n..15 |
| **4.2** | | **ATTIVITÀ_TA'_KATEGORIJA_TA'_PRODOTT_TAS-SISA_SM_KOLLHA** | O | | | 9x |
| | *a* | Kodiċi tal-Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 3 fl-Anness II)* | a1 |
| | *b* | Numru Totali ta' Operaturi Ekonomiċi | R | | | n..15 |
| **4.3** | | **ATTIVITÀ_TA'_PRODOTT_TAS-SISA_SM_KOLLHA** | O | | | 9999x |
| | *a* | Kodiċi tal-Prodott tas-Sisa | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 11 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an..4 |
| | *b* | Numru Totali ta' Operaturi Ekonomiċi | R | | | n..15 |

*ANNESS II*

## LISTA TA' KODIĊIJIET

Lista ta' kodiċijiet 1: Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant/Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa

| Unità | Kontenut | Tip ta' unità | Eżempji |
|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tal-SM fejn l-operatur ekonomiku jew il-maħżen tat-taxxa jkun irreġistrat | Alfabetiku 2 | PL |
| 2 | Kodiċi uniku, assenjat nazzjonalment | Alfanumeriku 11 | 2005764CL78 |

L-Unità 1 ittieħdet mil-lista ta' <STATI MEMBRI> (il-punt 3 tal-Listi ta' Kodiċijiet, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009,).

L-Unità 2 trid timtela b'identifikatur uniku għall-Operatur irreġistrat tas-sisa (magazzinier awtorizzat, kunsinjatarju rreġistrat u speditur irreġistrat) jew għall-maħżen tat-taxxa. Il-mod kif dan il-valur jiġi assenjat jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, iżda kull Operatur irreġistrat tas-sisa (magazzinier awtorizzat, kunsinjatarju rreġistrat u speditur irreġistrat) u kull maħżen tat-taxxa irid ikollu numru tas-sisa uniku.

Lista ta' kodiċijiet 2: Referenza ta' Awtorizzazzjoni Temporanja

| Unità | Kontenut | Tip ta' unità | Eżempji |
|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tal-SM fejn l-operatur ekonomiku jew il-maħżen tat-taxxa ikun irreġistrat | Alfabetiku 2 | PL |
| 2 | Kodiċi uniku, assenjat nazzjonalment | Alfanumeriku 11 | 2005764CL78 |

Ir-referenza ta' awtorizzazzjoni temporanja għandha l-istess struttura bħan-Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant/Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa

L-Unità 1 tittieħed mil-lista ta' <STATI MEMBRI> (il-punt 3 tal-Listi ta' Kodiċijiet, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009,).

L-Unità 2 trid timtela b'identifikatur uniku għall-Operatur irreġistrat tas-sisa (magazzinier awtorizzat, kunsinjatarju rreġistrat u speditur irreġistrat) jew għall-maħżen tat-taxxa. Il-mod kif dan il-valur jiġi assenjat jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, iżda kull Operatur irreġistrat tas-sisa (magazzinier awtorizzat, kunsinjatarju rreġistrat u speditur irreġistrat) u kull maħżen tat-taxxa irid ikollu numru tas-sisa uniku.

Lista ta' kodiċijiet 3: Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa

| Kodiċi tal-Kategorija tal-Prodotti tas-Sisa | Deskrizzjoni |
|---|---|
| T | Prodotti tat-tabakk manifatturati |
| B | Birra |
| W | Inbid u xorb iffermentat li mhuwiex inbid u birra |
| I | Prodotti intermedji |
| S | Alkoħol etiliku u spirti |
| E | Prodotti tal-enerġija |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 613/2013

## tal-25 ta’ Ġunju 2013

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1451/2007 dwar sustanzi attivi addizzjonali ta’ prodotti bijoċidali li jridu jiġu eżaminati skont il-programm ta’ analiżi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta’ Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta’ ħidma ta’ 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti bijoċidali [2] jelenka fl-Anness II, lista eżawrjenti ta’ -sustanzi attivi eżistenti li jridu jiġu evalwati skont il-programm ta’ ħidma għall-eżami sistematiku ta’ sustanzi attivi li diġà jinsabu fis-suq (minn issa ’l quddiem imsejjaħ il-“programm ta’ reviżjoni”) u jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti bijoċidali li fihom kombinazzjonijiet ta’ sustanzi attivi/tipi ta’ prodotti li mhumiex elenkati f’dak l-Anness jew fl-Anness I jew IA tad-Direttiva 98/8/KE, jew li dwarhom il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni ta’ noninklużjoni.

(2) Il-lista fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 tinkludi kombinazzjonijiet ta’ sustanzi attivi/tipi ta’ prodotti li ġew notifikati skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000 tas-7 ta’ Settembru 2000 dwar l-ewwel fażi tal-programm imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti bijoċidali [3], li fihom Stat Membru wera interess skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000, jew li għalihom ġie ppreżentat dossier sal-1 ta’ Marzu 2006 u ġie aċċettat bħala komplut.

(3) Id-definizzjonijiet ta’ “prodotti bijoċidali” fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 98/8/KE u ta’ sustanza attiva fil-punt (d) tal-Artikolu 2(1) ta’ dik id-Direttiva, u d-deskrizzjonijiet tat-tipi ta’ prodott fl-Anness V ta’ dik id-Direttiva, ġew interpretati b’mod differenti. F’xi każijiet, il-fehim komuni kondiviż kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 98/8/KE nbidel maż-żmien. B’mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta’ Marzu 2012 fil-kawża C-420/10, Söll GmbH v Tetra GmbH [4], iċċarat li l-kunċett ta’ “Prodotti bijoċidali” għandu jiġi interpretat bħala li jinkludi ċerti prodotti li jaġixxu biss permezz ta’ mezzi indiretti fuq l-organiżmi ta’ ħsara fil-mira.

(4) Il-persuni li jiddipendu fuq in-noti ta’ gwida ppubblikati jew il-parir mogħti bil-miktub mill-Kummissjoni jew minn awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 98/8/KE setgħu għalhekk naqsu milli jinnotifikaw il-kombinazzjoni ta’ sustanzi attivi/tipi ta’ prodott eżistenti fi prodott imqiegħed fis-suq, jew li jassumu r-rwol ta’ parteċipant, fit-twemmin iġġustifikat oġġettivament li l-prodott huwa eskluż mill-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 98/8/KE jew li jaqa’ taħt tip ta’ prodott differenti.

(5) Dawk il-persuni għandu jkollhom il-possibilità li jissottomettu dossier għal eżami skont il-programm ta’ reviżjoni f’każijiet bħal dawn, suġġett, fejn rilevanti, għal notifika minn qabel, sabiex jiġi evitat l-irtirar mis-suq ta’ prodotti li dwarhom tiġi sussegwentement ikkontestata interpretazzjoni ġġustifikata rigward il-karattru tagħhom bħala prodotti bijoċidali jew it-tip korrett tagħhom ta’ prodott mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni.

(6) Barra minn hekk, f’każijiet fejn, għall-istess raġunijiet, xi sustanzi attivi ma jkunux għadhom ġew identifikati bħala eżistenti, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 għandu jiġi aġġornat biex jirrifletti korrettament is-sustanzi attivi kollha eżistenti.

(7) Is-sitwazzjoni ta’ persuni li jixtiequ jinnotifikaw kombinazzjoni ta’ sustanzi attivi/tipi ta’ prodott fuq il-bażi ta’ dan ir-Regolament se tkun simili għal dik ta’ persuni li jixtiequ jieħdu r-rwol ta’ parteċipant skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007. Għalhekk huwa xieraq li jiġi pprovvdut għal proċedura u skadenzi simili biex jiġu mgħarrfa l-partijiet interessati u biex ikunu jistgħu jsiru dikjarazzjonijiet ta’ intenzjoni lill-Kummissjoni.

(8) Barra minn hekk, huwa xieraq li l-iskadenzi u rekwiżiti oħra għan-notifika jkunu allinjati ma’ dawk stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000 għall-ewwel notifiki ta’ sustanzi attivi eżistenti safejn ikun possibbli, filwaqt li jitqiesu l-metodi ta’ ħidma attwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5].

(9) F’każijiet fejn ma ġie maħtur ebda Stat Membru Rapporteur għas-sustanza attiva kkonċernata b’notifika, u sabiex jiġi żgurat li s-sustanza se tiġi evalwata għall-approvazzjoni, trid tkun meħtieġa konferma min-notifikatur li awtorità kompetenti taqbel li tevalwa l-applikazzjoni li jmiss għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva.

[1] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
[2] ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.
[3] ĠU L 228, 8.9.2000, p. 6.
[4] Għada ma ġietx ippubblikata fir-Rapporti tal-Qorti Ewropea.
[5] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

(10) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007 għandu jiġi emendat skont dan.

(11) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mid-Direttiva 98/8/KE għar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), ċerti partijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw mill-istess data bħar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Barra minn hekk, 'parteċipant' tfisser persuna li tkun ippreżentat notifika li ġiet aċċettata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000 jew mal-Artikolu 3c(1) ta' dan ir-Regolament, jew Stat Membru li jindika interess skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000."

(2) Fl-Artikolu 3(2), jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) is-sustanzi attivi eżistenti notifikati skont l-Artikolu 3b."

(3) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

"*Artikolu 3a*

**Proċedura għad-dikjarazzjoni ta' intenzjoni ta' notifika**

1. Persuna jew Stat Membru li tqis/iqis li prodott bijoċidali li jitqiegħed fis-suq u li jkun fih biss sustanzi attivi eżistenti huwa kopert bid-Direttiva 98/8/KE u li jaqa' taħt tip wieħed jew aktar ta' prodotti li fir-rigward tagħhom l-Artikolu 4 jipprojbixxi it-tqegħid fis-suq, tista'/jista' tressaq/iressaq talba quddiem il-Kummissjoni biex tippermetti n-notifika tas-sustanzi attivi li jinsabu f'dak il-prodott għat-tipi ta' prodott rilevanti.

It-talba għandha tindika l-kombinazzjonijiet ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodott rilevanti, u ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' sottomissjoni ta' notifika skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000, jew ta' turija ta' interess skont l-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament, jew ta' teħid tar-rwol ta' parteċipant skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, jew ta' sottomissjoni ta' dossier komplut skont l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Malli tasal talba skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri dwar jekk it-talba hijiex aċċettabbli.

It-talba għandha tkun aċċettabbli jekk il-prodott bijoċidali huwa kopert bid-Direttiva 98/8/KE u jaqa' taħt tip wieħed jew aktar ta' prodott li fir-rigward tiegħu/tagħhom l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u, qabel ma ppreżenta dik it-talba, l-applikant kellu twemmin oġġettivament ġustifikat, b'riżultat ta' parir ta' gwida ppubblikat jew miktub mogħti mill-Kummissjoni jew minn awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 98/8/KE, li l-prodott kien eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/8/KE jew li kien jaqa' taħt tip ta' prodott differenti.

Iżda, it-talba ma għandhiex tkun aċċettabbli jekk il-kombinazzjoni ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodott ikkonċernata kienet diġà s-suġġett ta' deċiżjoni li ma tkunx inkluża fl-Anness I jew IA tad-Direttiva 98/8/KE abbażi ta' rapport ta' valutazzjoni analizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali skont l-Artikolu 15(4) ta' dan ir-Regolament.

3. Fejn, wara konsultazzjoni skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni ssib li t-talba hija aċċettabbli, hija għandha taċċettaha u tippermetti n-notifika tas-sustanza attiva għat-tipi ta' prodotti rilevanti.

Madankollu, fejn id-dossier sottomess lill-Istat Membru Rapporteur għas-sustanza attiva rilevanti diġà fih id-dejta kollha meħtieġa għall-evalwazzjoni tat-tipi ta' prodotti rilevanti li fir-rigward tagħhom l-Artikolu 4 jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq, u l-parteċipant li ssottometta dak id-dossier jixtieq jiġi kkunsidrat bħala li jkun nnotifika s-sustanza attiva għal dak it-tip ta' prodott, l-Istat Membru Rapporteur għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan, u ebda notifika addizzjonali ma għandha tkun permessa skont l-ewwel subparagrafu.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan u tippubblika dik l-informazzjoni elettronikament.

4. Persuna li jkollha l-ħsieb li tinnotifika l-kombinazzjoni ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodott inkluża fil-pubblikazzjoni elettronika msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 għandha tiddikjara dik l-intenzjoni lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data ta' dik il-pubblikazzjoni elettronika."

(4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 3b li ġej:

"*Artikolu 3b*

**Proċedura ta' notifika**

1. Wara d-dikjarazzjoni ta' intenzjoni ta' notifika, il-persuna msemmija fl-Artikolu 3a(4) għandha tissottometti notifika tal-kombinazzjoni tas-sustanzi attivi/tipi ta' prodott lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") mhux aktar tard minn 18-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni elettronika msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3a(3).

In-notifika għandha ssir permezz tar-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali msemmi fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

2. In-notifika għandha titressaq fil-format IUCLID. Għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha msemmija fil-punti 1 sa 3 u t-tabella fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000, u prova li s-sustanza kienet fis-suq bħala sustanza attiva ta' prodott bijoċidali li jaqa' taħt it-tip ta' prodott rilevanti fid-data tal-pubblikazzjoni elettronika msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3a(3).

3. Sakemm Stat Membru Rapporteur ma jkunx diġà nħatar għas-sustanza attiva inkwistjoni, in-notifikant għandu jindika l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li lilha jkun biħsiebu jissottometti dossier, u jipprovdi konferma bil-miktub li dik l-awtorità kompetenti taqbel li tevalwa d-dossier.

4. Mal-wasla ta' notifika, l-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan, u tinforma lin-notifikant dwar id-drittijiet pagabbli skont ir-Regolament adottat skont l-Artikolu 80(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Jekk in-notifikant jonqos milli jwettaq il-ħlas tad-drittijiet fi żmien 30 jum mill-wasla ta' dik l-informazzjoni, l-Aġenzija għandha tirrifjuta n-notifika u tinforma lin-notifikant dwar dan.

5. Malli tirċievi l-ħlas tad-drittijiet, l-Aġenzija għandha tivverifika fi żmien 30 jum jekk in-notifika hijiex konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafu 2. Jekk in-notifika ma tkunx konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, l-Aġenzija għandha tagħti lin-notifikant perjodu ta' 30 jum biex fih ilesti jew jikkoreġi n-notifika. Wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' 30 jum, l-Aġenzija għandha, fi żmien 30 jum, jew tiddikjara li n-notifika hija konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafu 2 jew tirrifjuta n-notifika, u tinforma lin-notifikant dwar dan.

6. L-appelli kontra deċiżjonijiet tal-Aġenzija meħuda skont il-paragrafu 4 jew il-paragrafu 5 għandhom ikunu f'idejn il-Bord tal-Appell stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. L-Artikolu 92(1) u (2), u l-Artikoli 93 u 94 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandhom japplikaw għal dawn il-proċeduri ta' appell. Appell għandu jkollu effett sospensiv.

7. L-Aġenzija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar jekk in-notifika tikkonformax mar-rekwiżiti tal-paragrafu 2 jew ġietx irrifjutata.

---

(*) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1."

(5) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 3c li ġej:

*"Artikolu 3c*

**Inklużjoni fil-programm ta' reviżjoni jew esklużjoni minnu**

1. Fejn sustanza attiva titqies nnotifikata skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3a(3), jew fejn l-Aġenzija tinforma lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3b(7) li notifika hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3b(2), il-Kummissjoni għandha taċċetta n-notifika u:

(a) fejn kombinazzjoni ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodott ikkonċernata mhijiex inkluża fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, tinkludi l-kombinazzjoni ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodott fih u, fejn rilevanti, is-sustanza attiva fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(b) fejn il-kombinazzjoni ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodott ikkonċernata hija inkluża fl-Anness II ta' dan ir-Regolament iżda kienet is-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni biex ma tkunx inkluża fl-Anness I jew IA tad-Direttiva 98/8/KE, tannulla dik id-deċiżjoni.

2. Meta dikjarazzjoni ta' intenzjoni ta' notifika ma tasalx fi żmien l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 3a(4), fejn notifika ma tasalx fi żmien l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 3b(1), jew fejn l-Aġenzija tinforma lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3b(7) li notifika sottomessa skont l-Artikolu 3b(1) ġiet rifjutata, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan u tippubblika dik l-informazzjoni elettronikament."

(6) Fl-Artikolu 4, għandu jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-prodotti bijoċidali li jkun fihom sustanza attiva li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni ppubblikat elettronikament l-informazzjoni rilevanti f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3a(3) għat-tipi ta' prodotti rilevanti jistgħu jitqiegħdu fis-suq skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 98/8/KE sad-data meta l-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni biex tinkludi l-kombinazzjoni tas-sustanzi attivi/tipi ta' prodott fl-Anness II skont il-punt (a) tal-Artikolu 3c(1) jew li tannulla deċiżjoni ta' noninklużjoni preċedenti skont il-punt (b) tal-Artikolu 3c(1), jew għal perjodu ta' sitt xhur mid-data meta l-Kummissjoni ppubblikat elettronikament l-informazzjoni rilevanti skont l-Artikolu 3c(2)."

(7) Fl-Artikolu 9, għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 2, għall-kombinazzjonijiet ta' sustanzi attivi/tipi ta' prodotti elenkati fl-Anness II skont il-punt (a) tal-Artikolu 3c(1), jew li dwarhom ġiet annullata deċiżjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 3c(1), l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanza attiva skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn sentejn mid-data tad-deċiżjoni adottata skont il-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 3c(1)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, il-punti (2), (4) u (7) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Settembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 614/2013

## tal-25 ta’ Ġunju 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta’ Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b’mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta’ kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta’ Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F’isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 49,2 |
| | TR | 98,7 |
| | ZZ | 74,0 |
| 0707 00 05 | MK | 27,7 |
| | TR | 116,3 |
| | ZZ | 72,0 |
| 0709 93 10 | MA | 102,6 |
| | TR | 127,8 |
| | ZZ | 115,2 |
| 0805 50 10 | AR | 97,3 |
| | BR | 96,4 |
| | TR | 78,7 |
| | ZA | 103,0 |
| | ZZ | 93,9 |
| 0808 10 80 | AR | 165,4 |
| | BR | 114,4 |
| | CL | 130,5 |
| | CN | 96,0 |
| | NZ | 144,5 |
| | US | 156,1 |
| | ZA | 124,6 |
| | ZZ | 133,1 |
| 0809 10 00 | IL | 342,4 |
| | TR | 214,9 |
| | ZZ | 278,7 |
| 0809 29 00 | TR | 340,7 |
| | ZZ | 340,7 |
| 0809 30 | TR | 179,1 |
| | ZZ | 179,1 |
| 0809 40 05 | CL | 216,3 |
| | IL | 308,9 |
| | ZA | 377,0 |
| | ZZ | 300,7 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**tal-21 ta’ Ġunju 2013**

**li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda**

(2013/313/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta’ Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta’ stabbilizzazzjoni finanzjarja [1], u b’mod partikulari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fuq talba tal-Irlanda, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lill-Irlanda permezz tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE [2] b’appoġġ għal programm b’saħħtu ta’ riforma ekonomika u finanzjarja bil-għan li tinkiseb il-fiduċja mill-ġdid biex b’hekk l-ekonomija tkun tista’ terġa’ lura għal sitwazzjoni ta’ tkabbir sostenibbli, u bl-għan li titħares l-istabbiltà finanzjarja fl-Irlanda, fiż-żona tal-euro u fl-Unjoni.

(2) Il-Kummissjoni temmet id-disa’ reviżjoni tal-programm ta’ riforma ekonomika Irlandiża fit-22 ta’ April 2013.

(3) Estensjoni tal-maturità medja massima tas-self tal-UE tkun ta’ benefiċċju minħabba li din tkun tappoġġa l-isforzi tal-Irlanda biex tikseb aċċess għas-suq sħiħ u toħroġ b’suċċess mill-programm tagħha. Sabiex jittieħed benefiċċju sħiħ mill-estensjoni tal-maturità medja massima tas-self tal-UE, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata testendi l-maturità ta’ ħlasijiet parzjali u individwali.

(4) Fid-dawl ta’ dawk l-iżviluppi, id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2011/77/UE għandha tiġi emendata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2011/77/UE jiġi emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Unjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Irlanda self ta’ ammont massimu ta’ EUR 22,5 biljun, b’maturità medja massima ta’ 19,5-il sena. Kull wieħed mill-ħlasijiet individwali tal-faċilità ta’ self jista’ jkollu maturità ta’ sa 30 sena.”

(2) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“9. Fuq talba tal-Irlanda, il-Kummissjoni tista’ ttawwal il-maturità ta’ ħlasijiet parzjali u individwali, sakemm il-maturità medja massima kif stabbilita fil-paragrafu 1 tkun rispettata. Il-Kummissjoni tista’ tirrifinanzja s-self kollu tagħha jew parti minnu għal dik il-fini. Kull ammont misluf mill-Kummissjoni bil-quddiem jinżamm f’kont mal-BĊE li l-Kummissjoni fetħet għall-amministrazzjoni tal-assistenza finanzjarja.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tan-notifika tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta’ Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. NOONAN

---

[1] ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

[2] ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/286/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fl-Italja

(2013/314/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Diċembru 2009, konsegwentement għal rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, bid-Deċiżjoni 2010/286/UE [1], li kien jeżisti defiċit eċċessiv fl-Italja. Il-Kunsill innota li d-defiċit tal-amministrazjzjoni pubblika ppjanat għall-2009 kien ta' 5,3 % tal-PDG, li kien ogħla mill-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG taħt it-Trattat, filwaqt li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien ippjanat li jilħaq l-115,1 % tal-PDG fl-2009, b'hekk ogħla mill-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG taħt it-Trattat [2].

(2) Fit-2 ta' Diċembru 2009, taħt l-Artikolu 126(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [3], il-Kunsill, fuq il-bażi ta' Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għamel rakkomandazzjoni indirizzata lill-Italja bil-għan li s-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-2012. Dik ir-Rakkomandazzjoni ġiet ippubblikata.

(3) Taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-dejta għall-implimentazzjoni tal-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dejta dwar id-defiċits u d-dejn tal-gvern u dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, konformement mal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea [4].

(4) Meta jikkunsidra jekk deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandhiex tiġi revokata, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni fuq il-bażi tad-dejta notifikata. Barra minn hekk, Deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi revokata biss jekk il-previżjonijiet tal-Kummissjoni jindikaw li d-defiċit ma jkunx se jaqbeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG tul il-perjodu ta' previżjoni.

(5) Fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009 wara n-notifka mill-Italja qabel l-1 ta' April 2013, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2013, it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-2013, u l-valutazzjoni ta' miżuri addizzjonali adottati fid-Digriet Leġislattiv 54 tal-21 ta' Mejju 2013, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Wara li laħaq il-quċċata ta' 5,5 % tal-PDG fl-2009, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tal-Italja tnaqqas b'mod konsistenti u laħaq it-3,0 % tal-PDG fl-2012, li kienet l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill. It-titjib kien xprunat minn konsolidazzjoni fiskali sinifikanti, filwaqt li fl-2012 in-nefqa f'imgħax kienet ta' 0,8 punt perċentwali tal-PDG ogħla milli fl-2009 u l-kompożizzjoni ta' attività ekonomika kienet ifqar għat-taxxa.

— Il-programm ta' stabbiltà għall-perjodu 2013-17, adottat mill-Gvern Taljan fl-10 ta' April 2013 u approvat mill-Parlament fis-7 ta' Mejju, jippjana li d-defiċit jonqos ftit għal 2.9 % tal-PDG fl-2013 u konsegwentement jaqa' għal 1,8 % tal-PDG fl-2014. Fuq il-bażi ta' preżunzjoni ta' ebda bidla politika, it-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-2013 jipprevedi defiċit ta' 2,9 % tal-PDG fl-2013 u 2,5 % tal-PDG fl-2014. Kemm il-programm ta' stabbiltà kif ukoll it-tbassir tar-rebbiegħa jinkludu l-impatt tad-Digriet Leġislattiv 35 tat-8 ta' April 2013, li jipprevedi s-saldu tal-arretrati tad-dejn kummerċjali dovuti mis-settur tal-amministrazzjoni pubblika lil fornituri privati, għal ammont globali ta' EUR 40 biljun (jew madwar 2,5 % tal-PDG) matul il-perjodu 2013-14. Filwaqt li dan l-ammont jirriżulta f'żieda korrispondenti tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika, huwa jinċidi fuq id-defiċit biss għall-parti li hija marbuta man-nefqa kapitali. Id-Digriet Leġislattiv jistabbilixxi dawn il-pagamenti għal 0,5 % tal-PDG fl-2013, b'żieda korrispondenti fid-defiċit. Dan jinkludi wkoll klawżola ta' salvagwardja li tawtorizza lill-Gvern biex jittardja s-saldu ta' arretrati ta' dejn kummerċjali li jżidu d-defiċit jew jadotta miżuri korrettivi oħrajn, sabiex ikun żgurat li tintlaħaq il-mira baġitarja tal-2013.

---

(1) ĠU L 125, 21.5.2010, p. 40.

(2) Konsegwentement għad-Deċiżjoni 2010/286/UE, id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-2009 ġew riveduti għal 5,5 % tal-PDG u 116,4 % tal-PDG rispettivament.

(3) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

(4) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

— Il-Parlament Taljan approva formalment l-objettivi baġitarji ppreżentati fil-programm ta' stabbiltà tal-2013 fis-7 ta' Mejju. Fis-17 ta' Mejju, jiġifieri wara t-tbassir tar-rebbiegħa, il-gvern il-ġdid ħareġ dikjarazzjoni formali biex jikkonferma dawn l-impenji u jħabbar l-adozzjoni ta' miżuri ġodda fir-rispett sħiħ tal-objettivi baġitarji fil-programm ta' stabbiltà. Id-Digriet Leġislattiv 54, adottat fl-istess data, jispeċifika miżuri ġodda. Dawn jinkludu:

  — is-sospensjoni tal-pagament ta' Ġunju tat-taxxa fuq il-proprjetà fuq djar okkupati mis-sid — esklużi residenzi lussużi — kif ukoll tal-proprjetà agrikola, filwaqt li jimpenja lill-gvern għal tfassil mill-ġdid tal-leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni fuq il-proprjetà immobbli. Klawżola ta' salvagwardja tiżgura li t-tfassil mill-ġdid għandu jsir f'rispett sħiħ tal-miri baġitarji f'termini primarji; barra minn hekk, jekk ir-riforma newtrali fir-rigward tal-baġit tonqos milli tkun approvata sal-aħħar ta' Awwissu 2013, il-ħlas sospiż tat-taxxa fuq il-proprjetà jkollu jsir sas-16 ta' Settembru.

  — l-estensjoni tal-iskema ta' supplimentazzjoni tal-pagi għall-ħaddiema li mhumiex diġà koperti għas-sena 2013, b'allokazzjoni mill-ġdid ta' riżorsi baġitarji disponibbli apparti dawk imwarrba bir-riforma tas-suq tax-xogħol tal-2012.

— B'mod ġenerali, d-dispożizzjonijiet il-ġodda huma vvalutati li ma għandhom l-ebda impatt sinifikanti fuq id-defiċit, jekk implimentati b'mod konsistenti. B'hekk id-defiċit għandu jibqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG bmod duratur.

— Wara titjib bi kważi 2¾ punti perċentwali tal-PDG f'termini kumulattivi bejn l-2009 u l-2012, il-bilanċ strutturali, jiġifieri aġġustat għaċ-ċiklu ekonomiku u nett minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn, huwa mbassar li jkompli jitjieb b'madwar 1,0 punt perċentwali fl-2013 (għal madwar -½ % tal-PDG) u jmur ftit għall-agħar fl-2014, fuq il-bażi ta' preżunzjoni ta' ebda bidla politika.

— Il-proporzjon tad-dejn mal-PDG tela' minn 10,6 punti perċentwali bejn l-2009 u l-2012, għal 127,0 %, anke minħabba l-kontribuzzjoni tal-Italja għal assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro. Minħabba li l-kundizzjonijiet ċikliċi jibqgħu negattivi, id-dejn gross tal-gvern huwa mbassar li jiżdied għal 131,4 % tal-PDG fl-2013 u 132,2 % fl-2014 anki minħabba is-saldu ta' 2,5 punti perċentwali tal-PGD tal-arretrati tad-dejn kummerċjali ppjanat matul il-perjodu 2013-14 u kontribuzzjonijiet ulterjuri għal assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro.

(6) Mill-2013, li hija s-sena wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, l-Italja għandha tipprogressa lejn l-objettiv baġitarju tagħha fuq perjodu ta' żmien medju b'pass xieraq, anke bir-rispett tal-valur referenzjarju fir-rigward tal-infiq, u tagħmel progress suffiċjenti lejn konformità mal-kriterju tad-dejn f'konformità mal-Artikolu 2(1a) tar-Regolament (KE) 1467/97.

(7) F'konformità mal-Artikolu 126(12) tat-TFUE, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi revokata meta d-defiċit eċċessiv tal-Istat Membru konċernat, fil-fehma tal-Kunsill ikun ġie kkoreġut.

(8) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fl-Italja ġie kkoreġut u d-Deċiżjoni 2010/286/KE għandha għalhekk tiġi revokata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni kumplessiva jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Italja ġiet ikkoreġġuta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2010/286/UE hija b'dan revokata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. NOONAN

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/918/KE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fl-Ungerija

(2013/315/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Lulju 2004, taħt l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE), il-Kunsill iddeċieda, bid-Deċiżjoni 2004/918/KE [1], li kien jeżisti defiċit eċċessiv fl-Ungerija u adotta Rakkomandazzjoni taħt l-Artikolu 104(7) tat-TKE bil-għan li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sal-aħħar tal-2008.

(2) Fit-18 ta' Jannar 2005, f'konformità mal-Artikolu 104(8) tat-TKE, il-Kunsill qies l-Ungerija bħala li ma kinitx ħadet azzjoni effikaċi bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni tiegħu u adotta Rakkomandazzjoni oħra taħt l-Artikolu 104(7) tat-TKE fit-8 ta' Marzu 2005, li fiha kkonferma l-iskadenza tal-2008 għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. Fit-8 ta' Novembru 2005, il-Kunsill iddeċieda li, għat-tieni darba, l-Ungerija kienet naqset milli tikkonforma mar-Rakkomandazzjoni tiegħu taħt l-Artikolu 104(7) tat-TKE. Għaldaqstant, fl-10 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill indirizza lill-Ungerija t-tielet Rakkomandazzjoni taħt l-Artikolu 104(7) tat-TKE, li fiha pposponа d-data ta' skadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv għall-2009. Fis-7 ta' Lulju 2009, il-Kunsill ikkonkluda li l-awtoritajiet Ungeriżi setgħu jitqiesu li ħadu azzjoni effikaċi bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2006 u, fl-isfond tad-deklin kbir fir-ritmu ekonomiku, ħareġ Rakkomandazzjoni riveduta taħt l-Artikolu 104(7) tat-TKE ("ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009"), li fiha reġa' stabbilixxa data ta' skadenza ġdida għall-korrezzjoni, jiġifieri l-2011. Fis-27 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ungerija kienet ħadet azzjoni effikaċi bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009, li magħha l-Kunsill qabel fil-konklużjonijiet tiegħu fis-16 ta' Frar 2010, iżda avża li kien hemm riskji konsiderevoli.

(3) Taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 126(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill iddeċieda fl-24 ta' Jannar 2012 li l-Ungerija ma kinetx ħadet azzjoni effikaċi bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009 fil-perjodu stipulat f'dik ir-Rakkomandazzjoni. Filwaqt li fl-2011 ma kienx hemm ksur fir-rigward tal-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG taħt it-Trattat, dan ma kienx ibbażat fuq korrezzjoni strutturali u sostenibbli, iżda kien imsejjes fuq dħul sostanzjali ta' darba biss. Dan kien akkumpanjat b'deterjorament strutturali kumulattiv stmat għal aktar minn 2 % tal-PDG kemm fl-2010 kif ukoll fl-2011, meta mqabbel ma' rakkomandazzjoni ta' titjib fiskali kumulattiv ta' 0,5 % tal-PDG. Barra minn hekk, filwaqt li fl-2012 l-awtoritajiet kienu qed jimplimentaw miżuri strutturali li kienu mistennija jikkumpensaw sew għad-deterjorament preċedenti, għal darb'oħra, il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG taħt it-Trattat kien se jitħares biss bis-saħħa ta' miżuri ta' darba biss li jammontaw għal kważi 1 % tal-PDG fl-2012 u kien se jinkiser fl-2013.

(4) Fit-13 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni ġdida taħt l-Artikolu 126(7) TFUE ("ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2012") għall-Ungerija biex ittemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-aħħar tal-2012. L-awtoritajiet Ungeriżi ntalbu jieħdu l-passi li ġejjin b'mod partikolari: (i) itemmu is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2012 b'mod kredibbli u sostenibbli; (ii) jagħmlu sforz fiskali addizzjonali ta' mill-inqas ½% tal-PDG biex jiżguraw li l-mira ta' defiċit ta' 2,5 % tal-PDG għall-2012 tintlaħaq; u (iii) jieħdu l-miżuri addizzjonali ta' natura strutturali li huma meħtieġa biex jiżguraw li d-defiċit fl-2013 jibqa' ferm taħt il-limitu massimu ta' 3 % tal-PDG. Fl-istess waqt, ġie rrakkomandat li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern jerġa' jinġieb fit-triq tan-nizla mill-aktar fis possibbli sabiex jirrappreżenta progress suffiċjenti lejn konformità mal-limitu referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn. L-aġġustament baġitarju kien jeħtieġ ukoll li jkun appoġġat bit-titjib propost fil-qafas ta' governanza fiskali. Il-Kunsill stabbilixxa l-iskadenza tas-13 ta' Settembru 2012 għall-gvern Ungeriż biex jieħu azzjoni effikaċi. Fit-13 ta' Marzu 2012 ukoll, il-Kunsill iddeċieda [2] li jissospendi parti mill-approprjazzjonijiet għall-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni għall-Ungerija għas-sena 2013.

(5) Fit-30 ta' Mejju 2012, abbażi tal-Programm ta' Konverġenza għall-perjodu mill-2011 sa 2015 u ta' aktar speċifikazzjoni tal-miżuri ta' tfaddil, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ungerija kienet ħadet azzjoni effikaċi rigward il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. B'mod partikolari, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jilħaq it-2,5 % tal-PDG fl-2012 u baqa' ferm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG taħt it-Trattat

[1] ĠU L 389, 30.12.2004, p. 27.

[2] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/156/UE tat-13 ta' Marzu 2012 li tissospendi l-impenji mill-Fond tal-Koeżjoni għall-Ungerija b'effett mill-1 ta' Jannar 2013 (ĠU L 78, 17.3.2012, p. 19).

fl-2013 kif irrakkomandat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2012. Barra minn hekk, ġie rikonoxxut li sar xi progress fit-titjib tal-qafas tal-governanza fiskali minkejja li f'dan il-qasam il-progress globali seta' jkun ikkunsidrat bħala wieħed kajman. F'dan l-isfond, fit-22 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill, konsegwentement għal proposta mill-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2012, adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/323/UE [1] biex neħħa s-sospensjoni tal-approprjazzjonijiet għall-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni.

(6) Taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-dejta għall-implimentazzjoni tal-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-dejta dwar id-defiċits u d-dejn tal-Gvern, u dwar fatturi varjabbli assoċjati oħrajn, darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea [2].

(7) Meta jikkunsidra jekk deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandhiex tiġi revokata, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni fuq il-bażi tad-dejta notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi revokata biss jekk it-tbassir tal-Kummissjoni jindika li d-defiċit ma jkunx se jaqbeż il-limitu ta' 3 % tal-PDG taħt it-Trattat tul il-perjodu ta' tbassir.

(8) Abbażi tad-dejta pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat), taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, konsegwentement għan-notifka mill-Ungerija qabel l-1 ta' April 2013, it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2013 u l-valutazzjoni ta' miżuri korrettivi addizzjonali adottati fit-13 ta' Mejju 2013 b'digriet tal-Gvern, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Fl-2012, abbażi ta' sforz fiskali konsiderevoli, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika laħaq sa 1,9 % tal-PDG. Dan seħħ bħala r-riżultat ta' dħul ta' darba li jammonta għal ¾ % tal-PDG, inkluż id-dħul ta' darba ogħla minn kemm kien ibbaġitjat ta' 0,2 % tal-PDG relatat mat-trasferiment ulterjuri tal-assi mill-pilastru pensjonistiku privati għal dawk pubbliċi. Il-baġit adottat tal-2012 kellu fil-mira defiċit ta' 2,5 % tal-PDG fuq il-bażi ta' tkabbir ta' 0,5 %. Il-baġit kien fih riżerva straordinarja ta' 1,1 % tal-PDG u għadd ta' miżuri ta' konsolidament, partikolarment: (i) miżuri li jżidu d-dħul ta' madwar 1¾ % tal-PDG, inklużi żidiet fit-taxxi indiretti u kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali; (ii) miżuri strutturali fuq in-naħa tal-infiq ta' ¾ % tal-PDG, bħal reviżjoni tal-benefiċċji soċjali; u (iii) limitazzjonijiet fl-infiq ta' ¼ % tal-PDG fis-settur pubbliku, inkluż l-iffriżar tal-pagi nominali fil-biċċa l-kbira tas-setturi. Sabiex jikkumpensa għall-prospettiva ta' tkabbir li dejjem kienet sejra lura, il-Gvern adotta żewġ pakketti korrettivi addizzjonali f'April u Ottubru tal-2012 (b'totali ta' 0,7 % tal-PDG), li jikkonsistu prinċipalment f'aktar tnaqqis fl-approprjazzjonijiet tal-istituzzjonijiet baġitarji, li madwar nofshom ġew implimentati. Barra minn hekk, il-bilanċ tas-settur tal-gvern lokali tjieb b'madwar 0,7 % tal-PDG meta mqabbel mal-pjanijiet ibbaġitjati, l-aktar minħabba l-attività ta' investiment baxx tagħhom.

Fil-kuntest tar-Rapport ta' Progress tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv ta' Ottubru 2012, il-mira tad-defiċit uffiċjali tal-2012 ġiet irriveduta 'l fuq minn 2,5 % għal 2,7 % tal-PDG. B'mod ġenerali, il-miżuri korrettivi implimentati effettivament ta' madwar 3 % tal-PDG adottati mill-gvern ċentrali u t-titjib tal-bilanċ tas-settur tal-gvern lokali eventwalment rriżultaw f'defiċit ta' 1,9 % tal-PDG, jiġifieri ġiet maqbuża l-mira oriġinali ta' defiċit ta' 0,6 % tal-PDG. L-attivazzjoni ta' riżervi straordinarja bbaġitjati kkumpensat għat-telf baġitarju, parzjalment marbut mal-ambjent makroekonomiku agħar milli kien mistenni.

— Il-Programm ta' Konverġenza għall-perjodu mill-2012 sa 2016 jipprevedi li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika se jibqa' ta' 2,7 % tal-PDG kemm fl-2013 kif ukoll fl-2014. Madankollu, it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2013 jipprevedi defiċit ta' 3,0 % tal-PDG fl-2013 u 3,3 % tal-PDG fl-2014, li jissuġġerixxi li d-defiċit eċċessiv ma ntemmx b'mod dejjiemi. Fit-13 ta' Mejju 2013, wara li ħareġ it-tagħrif dwar it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2013, il-Gvern Ungeriż adotta aktar miżuri ta' korrezzjoni li f'termini grossi jammontaw għal madwar 0,3 % u 0,7 % tal-PDG għall-2013 u l-2014, rispettivament. Il-valutazzjoni fiskali aġġornata tas-servizzi tal-Kummissjoni, li tqis l-effett ta' titjib tad-defiċit nett ta' dawn il-miżuri korrettivi addizzjonali, jipprevedi defiċit ta' 2,7 % tal-PDG u 2,9 % tal-PDG fl-2013 u l-2014, rispettivament. B'hekk, id-defiċit huwa mistenni li jibqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG taħt it-Trattat matul iż-żmien previst fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2013. Barra minn hekk, skont l-istima tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-bilanċ tal-baġit aġġustat b'mod ċikliku, u nett minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn, se jkun ta' -¾ % u -1½ % tal-PDG fl-2013 u l-2014, rispettivament, u għalhekk se jkun konsistenti mal-objettiv baġitarju Ungeriż għal terminu medju ta' żmien ta' -1,7 % tal-PDG.

— Il-proporzjon dejn-PDG tnaqqas minn quċċata ta' kważi 82 % fl-2010 għal 79,2 % fl-2012, bis-saħħa ta' trasferimenti kapitali sostanzjali ta' darba marbutin mat-tneħħija tal-pilastru pensjonistiku privat mandatorju u għadd ta' miżuri ta' konsolidazzjoni. Taħt il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon dejn-PDG se jkompli jonqos u se jaqa' għal 78,1 % u 77,2 % fl-2013 u l-2014, rispettivament, u jibqa' fit-triq tanniżla minn hemm 'il quddiem. Anki wara li tinkorpora l-impatt tal-miżuri ġodda ta' korrezzjoni adottati

[1] ĠU L 165, 26.6.2012, p. 46.
[2] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

fit-13 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni tipprevedi trajettorja ogħla għall-proporzjon dejn-PDG ta' madwar 1,0 punt perċentwali kemm għall-2013 kif ukoll għall-2014.

(9) Fir-rigward tal-governanza fiskali, il-Kunsill talab lill-awtoritajiet Ungeriżi jistabbilixxu qafas tassew vinkolanti għal terminu medju ta' żmien u jwessgħu l-mandat analitiku tal-Kunsill Fiskali fid-dawl tad-dritt tiegħu ta' veto fuq il-baġit annwali. Il-Programm ta' Konverġenza għall-perjodu mill-2012 sa 2016 iħabbar l-intenzjoni li jsiru passi 'l quddiem f'dan il-qasam fil-ħarifa tal-2013. Il-progress se jibqa' jiġi mmonitorjat mill-qrib fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(10) Mill-2013 'il quddiem, jiġifieri s-sena li taħbat wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, l-Ungerija għandha żżomm pożizzjoni fiskali li tkun konformi mal-objettiv baġitarju tagħha għal terminu medju ta' żmien, inkluż ir-rispett tal-valur referenzjarju tan-nefqa, u tagħmel progress suffiċjenti lejn il-konformità mal-kriterju ta' dejn f'konformità mal-Artikolu 2(1a) fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [1].

(11) Taħt l-Artikolu 126(12) tat-TFUE, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi revokata meta fil-fehma tal-Kunsill id-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat ikun, fil-fehma tal-Kunsill, ġie kkorreġut.

(12) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fl-Ungerija ġie kkorreġut u d-Deċiżjoni 2004/918/KE għandha għalhekk tiġi revokata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni kumplessiva jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Ungerija ġiet ikkorreġuta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2004/918/KE hija b'dan revokata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. NOONAN

---

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tal-21 ta' Ġunju 2013**

**li tħassar id-Deċiżjoni 2009/588/KE dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv fil-Litwanja**

(2013/316/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Lulju 2009, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE), il-Kunsill iddeċieda, fid-Deċiżjoni 2009/588/KE ([1]), li fil-Litwanja kien hemm defiċit eċċessiv. Il-Kunsill innota li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika kien laħaq 3,2 % tal-PDG fl-2008, ogħla mit-3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG skont it-Trattat u skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni jitla' għal 5,4 % tal-PDG fl-2009 u jitla' aktar għal 8 % tal-PDG fl-2010. Id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien jammonta għal 15,6 % tal-PDG fl-2008, ħafna inqas mis-60% tal-valur ta' referenza tal-PDG skont it-Trattat.

(2) Fis-7 ta' Lulju 2009, skont l-Artikolu 104(7) TKE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv ([2]), il-Kunsill, fuq il-bażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għamel rakkomandazzjoni indirizzata lil-Litwanja bl-għan li s-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv titwaqqaf sal-2011 ("Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009"). Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009 ġiet ippubblikata.

(3) Fid-9 ta' Frar 2010, skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997, il-Kunsill, fuq il-bażi ta' Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni li fiha rrikonoxxa li l-awtoritajiet Litwani ħadu azzjoni effettiva skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009 u li avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija b'konsegwenzi negattivi kbar għall-finanzi tal-gvern seħħew fil-Litwanja, indirizza Rakkomandazzjoni riveduta lil-Litwanija bl-għan li twaqqaf is-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv, l-aktar tard sal-2012. Din ir-Rakkomandazzjoni riveduta ġiet ippubblikata.

(4) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv mehmuż mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifika data dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern tagħhom u dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv mehmuż mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([3]).

(5) Meta jqis jekk deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandhiex titħassar, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni fuq il-bażi tad-data notifikata. Barra minn hekk, Deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha titħassar biss jekk it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni jindikaw li d-defiċit ma jkunx se jaqbeż il-limitu ta' 3 % tal-PDG tul il-perjodu mbassar ([4]).

(6) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009 wara n-notifka mil-Litwanija qabel l-1 ta' April 2013 u fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Wara li laħaq l-ogħla punt tiegħu b'9,4 % tal-PDG fl-2009 d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fil-Litwanja tnaqqas għal 7,2 % tal-PDG fl-2010, u wara għal 5,5 % tal-PDG fl-2011 u għal 3,2 % tal-PDG fl-2012. Dan it-titjib ġie xprunat mill-miżuri ta' konsolidazzjoni fuq in-naħa tal-infiq, b'mod partikolari restrizzjoni kontinwa skont il-Liġi tal-Litwanja dwar id-Dixxipplina Fiskali, u kondizzjonijiet ċikliċi favorevoli.

— Peress li d-defiċit ta' 3,2 % tal-PDG jista' jitqies li huwa qrib il-valur ta' referenza u l-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG tal-Litwanja huwa inqas mis-60 % tal-valur ta' referenza tal-PDG b'mod sostenut, il-Litwanja hija eliġibbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 rigward ir-riformi ta' pensjonijiet sistematiċi. Għaldaqstant, il-kost nett dirett tar-riforma tal-pensjonijiet għandha titqies meta tiġi vvalutata l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. Hekk kif

([1]) ĠU L 202, 4.8.2009, p. 44.

([2]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

([3]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

([4]) Skont l-"Ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Linji Gwida dwar il-format u l-kontenut ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza", tat-3 ta' Settembru 2012. Ara: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/pdf/coc/code_of_conduct_en.pdf

il-kostijiet netti tar-riformi ta' pensjonijiet sistematiċi tal-Litwanja kienu 0,2 % tal-PDG fl-2012, kif ikkonfermat mill-Kummissjoni (Eurostat), dawn il-kostijiet jispjegaw il-valur ogħla ta' 3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG skont it-Trattat fl-2012.

— Il-Programm ta' Konverġenza 2013-2016 tal-Litwanja jbassar li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika se jibqa' jonqos għal 2,5 % tal-PDG fl-2013 u 1,5 % tal-PDG fl-2014, filwaqt li tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni jbassar titjib, minkejja li aktar bil-mod, tad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika għal 2,9 % tal-PDG fl-2013 u għal 2,4 % tal-PDG fl-2014, fil-bażi ta' suppożizzjoni li ma jkunx hemm tibdil ta' politika. B'hekk id-defiċit għandu jibqa' taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat fil-perijodu mbassar.

— It-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni jbassar li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika jonqos moderatament minn 40,7 % tal-PDG fl-2013 għal 40,1 % tal-PDG fl-2014.

(7) Mill-2013, li hija s-sena li ssegwi l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-Litwanja għandha timxi lejn il-mira baġitarja tagħha ta' perijodu medju b'pass xieraq, kif ukoll li tirrispetta l-punt ta' referenza tan-nefqa

(8) Skont l-Artikolu 126(12) TFUE, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha titħassar meta d-defiċit eċċessiv tal-Istat Membru konċernat, fil-fehma tal-Kunsill ġie kkoreġut.

(9) Fil-fehma tal-Kunsill id-defiċit eċċessiv fil-Litwanja ġie kkoreġut u għalhekk id-Deċiżjoni 2009/588/KE għandha titħassar.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni kumplessiva jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Litwanja ġiet ikkoreġuta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2009/588/KE hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. NOONAN

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## li tħassar id-Deċiżjoni 2009/591/KE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fil-Latvja

(2013/317/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Lulju 2009, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE), il-Kunsill iddeċieda, fid-Deċiżjoni 2009/591/KE [1], li fil-Latvja kien jeżisti defiċit eċċessiv. Il-Kunsill innota li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika kien laħaq l-4,0 % tal-PDG fl-2008, li kien ogħla mit-3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG skont it-Trattat, filwaqt li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien ta' 19,5 % tal-PDG fl-2008, li huwa ferm taħt is-60 % tal-valur ta' referenza tal-PDG skont it-Trattat [2].

(2) Fis-7 ta' Lulju 2009, skont l-Artikolu 104(7) TKE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [3], il-Kunsill, fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għamel Rakkomandazzjoni indirizzata lil-Latvja bl-għan li s-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sal-2012. Ir-Rakkomandazzjoni ġiet ippubblikata.

(3) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw data dwar id-defiċits u d-dejn tal-gvern u varjabbli oħra assoċjati darbtejn fis-sena, prinċipalment qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea [4].

(4) Meta jikkunsidra jekk deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandhiex tiġi abrogata, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni fuq il-bażi tad-data notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi abrogata biss jekk it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni jindikaw li d-defiċit mhux se jaqbeż il-limitu ta' 3 % tal-PDG tul il-perijodu ta' tbassir.

(5) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat), skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, wara n-notifka mil-Latvja qabel l-1 ta' April 2013 u fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Wara defiċitis għoljin tal-amministrazzjoni pubblika fl-2009 u l-2010 (rispettivament għal 9,8 % u 8,1 % tal-PDG), li parzjalment irriflettew miżuri biex jistabbilizzaw is-settur finanzjarju, id-defiċit beda tnaqqis rapidu fl-2011, meta laħaq 3,6 % tal-PDG. Dan it-titjib irrifletta konsolidazzjoni fiskali mdaqqsa u mifruxa implimentata fuq il-perijodu 2009-2011 fil-kuntest tal-programm ta' aġġustament ekonomiku appoġġat mill-għajnuna għall-ħlas tal-bilanċi, kif ukoll titjib fil-kundizzjonijiet ċikliċi; il-programm ta' aġġustament ġie kkompletat b'suċċess f'Jannar 2012. Fl-2012, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika naqas iktar għal 1,2 % tal-PDG, biex b'hekk laħaq sewwa l-għan ta' defiċit ta' 2,1 % tal-PDG stabbilit fil-Programm ta' Konverġenza mill-2012 sal-2016 u 'l isfel sewwa mill-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. Fuq in-naħa tad-dħul dan irrifletta kundizzjonijiet ċikliċi favorevoli u t-titjib tal-effiċjenza tat-taxxa, filwaqt li t-tkabbir tan-nefqa baqa' sostanzjalment taħt it-tkabbir nominali tal-PDG. Bħala riżultat, fl-2012, is-sehem tad-dħul tal-gvern fil-PDG żdied bi ¼ punt perċentwali, filwaqt li s-sehem tan-nefqa tal-gvern naqas b'2 punti perċentwali.

— Il-Programm ta' Konverġenza mill-2013 sal-2016 jipprevedi li d-defiċit kumplessiv se jkun 1,1 % tal-PDG fl-2013, ikompli jistabbilizza minn hemm 'il quddiem fil-livell ta' 0,9 % tal-PDG sal-2016. It-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika se jibqa' ma jinbidilx fl-2013 għal 1,2 % tal-PDG u se jonqos għal 0,9 % tal-PDG fl-2014, u b'hekk baqa' ferm taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG.

— Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika baqa' 40,7 % tal-PDG fl-2012. It-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika jiżdied għal 43,2 %

[1] ĠU L 202, 4.8.2009, p. 50.
[2] Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2009/591/KE, id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-2008 ġew riveduti u attwalment qegħdin 4,2 % tal-PDG u 19,8 % tal-PDG rispettivament.
[3] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[4] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

tal-PDG fl-2013, hekk kif il-Gvern jakkumula assi għal ħlasijiet lura tad-dejn kbir skedati għall-perijodu bejn l-2014 u l-2015. Hekk kif dawn il-ħlasijiet lura jieħdu effett, id-dejn huwa mistenni li jonqos għal darb'oħra għal madwar 40 % tal-PDG fl-2014.

(6) Il-Kunsill tfakkar li, mill-2013, li hija s-sena ta' wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-Latvja għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-fergħa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, inkluż ir-rispett tal-limitu tan-nefqa.

(7) F'konformità mal-Artikolu 126(12) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tkun abrogata meta d-defiċit eċċessiv tal-Istat Membru kkonċernat, fil-fehma tal-Kunsill, ikun ġie kkoreġut.

(8) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fil-Latvja ġie kkoreġut u għalhekk id-Deċiżjoni 2009/591/KE għandha tiġi abrogata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni globali jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Latvja ġiet ikkoreġuta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2009/591/KE hija b'dan abrogata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. NOONAN

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## li tħassar id-Deċiżjoni 2009/590/KE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fir-Rumanija

(2013/318/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Lulju 2009, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE), il-Kunsill iddeċieda, fid-Deċiżjoni 2009/590/KE [1], li fir-Rumanija kien hemm deficit eċċessiv. Il-Kunsill innota li d-deficit tal-amministrazzjoni pubblika laħaq 5,4 % tal-PDG fl-2008, għalhekk ogħla mill-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, filwaqt li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien ta' 13,6 % tal-PDG, li huwa ferm taħt il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG skont it-Trattat [2].

(2) Fis-7 ta' Lulju 2009, skont l-Artikolu 104(7) TKE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficit eċċessiv [3], il-Kunsill, fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għamel Rakkomandazzjoni indirizzata lir-Rumanija bl-għan li s-sitwazzjoni tad-deficit eċċessiv tintemm sal-2011 ("Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009"). Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009 ġiet ippubblikata.

(3) Fit-12 ta' Frar 2010, skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-Kunsill, fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li fiha rrikonoxxa li l-awtoritajiet Rumeni ħadu azzjoni effettiva skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009 u li avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija b'konsegwenzi negattivi kbar għall-finanzi tal-gvern seħħew fir-Rumanija, indirizza Rakkomandazzjoni riveduta lir-Rumanija bl-għan li ttemm is-sitwazzjoni tad-deficit eċċessiv sal-2012. Din ir-Rakkomandazzjoni riveduta ġiet ippubblikata.

(4) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' deficit eċċessiv mehmuża mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw data dwar id-deficit u d-dejn tal-gvern tagħhom u dwar varjabbli assoċjati oħra, darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea [4].

(5) Meta jqis jekk deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv għandhiex titħassar, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni fuq il-bażi tad-data notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv għandha titħassar biss jekk it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni jindika li d-deficit ma jkunx se jaqbeż il-limitu ta' 3 % tal-PDG tul il-perijodu mbassar.

(6) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat), skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, wara n-notifka mir-Rumanija qabel l-1 ta' April 2013 u fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

— Ir-reċessjoni akbar milli mistennija fl-2009 rriżultat f'nuqqas sinifikanti fid-dħul tal-gvern, li għolla d-deficit tal-amministrazzjoni pubblika għal madwar 9 % tal-PDG minkejja l-isforzi biex titnaqqas in-nefqa tal-gvern. Wara dan l-iżvilupp mhux mistenni u l-estensjoni tad-data ta' skadenza għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv b'sena, id-deficit tal-amministrazzjoni pubblika sussegwentament tnaqqas għal 6,8 % tal-PDG fl-2010, għal 5,6 % tal-PDG fl-2011 u għal 2,9 % tal-PDG fl-2012, li huwa taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. Il-korrezzjoni tad-deficit ġiet xprunata primarjament minn kontroll strett taż-żieda fin-nefqa, inkluż permezz tal-kontroll tal-liġi dwar il-paga fis-settur pubbliku, iffriżar tal-pensjonijiet u tnaqqis tal-benefiċċji soċjali għajr il-pensjonijiet. Kienet appoġġata wkoll minn miżuri ta' dħul bħal żieda fir-rati tal-VAT b'5 punti perċentwali u twessigħ tal-bażi tat-taxxa tad-dħul personali. L-aġġustament fiskali ġie implimentat fil-kuntest ta' żewġ programmi ta' aġġustament ekonomiku konsekuttivi appoġġati minn għajnuna għall-bilanċi ta' pagament.

— Il-Programm ta' Konverġenza mill-2013 sal-2016 ibassar li d-deficit ikompli jonqos għal 2,4 % tal-PDG fl-2013 u għal 2,0 % tal-PDG fl-2014. Fit-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni,

(1) ĠU L 202, 4.8.2009, p. 48.
(2) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2009/590/KE, id-deficit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-2008 ġew riveduti u bħalissa qegħdin 5,8 % tal-PDG u 13,4 % tal-PDG rispettivament.
(3) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 8.
(4) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika huwa mbassar li jonqos għal 2,6 % tal-PDG fl-2013 u għal 2,4 % tal-PDG fl-2014, fuq il-bażi ta' suppożizzjoni li ma jkunx hemm tibdil ta' politika li jibqa' taħt il-valur ta' referenza skont it-Trattat.

— It-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika jiżdied moderatament minn 37,8 % tal-PDG fl-2012 għal 38,5 % tal-PDG fl-2014.

(7) Mill-2013, li hija s-sena li ssegwi l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, ir-Rumanija għandha timxi lejn il-mira baġitarja tagħha ta' perijodu medju b'pass xieraq, kif ukoll li tirrispetta l-punt ta' referenza tan-nefqa.

(8) Skont l-Artikolu 126(12) TFUE, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha titħassar meta d-defiċit eċċessiv tal-Istat Membru kkonċernat, fil-fehma tal-Kunsill, ikun ġie kkoreġut.

(9) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fir-Rumanija ġie kkoreġut u għalhekk id-Deċiżjoni 2009/590/KE għandha titħassar.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni globali jsegwi li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija ġiet ikkoreġuta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2009/590/KE hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. NOONAN

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tal-21 ta' Ġunju 2013**

**dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv f'Malta**

(2013/319/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet magħmula minn Malta,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Istati Membri għandhom jevitaw li jkollhom defiċits eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz ta' tisħiħ tal-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir qawwi sostenibbli li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE) skont l-Artikolu 126 TFUE, kif kjarifikata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li tithaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir) jipprovdi għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati jistipula dispożizzjonijiet ulterjuri dwar l-implimentazzjoni tal-PDE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 [2] jistipula regoli u definizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll imsemmi.

(4) Skont l-Artikolu 126(5) TFUE, jekk il-Kummissjoni tqis li jkun jeżisti, jew li jista' jkun hemm, defiċit eċċessiv fi Stat Membru, hija għandha tindirizza opinjoni lill-Istat Membru kkonċernat u tgħarraf lill-Kunsill skont dan. Wara li kkunsidrat ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3) TFUE u wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 126(4) TFUE, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti defiċit eċċessiv f'Malta. Il-Kummissjoni għaldaqstant indirizzat tali opinjoni lil Malta u għarrfet lill-Kunsill dwarha fid-29 ta' Mejju 2013 [3].

(5) L-Artikolu 126(6) TFUE jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq jesprimi qabel ma jieħu deċiżjoni, wara evalwazzjoni ġenerali, jekk ikunx jeżisti defiċit eċċessiv. Fil-każ ta' Malta, din l-evalwazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet li ġejjin.

(6) Skont id-*data* nnotifikata mill-awtoritajiet Maltin f'April 2013, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika f'Malta laħaq 3,3 % tal-PDG fl-2012, biex b'hekk qabeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG. Ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 126(3) TFUE iqis li d-defiċit kien qrib il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG, iżda l-eċċess fuq il-valur referenzjarju ma jistax jiġi kkwalifikat bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, ma jirriżultax minn tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku fis-sens tat-TFUE u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fl-2010 u l-2011 it-tkabbir reali tal-PDG kien, bħala medja, aktar minn 2 % fis-sena, ogħla mit-tkabbir potenzjali. Id-*data* preliminari tal-PDG ippubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fl-11 ta' Marzu 2013 turi li r-ritmu ta' tkabbir ekonomiku naqas fl-2012 iżda baqa' pożittiv, fil-livell ta' 0,8 %. Id-differenza bejn il-produzzjoni reali u dik potenzjali, li kienet pożittiva fl-2011, huwa stmat li ħadet xejra ftit negattiva fl-2012. L-eċċess ippjanat fuq il-valur referenzjarju ma jistax jitqies bħala wieħed temporanju. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni, id-defiċit għandu jiżdied għal 3,7 % tal-PDG fl-2013, u jilħaq it-3,6 % tal-PDG fl-2014. Il-kriterju tad-defiċit fit-Trattat ma jitwettaqx.

(7) Id-*data* notifikata turi li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien ta' 72,1 % tal-PDG fl-2012, ogħla mill-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG. It-tbassir tar-rebbiegħa 2013 tas-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedi li l-proporzjon tad-dejn jiżdied għal 74,9 % tal-PDG fl-2014. Wara t-tħassir tal-PDE f'Diċembru 2012 [4], Malta bbenefikat minn perijodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin biex tkun tista' tiġi konformi mal-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn, mill-2012 'il quddiem. Fl-2012 Malta ma għamiltx biżżejjed progress lejn il-konformità mal-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn, peress li d-defiċit strutturali tagħha żdied meta kien obbligatorju li dan jitnaqqas. Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-kriterju tad-dejn fit-TFUE ma twettaqx.

(8) F'konformità mad-dispożizzjonijiet fit-Trattat u fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-Kummissjoni analizzat ukoll fir-rapport tagħha fatturi rilevanti. Kif speċifikat fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, għal pajjiżi bi proporzjon tad-dejn ogħla minn 60 % tal-PDG (bħal Malta), dawn il-fatturi jistgħu jiġu kkunsidrati biss fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv, meta tkun qed

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PDE għal Malta jinsabu fis-sit web li ġej: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/deficit/countries/malta_en.htm.

[4] Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/778/KE tal-4 ta' Diċembru 2012 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2009/587/KE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta (ĠU L 342, 14.12.2012, p. 43).

tiġi vvalutata l-konformità abbażi tal-kriterju tad-defiċit, jekk id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika jibqa' qrib il-valur referenzjarju u l-eċċess tiegħu fuq il-punt ta' riferiment ikun temporanju, li mhux il-każ ta' Malta ([1]). Fl-istess ħin, tali fatturi ġew ikkunsidrati waqt il-valutazzjoni tal-ksur tal-kriterju tad-dejn, iżda lanqas dawn ma jidher li jqajmu dubji dwar d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. B'mod partikolari, il-progress lejn il-konformità mal-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tad-dejn ġie evalwat fid-dawl tal-impatt tal-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro, li għandha effett li żżid id-dejn u d-defiċit. Fil-każ ta' Malta, l-impatt kumulattiv tal-faċilità ta' self għall-Greċja, l-iżborżi tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, il-kontribuzzjonijiet kapitali għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, u l-operazzjonijiet taħt il-programm Grieg għall-perijodu 2011-2014 kien ikun ta' 3,9 % tal-PDG fuq id-dejn, u 0,1 % tal-PDG fuq id-defiċit. Meta jittieħed f'kunsiderazzjoni l-impatt ta' dawn l-operazzjonijiet, l-isforz strutturali għall-2012 mitlub minn Malta biex tkun konformi mal-kriterju tad-dejn kien ikun aktar baxx, iżda xorta waħda akbar sew mill-isforz strutturali implimentat minn Malta fl-2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Wara evalwazzjoni ġenerali jirriżulta li f'Malta jeżisti defiċit eċċessiv.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Malta.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. NOONAN

([1]) L-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/320/PESK

## tal-24 ta' Ġunju 2013

## b'appoġġ għas-sigurtà fiżika u l-attivitajiet relatati mal-ġestjoni tal-ħażniet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fl-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fil-Libja u r-reġjun tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 26(2) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Wara r-rivolta popolari fil-Libja fi Frar 2011 u l-konflitt armat li rriżulta, il-Libja trid taffronta l-volum massiv ta' ħażniet ta' armi konvenzjonali u munizzjon, inklużi numri kbar ta' oġġetti li ma jistgħux jintużaw u li huma perikolużi. Il-firxa bla kontroll ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u munizzjon żiedet l-insigurtà fil-Libja, fil-pajjiżi ġirien tagħha u fir-reġjun usa', waqt li tharrxu l-konflitti u ddgħajjef il-bini tal-paċi wara l-konflitt u, b'hekk inħolqot theddida serja għall-paċi u s-sigurtà.

(2) B'segwitu għall-appoġġ tagħha lill-poplu Libjan matul u wara l-konflitt, l-Unjoni hija kommessa li tikkoopera aktar mal-Libja dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inklużi kwistjonijiet ta' sigurtà, u li tappoġġa l-proċess ta' transizzjoni għad-demokrazija, il-paċi u s-sigurtà sostenibbli.

(3) Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE fil-qlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u l-munizzjon tagħhom. Dik l-Istrateġija tirrikonoxxi li l-abbundanza tal-ħażniet tas-SALW u l-munizzjon jagħmlu l-kisba ta' tali armi faċli bl-istess mod miċ-ċivili, il-kriminali, it-terroristi u l-kombattenti u tisħaq dwar il-ħtieġa li titwettaq azzjoni preventiva biex jiġu ttrattati l-provvista illegali ta' armi konvenzjonali u d-domanda għalihom. Barra minn hekk tidentifika lill-Afrika bħala l-kontinent l-aktar affettwat mill-impatt tal-konflitti interni aggravati mill-influss destabbilizzanti ta' SALW.

(4) Fit-23 ta' Mejju 2012, il-Libja, is-Sudan, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Ċad, u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ffirmaw id-Dikjarazzjoni ta' Khartoum "Dwar il-Kontroll ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fil-Pajjiżi Ġirien kollha tal-Punent tas-Sudan." F'dik id-Dikjarazzjoni, il-Libja u l-firmatarji l-oħrajn impenjaw ruħhom, fost l-oħrajn, biex isaħħu l-kapaċitajiet u l-istituzzjonijiet nazzjonali sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji komprensivi ta' kontroll ta' SALW, Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali u interventi, inklużi s-sigurtà fiżika u l-ġestjoni tal-ħażniet ("PSSM") tas-SALW u l-munizzjon miżmumin mill-Istat, skont l-istandards internazzjonali.

(5) Id-Dikjarazzjoni ta' Khartoum tappella lill-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali biex jipprovdu appoġġ tekniku u finanzjarju f'koordinazzjoni mal-komunità internazzjonali biex jiġu implimentati l-eżiti tal-konferenza li saret f'Khartoum fit-22 u t-23 ta' Mejju 2012 u l-attivitajiet u l-inizjattivi sussegwenti kollha biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tas-SALW f'kull pajjiż.

(6) Fit-18 ta' Ġunju 2004, il-Libja rratifikat il-Protokoll kontra l-Manifattura u t-Traffikar Illeċiti ta' Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.

(7) L-Aġenzija Ġermaniża għall-Kooperazzjoni Internazzjonali, Deutsche Gesellschaft für internationale Zusammenarbeit (GIZ) GmbH ("GIZ"), qiegħda fil-proċess li tistabbilixxi proġett dwar il-kontroll ta' armi konvenzjonali fil-Libja. Fit-2 ta' Mejju 2012, il-GIZ u ċ-Ċentru għall-Ġlieda kontra l-Mini fil-Libja, bħala parti mill-Ministeru tad-Difiża, qablu dwar deskrizzjoni tal-programm dwar il-Ġlieda kontra l-Mini u l-Kontroll tal-Armi Konvenzjonali. Il-"Programm dwar il-Kontroll tal-Armi Konvenzjonali fil-Libja" (il-"Programm") globali jikkonsisti minn żewġ moduli speċifiċi u huwa kkofinanzjat mill-Unjoni u mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Affarijiet Barranin.

(8) Huwa neċessarju li tiġi żgurata mill-aktar possibbli l-appartenenza Libjana fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-PSSM, f'konformità mal-prinċipji ċentrali tal-appartenenza nazzjonali u l-għoti effettiv ta' setgħat lis-sħab lokali. Għaldaqstant, il-Programm ifittex li jinvolvi partijiet interessati Libjani rilevanti, inklużi, kif adatt, il-Ministeru tal-Intern, il-Ministeru tad-Difiża, il-Forzi Armati u atturi rilevanti oħrajn, fl-attivitajiet tal-PSSM. Il-GIZ ser tipprovdi appoġġ operattiv u parir tekniku lis-sħab ewlenin tal-Programm.

(9) Il-Programm jirrikonoxxi d-dinamika attwali fil-Libja u l-ħtieġa li l-partijiet interessati u s-sħab nazzjonali potenzjali kollha jiġu involuti mill-bidu. Dan għandu l-għan li jiżviluppa sħubijiet ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi internazzjonali speċjalizzati fil-ġlieda kontra l-mini u kwistjonijiet ta' PSSM li diġà pprovaw il-kapaċitajiet operattivi tagħhom fil-Libja. Dan jagħmel ukoll enfasi fuq it-trawwim tal-kooperazzjoni reġjonali mal-pajjiżi ġirien. L-Unjoni tqis li l-għajnuna finanzjarja lill-GIZ tikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-riskju relatat mat-tixrid illeċitu potenzjali ta' armi konvenzjonali u munizzjon fil-Libja u mil-Libja u r-reġjun usa',

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Unjoni għandha tistinka lejn il-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà fil-Libja u r-reġjun usa' permezz ta' miżuri ta' appoġġ immirati lejn l-iżgurar tas-sigurtà fiżika tajba u l-ġestjoni tajba tal-ħażniet tal-arsenali tal-armi Libjani mill-istituzzjonijiet tal-istat Libjani sabiex jitnaqqsu r-riskji maħluqin għall-paċi u s-sigurtà bit-tixrid illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW u l-munizzjon tagħhom, inkluż it-trawwim tal-multilateraliżmu eċċessiv fil-livell reġjonali f'dan il-kuntest.

2. L-attivitajiet li għandhom ikunu appoġġati mill-Unjoni għandu jkollhom l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

— li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-istat Libjani fl-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali u proċeduri operattivi standard għall-PSSM;

— li jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-istat Libjani fl-istabbiliment ta' qafas ta' taħriġ dwar kwistjonijiet tal-PSSM;

— li jappoġġaw ir-riabilitazzjoni u l-ġestjoni tas-sigurtà ta' żoni ta' ħżin tal-munizzjon skont standards nazzjonali;

— li jipprovdu unitajiet temporanji tal-ħżin għal armi konvenzjonali u ħażniet tal-munizzjon;

— li jappoġġaw ir-rilokazzjoni taż-żoni ta' ħżin tal-munizzjon li huma bbażati f'żoni popolati;

— li jwettqu studju ta' fattibbiltà dwar għażliet għat-tnaqqis tal-ħażniet disponibbli tal-munizzjon permezz tar-riċiklaġġ;

— li jrawmu l-kooperazzjoni reġjonali mal-pajjiżi ġirien dwar kwistjonijiet tal-PSSM;

— li jistabbilixxu sistema reżiljenti ta' ġestjoni tar-riskji biex jiġi żgurat it-twettiq tal-programm f'ambjent ta' implimentazzjoni li qed jinbidel b'mod rapidu.

3. Sabiex jinkiseb l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha timmira li tappoġġa lill-istituzzjonijiet tal-istat Libjani fir-riabilitazzjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin tal-munizzjon mingħajr sigurtà li ġarrbu ħsarat matul il-konflitt, u fl-iżgurar tas-sigurtà fiżika tajba u l-ġestjoni tajba tal-ħażniet tal-arsenali. Il-proġett għandu jiġi implimentat wara l-prinċipju ta' appartenenza nazzjonali bl-għan tas-sostenibbiltà fit-tul. Għaldaqstant, l-attivitajiet kollha għandhom jiġu kkoordinati mal-istituzzjonijiet tal-istat Libjani rispettivi u partijiet interessati rilevanti oħrajn. Barra minn hekk, il-proġett għandu jsegwi l-approċċ "tagħmilx ħsara" fil-kuntest tas-sensittività tal-konflitt.

Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1(3) għandha titwettaq mid-Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit (GIZ) GmbH ("GIZ").

3. Il-GIZ għandu jwettaq il-kompiti tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dan l-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-GIZ.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 5 000 000. Il-baġit stmat totali tal-proġett globali għandu jkun EUR 6 600 000, li għandu jiġi pprovdut permezz ta' kofinanzjament mal-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Affarijiet Barranin.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun ġestit skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-ġestjoni adatta tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dan l-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim meħtieġ mal-GIZ. Il-ftehim għandu jistipula li l-GIZ għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adatta skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

*Artikolu 4*

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mill-GIZ. Dawn ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett kif msemmi fl-Artikolu 1.

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiġi rieżaminata u riveduta fid-dawl tas-sitwazzjoni politika fil-Libja mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3).

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 60 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3), sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor bħala riżultat tar-rieżami mwettaq skont il-paragrafu 2. Madankollu, hija għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jiġi konkluż l-ebda ftehim matul dak il-perijodu.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS*

**Programm dwar il-Kontroll tal-Armi Konvenzjonali fil-Libja**

## 1. SFOND U LOĠIKA

### 1.1 Sfond

Matul ir-rivoluzzjoni Libjana fl-2011, ir-reġim ta' Gaddafi tilef il-kontroll fuq partijiet kbar tal-ħażna tal-armi konvenzjonali tiegħu. Bħala riżultat, is-siti tal-ħażna tal-armi kienu aċċessibbli għal ġellieda tal-oppożizzjoni, ċittadini u suldati wkoll. Sa minn tmiem il-ġlied, il-kontroll ċentrali fuq il-ħażna tal-armi ma ġiex stabbilit għal-kollox mill-ġdid u l-firxa u t-traffikar tal-armi qed jaffettwaw il-konflitti f'reġjuni tal-viċinat. Barra minn hekk, l-armi konvenzjonali sabu ruħhom fi djar ta' ċivili, li wasslu għal pussess privat mifrux ta' armi konvenzjonali fis-soċjetà Libjana. Barra dan, il-fdalijiet esplożivi tal-gwerra ("ERW") jikkontaminaw iż-żoni madwar żoni tal-ħżin tal-armi u l-munizzjon, art agrikola u spazji pubbliċi.

Skont l-istituzzjonijiet tal-gvern Libjan, hemm ħtieġa urġenti għal kontroll aktar imsaħħaħ u ċentrali tal-armi konvenzjonali u l-munizzjon fil-Libja kollha. Sabiex jipprovdu dan il-kontroll b'mod effettiv l-istituzzjonijiet tal-gvern Libjani identifikaw ħtieġa għal trasferiment ta' għarfien, tagħmir u kapaċitajiet tekniċi. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Libjani li jaħdmu f'dan il-qasam huma neqsin mill-mezzi finanzjarji u jeħtieġ li jtejbu l-kapaċitajiet tekniċi tagħhom. Bi tweġiba għal dawn l-isfidi, idDeutsche Gesellschaft für internationale Zusammenarbeit (GIZ) GmbH ("GIZ") u t-tmexxija taċ-Ċentru għall-Ġlieda kontra l-Mini fil-Libja ("LMAC"), taħt il-patroċinju tal-Ministeru tad-Difiża Libjan, laħqu qbil dwar programm ta' appoġġ fil-qasam tal-kontroll tal-armi konvenzjonali, inklużi s-sigurtà fiżika u l-ġestjoni tal-ħażniet ("PSSM").

Abbażi ta' proposta ta' proġett ippreżentata mill-GIZ, f'Ottubru 2012 lill-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Affarijiet Barranin (l-"FFO"), ikkummissjoni lill-GIZ biex timplimenta l-Programm dwar il-Kontroll tal-Armi Konvenzjonali fil-Libja (il-"Programm"). It-tul taż-żmien tal-proġett huwa 5 snin (60 xahar), maqsumin f'4 fażijiet. Il-baġit stmat totali tal-proġett huwa EUR 6 600 000 pprovdut permezz ta' kofinanzjament konġunt minn żewġ donaturi, l-FFO u l-Unjoni. Il-kontribuzzjoni tal-FFO hija ta' EUR 1 600 000 u l-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea hija sa EUR 5 000 000. Ir-responsabbiltà tal-ġestjoni għall-implimentazzjoni ser tkun tal-GIZ.

L-implimentazzjoni tal-attivitajiet bdiet fl-1 ta' Novembru 2012 u ser tintemm fil-31 ta' Ottubru 2017. L-Uffiċċju Federali tal-Affarijiet Barranin ser ikopri l-ispejjeż tal-modulu tal-iżvilupp tal-kapaċità kif ukoll kwalunkwe spejjeż tal-modulu tal-PSSM meqjus ineliġibbli mill-Unjoni.

L-appoġġ lill-imsieħba Libjani ser jingħata fil-forma ta' trasferiment ta' għarfien minn esperti fuq perijodu twil u fuq perijodu qasir li jorganizzaw u jmexxu taħriġ speċjalizzat, provvista ta' materjal u tagħmir u xi kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-implimentazzjoni ta' miżuri permezz tal-istituzzjonijiet tal-gvern u aġenziji speċjalizzati, inklużi għotjiet.

L-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn il-GIZ u l-Uffiċċju Federali tal-Affarijiet Barranin huma ddettaljati fi ftehim qafas iffirmat mill-GIZ u l-Uffiċċju Federali tal-Affarijiet Barranin fl-2005.

L-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn il-GIZ u l-Kummissjoni ser ikunu ddettaljati fi ftehim mill-GIZ u l-Kummiss-joni.

### 1.2 Loġika għall-appoġġ, il-viżibbiltà u s-sostenibbiltà tal-PESK

Il-firxa bla kontroll tal-armi konvenzjonali u l-munizzjon tagħhom fil-Libja wara l-avvenimenti li seħħew fi Frar 2011 żiedet l-insigurtà fil-Libja, fil-pajjiżi tal-viċinat tagħha u fir-reġjun usa', waqt li tharrxu l-konflitti u ddgħajjef il-bini tal-paċi wara l-konflitt, u b'hekk inħolqot theddida serja għall-paċi u s-sigurtà. Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u l-munizzjon tagħhom tidentifika l-Afrika bħala l-kontinent l-aktar affettwat mill-impatt tal-konflitti interni aggravati mill-influss destabbilizzanti tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir ("SALW"). L-appoġġ tal-Unjoni għall-Programm jfittex li jwieġeb għal dawk it-theddidiet. Huwa jiżgura wkoll li s-sigurtà u l-iżvilupp tal-politika tagħha jkunu konsistenti. B'segwitu għall-appoġġ tal-Unjoni lill-poplu Libjan matul u wara l-konflitt, b'mod partikolari l-appoġġ mill-komponent għal perijodu qasir tal-Istrument għall-Istabbiltà lill-Kunsill Daniż tar-Refuġjati, id-DanishChurchAid u l-Grupp Konsultattiv tal-Mini għall-approvazz-joni tal-UXO, u l-għarfien miżjud tar-riskji tas-SALW u tal-ERW fost il-popolazzjoni ċivili, l-Unjoni hija impenjata li tikkoopera aktar mal-Libja dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inklużi kwistjonijiet ta' sigurtà.

Sabiex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-mezzi disponibbli għall-Unjoni, fl-Unjoni u fir-relazzjonijiet bilaterali tagħha, l-Unjoni ser tappoġġa l-Programm permezz ta' kofinanzjament konġunt biex tagħti l-appoġġ tagħha b'mod effettiv billi tikkondividi l-kapaċità u s-sistemi tekniċi u ta' ġestjoni, u biex tinkoraġġixxi l-użu ta' proċeduri komuni ta' sorveljanza, evalwazzjoni u kontabbiltà.

Bħala waħda mill-organizzazzjonijiet ewlenin fis-servizzi ta' kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli, il-GIZ għandha esperjenza twila fl-iżgurar tal-viżibbiltà proprja flimkien ma' dik tas-sħab tagħha. Għal dak l-għan, il-GIZ għandha d-dipartiment tal-komunikazzjoni korporattiva tagħha proprju b'għodod tal-komunikazzjoni esterni speċjalizzati għad-dispożizzjoni tagħha. B'hekk, il-viżibbiltà tal-Unjoni ser tkun żgurata bi branding u pubbliċità

adatti, li jenfasizzaw ir-rwol tagħha, jiżguraw it-trasparenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni u s-sensibilizzazzjoni ta' udjenzi speċifiċi jew ġenerali tar-raġunijiet għall-Programm kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni għall-Programm u r-riżultati ta' dan l-appoġġ. Il-pubbliċità tista' tieħu l-forma ta' pubblikazzjonijiet u rapporti, avvenimenti, ritratti, dokumentazzjoni bil-videos, eċċ. Il-materjali prodotti mill-proġett ser juru b'mod prominenti l-bandiera tal-Unjoni skont il-linji gwida tal-Unjoni għall-użu u r-riproduzzjoni preċiżi tal-bandiera.

Il-proġett għandu l-għan li jikseb is-sostenibbiltà tal-miżuri previsti permezz tal-istruttura partikolari u l-approċċ fuq diversi livelli tiegħu. Huwa ddiżinjat bħala proġett fuq perijodu medju ta' ħames snin, li permezz tiegħu l-operazzjonijiet ta' emerġenza fuq perijodu qasir jiġu rrikonċiljati ma' proġetti fuq perijodu twil għat-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli. Mill-bidu nett, is-shab Libjani ser ikunu involuti fid-disinn tal-proġett filwaqt li jiżguraw l-appartenenza nazzjonali sa fejn possibbli u permezz ta' fażi ta' handover ta' sitt xhur fl-aħħar, huma ser ikunu pprerarati jassumu r-responsabbiltà kollha wara ħames snin. Barra minn hekk, il-GIZ ser taħdem f'livelli differenti, filwaqt li tikkollabora mal-istituzzjonijiet tal-istat, mal-organizzazzjonijiet nongovernattivi u mas-soċjetà ċivili kif ukoll ma' donaturi internazzjonali. Sabiex tkun żgurata l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-proġett f'pajjiż volatili bħal-Libja, il-proġett huwa mgħammar b'komponent tal-ġestjoni tar-riskji. Is-sostenibbiltà tal-miżuri lil hinn mit-tul taż-żmien tal-proġett hija speċifikament imrawma bl-integrazzjoni tal-iżvilupp tal-kapaċità tal-bniedem, l-iżvilupp istituzzjonali u l-elementi tan-netwerking reġjonali fid-disinn tal-proġett. Dan ifisser li l-kapaċitajiet ser jiżdiedu biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-Istat Libjani jistgħu jieħdu l-inizjattivi relatati neċessarji kif ikun meħtieġ fil-futur.

## 2. OBJETTIVI

### 2.1 Objettiv ġenerali

Il-"Programm " jfittex li jappoġġa l-istituzzjonijiet tal-istat Libjani biex jeżerċitaw kontroll nazzjonali effettiv fuq l-armi konvenzjonali u l-munizzjon tagħhom, biex inaqqsu r-riskju tal-firxa illeċita ta' armi konvenzjonali u tal-munizzjon tagħhom, u biex jiġġestixxu konsegwenzi relatati mas-sigurtà tal-konflitt armat Libjan. B'mod partikolari, il-proġett ifittex li jsaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-istat Libjani u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi fil-qasam tal-kontroll tal-armi konvenzjonali u l-munizzjon. Il-proġett ser ifittex li jrawwem ukoll il-kooperazzjoni reġjonali.

### 2.2 Objettivi speċifiċi

(i) li jiġu appoġġati l-istituzzjonijiet tal-istat Libjani bil-kompitu li jissorveljaw u jikkoordinaw fil-qasam tal-kontroll tal-armi konvenzjonali u l-azzjoni kontra l-mini (LMAC) biex jissodisfaw il-kompiti tagħhom;

(ii) li jissaħħu l-organizzazzjonijiet nongovernattivi Libjani, attivi fil-qasam tal-kontroll tal-armi konvenzjonali u l-azzjoni kontra l-mini, fil-promozzjoni, is-sensibilizzazzjoni kif ukoll il-kompiti tekniċi tagħhom;

(iii) li jiġu appoġġati l-istituzzjonijiet tal-istat Libjani bil-kompitu li jikkoordinaw u jissorveljaw fil-qasam tal-PSSM għall-iżvilupp, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-PSSM;

(iv) li tiġi direttament appoġġata l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-ġestjoni tal-ħażniet inklużi r-rilokazzjoni tas-siti tal-ħżin lil hinn miż-żoni popolati, ir-riabilitazzjoni ta' siti tal-ħżin tal-munizzjon għal standards nazzjonali u l-provvista u l-istallazzjoni ta' unitajiet temporanji tal-ħżin tal-munizzjon;

(v) li jitrawmu l-kooperazzjoni reġjonali, il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-tagħlim bejn il-pari dwar il-PSSM u l-firxa tal-akkumulazzjoni illeċita tal-armi konvenzjonali.

## 3. MODULI TAL-PROĠETT U RIŻULTATI MISTENNIJIN

Dan il-proġett huwa magħmul minn żewġ moduli speċifiċi:

3.1 L-iżvilupp tal-kapaċità (iffinanzjat mill- FFO); u

3.2 PSSM (iffinanzjati mill-Unjoni)

### 3.1 L-iżvilupp tal-kapaċità (iffinanzjat mill-FFO)

Dan il-modulu għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet tal-istat Libjani bil-kompitu li jissorveljaw u jikkoordinaw fil-qasam tal-kontroll tal-armi konvenzjonali u l-azzjoni kontra l-mini kif ukoll l-organizzazzjonijiet nongovernattivi Libjani involuti fil-kontroll tal-armi u l-azzjoni tal-mini. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-iżvilupp organizzattiv, filwaqt li tittejjeb il-ġestjoni finanzjarja u l-ġestjoni tal-kwalità kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet tekniċi.

F'konformità mal-objettivi ġenerali tal-programm, dan il-modulu jpoġġi l-prinċipju tal-appartenenza nazzjonali fl-azzjoni u għandu l-għan li jsaħħaħ l-istituzzjonijiet u l-kapaċitajiet Libjani bil-mira tas-sostenibbiltà fuq perijodu twil. Il-fokus tal-iżvilupp tal-kapaċità ser ikun doppju. Ser tingħata attenzjoni primarja lill-awtorità nazzjonali għall-azzjoni kontra l-mini fil-Libja, il-LMAC bħala parti mill-Ministeru tad-Difiża. It-tieni fokus ser ikun fuq organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Libjani involuti f'attivitajiet ta' approvazzjoni u s-sensibilizzazzjoni.

Riżultat 1: Il-ħtiġijiet għat-taħriġ u t-tagħmir tal-LMAC, l-istituzzjoni Libjana nazzjonali maħtura mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Libjanbiex ikollha l-kompitu li tissorvelja u tikkoordina fil-qasam tal-kontroll tal-armi konvenzjonali u l-azzjoni kontra l-mini ser jiġu identifikati u kkwalifikati. L-istrateġiji għat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali fil-qasam tal-iżvilupp organizzattiv u l-ġestjoni finanzjarja u tal-kwalità, fost l-oħrajn, ser jiġu żviluppati mil-LMAC.

*Attività 1:* L-abbozzar u l-analiżi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet dwar il-kapaċitajiet istituzzjonali;

*Attività 2:* L-iżvilupp ta' pjan ta' negozju u sistema ta' ġestjoni tal-kwalità;

*Attività 3:* L-istabbiliment ta' programm qafas għall-edukazzjoni u t-taħriġ għall-persunal tal-faċilitajiet tal-armi u ta' ħżin tal-munizzjon;

*Attività 4:* L-appoġġ għall-installazzjoni tal-uffiċċji ta' koordinazzjoni tal-istituzzjoni msieħba (LMAC).

Eżitu:

— It-twettiq u d-dokumentazzjoni ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet dwar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-LMAC sa tmiem it-18-il xahar tal-proġett;

— L-iżvilupp mill-istituzzjoni rispettiva (LMAC) ta' pjan ta' negozju u proċess ta' ġestjoni tal-kwalità sa tmiem it-tletin xahar tal-proġett;

— It-tgħammir b'mod adegwat tal-istituzzjoni rispettiva (LMAC) sat-tletin xahar tal-proġett;

— L-iżviupp tal-qafas tat-taħriġ b'kollaborazzjoni mal-istituzzjoni msieħba (LMAC).

Eżitu/i ieħor/oħrajn ta' dawn l-attivitajiet ser jiġi/u speċifikat/i sa tmiem is-sitt xahar tal-proġett b'kooperazzjoni mal-LMAC. B'kont meħud tal-ħatra reċenti tal-istituzzjoni msieħba mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Libjan, l-indikaturi rilevanti ser jiġu speċifikati mill-aktar fis possibbli.

Riżultat 2: Il-ħtieġijiet għat-taħriġ u t-tagħmir tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi Libjani li jaħdmu fil-qasam tal-kontroll tal-armi konvenzjonali u l-azzjoni kontra l-mini ser jiġu identifikati u kkwalifikati. Il-kapaċitajiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet nongovernattivi, b'mod partikolari fil-ġestjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-ħiliet tekniċi, ser jissaħħu.

*Attività 1:* Taħriġ fil-ġestjoni u fil-ġestjoni finanzjarja;

*Attività 2:* Miżuri tekniċi ta' taħriġ fil-qasam tal-azzjoni kontra l-mini.

Eżitu:

— L-implimentazzjoni ta' tliet organizzazzjonijiet nongovernattivi kull sena fl-2013, l-2014 u l-2015.

### 3.2 PSSM (iffinanzjati mill-Unjoni)

*Attività 1:* Żvilupp ta' strateġija nazzjonali u proċeduri operattivi standard għall-PSSM;

*Attività 2:* L-istabbiliment ta' qafas ta' taħriġ dwar kwistjonijiet tal-PSSM;

*Attività 3:* Ir-riabilitazzjoni u l-ġestjoni tas-sigurtà ta' żoni ta' ħżin tal-munizzjon;

*Attività 4:* Il-provvista ta' unitajiet temporanji tal-ħżin;

*Attività 5:* Rilokazzjoni taż-żoni ta' ħżin tal-munizzjon;

*Attività 6:* Opzjonijiet għar-riċiklaġġ tal-ħażniet tal-munizzjon;

*Attività 7:* Il-kooperazzjoni reġjonali dwar kwistjonijiet tal-PSSM;

*Attività 8:* L-istabbiliment ta' sistema reżiljenti ta' ġestjoni tar-riskji.

#### 3.2.1 *Żvilupp ta' strateġija nazzjonali u proċeduri operattivi standard għall-PSSM*

Objettivi:

Din l-attività ser issaħħaħ il-koordinazzjoni fost l-istituzzjonijiet Libjani involuti fil-ġestjoni tal-ħażniet u tirriżulta fi kwalità għolja tal-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-ġestjoni tal-ħażniet, u b'hekk tiżdied is-sikurezza u s-sigurtà tal-armi konvenzjonali u l-ħażniet tal-munizzjon. L-istituzzjonijiet tal-istat Libjani bil-kompitu li jikkoordinaw u jissorveljaw fil-qasam tal-PSSM ser ikunu jistgħu jiżviluppaw, jikkoordinaw u jimplimentaw il-miżuri tal-PSSM.

Deskrizzjoni:

— Ir-riċerka u r-rieżami tal-istrateġiji nazzjonali eżistenti u l-proċeduri operattivi standard ("SOPs") f'oqsma relatati mal-PSSM u l-ġenerazzjoni tal-lezzjonijiet meħudin għall-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali ġdida u SOPs riveduti;

— Id-disseminazzjoni u d-diskussjoni tal-lezzjonijiet meħudin u d-deskrizzjonijiet wesgħin ta' strateġija nazzjonali fi proċess ta' konsultazzjoni parteċipattiv mal-partijiet interessati rilevanti kollha inklużi, pereżempju, il-Ministeru tal-Affarijiet Interni, il-Ministeru tad-Difiża, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Forzi Armati Libjani, l-Għassa Nazzjonali u l-NGOs nazzjonali;

— L-għoti ta' appoġġ organizzattiv u kompetenza teknika lill-awtorità Libjana responsabbli għall-abbozzar tal-istrateġija nazzjonali u l-iżvilupp tas-SOPs;

— L-appoġġ lil istituzzjoni nazzjonali responsabbli għall-faċilitazzjoni ta' rieżami ta' strateġija u l-proċess ta' bini tal-kunsens mal-partijiet interessati rilevanti għall-finalizzazzjoni tal-istrateġija nazzjonali u tas-SOPs dwar il-PSSM.

Eżitu:

— L-abbozzar ta' strateġija nazzjonali li tkopri l-PSSM;

— L-abbozzar ta' SOPs għall-PSSM.

3.2.2 *L-istabbiliment ta' qafas ta' taħriġ dwar kwistjonijiet tal-PSSM*

Objettivi:

L-attività ser tirriżulta f'taħriġ imtejjeb għal dawk li jaħżnu l-armi u l-faċilitajiet ta' ħżin tal-munizzjon u, b'hekk, tikkontribwixxi għal sigurtà mtejba f'dawk is-siti.

Deskrizzjoni:

— Ir-rieżami tal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tat-taħriġ eżistenti f'oqsma relatati mal-PSSM u l-ġenerazzjoni tal-lezzjonijiet meħudin għall-iżvilupp ta' qafas ta' taħriġ ġdid;

— It-tmexxija ta' stħarriġ ta' entitjaiet imsieħba u istituzzjonijiet ta' taħriġ eżistenti u ppjanati għall-korsijiet ta' taħriġ tal-PSSM;

— Il-faċilitazzjoni ta' proċess ta' konsultazzjoni ta' partijiet interessati bil-għan tal-ġenerazzjoni ta' deskrizzjoni wiesgħa u objettivi ewlenin għal qafas ta' taħriġ nazzjonali futur dwar il-PSSM;

— Il-faċilitazzjoni tal-proċess ta' abbozzar għal qafas ta' taħriġ minn grupp ta' esperti li jinkludi esperti Libjani u internazzjonali. Il-qafas ta' taħriġ għandu jinkludi definizzjoni tal-grupp fil-mira, strateġija biex jintlaħaq u jingħażel il-grupp fil-mira, l-abbozzar ta' kurrikulu ta' taħriġ, definizzjoni ta' metodi ta' taħriġ, limitu ta' żmien, kunċett għall-persunal, kalkolu tal-ispejjeż kif ukoll l-abbozzar ta' dokumentazzjoni u sistema ta' evalwazzjoni.

Eżitu:

— L-implimentazzjoni ta' workshops għall-proċess ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati u tal-proċess ta' abbozzar;

— L-iżvilupp tal-qafas ta' taħriġ.

3.2.3 *Ir-riabilitazzjoni u l-ġestjoni tas-sigurtà ta' żoni ta' ħżin tal-munizzjon*

Objettivi:

Tnaqqis b'mod sinifikanti tar-riskju ta' serq, sakkeġġ u aċċess mhux awtorizzat għal armi konvenzjonali u siti ta' ħżin tal-munizzjon.

Deskrizzjoni:

— Ir-rieżami ta' stħarriġ eżistenti tż-żoni ta' ħżin tal-munizzjoni ("ASAs") kif ukoll rapporti komunitarji dwar armi mhux assigurati u munizzjon mormi f'żoni popolati u l-abbozzar ta' rapport bid-dettalji tar-riżultati tar-rieżami;

— Il-faċilitazzjoni tal-proċess ta' prijoritizzazzjoni mwettaq mill-istituzzjonijiet Libjani rilevanti għall-għażla tal-ASAs biex jiġi riabilitat bħala proġett pilota;

— L-ikkummissjonar ta' studju tekniku ta' fattibbiltà u gruppi ta' stħarriġ tal-kostruzzjoni għall-ġenerazzjoni tal-għażliet ta' riabilitazzjoni kosteffiċjenti;

— Il-faċilitazzjoni tal-bini tal-kunsens dwar liema ASAs għandhom jiġu riabilitati. Il-kriterji tal-għażla li ġejjin ser jiġu inklużi fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet: prijoritajiet nazzjonali, theddid tas-sigurtà għall-popolazzjoni lokali, għoti tal-aċċess mill-atturi rispettivi tas-sigurtà (kunsilli militari, eċċ.), restrizzjonijiet operattivi u finanzjarji u preferenzi komunitarji.

— Il-faċilitazzjoni tal-esternalizzazzjoni ta' stħarriġ tekniku u żvilupp tat-termini ta' referenza u l-faċilitazzjoni tal-proċedura tal-ikkuntrattar għal proġetti rispettivi ta' riabilitazzjoni;

— Il-faċilitazzjoni tal-valutazzjoni konġunta tal-monitoraġġ u l-kwalità;

— Il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' kunċett ta' sikurezza u sigutà għall-ASA pilota;

— L-għoti ta' tagħmir ta' sigurtà għall-ASAs pilota;

— L-għoti ta' taħriġ lill-persunal prospettiv tas-siti tal-ħżin.

Eżitu:

— Ir-riabilitazzjoni ta' numru fiss ta' faċilitajiet ta' ħżin tal-munizzjon (numru għandu jiġi determinat fi tmiem l-ewwel fażi).

3.2.4 *Il-provvista ta' unitajiet temporanji tal-ħżin*

Objettivi:

Din l-attività ser tirriżulta f'kontroll aħjar tal-arsenali tal-armi konvenzjonali Libjani magħżulin, filwaqt li tnaqqas ir-riskju ta' serq u ttejjeb il-protezzjoni taċ-ċittadini minn splużjonijiet bla kontroll.

Deskrizzjoni:

— L-ikkummissjunar ta' stħarriġ ta' siti potenzjali għal unitajiet temporanji tal-ħżin u studju tal-fattibbiltà dwar l-għażliet kosteffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-unitajiet temporanji tal-ħżin. Ir-riżultati tal-istħarriġ ser ikunu dettaljati f'rapport dwar fejn għandhom jitqiegħdu l-unitajiet temporanji tal-ħżin u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom;

— Il-faċilitazzjoni tal-bini tal-kunsens dwar fejn għandhom jinbnew l-unitajiet temporanji tal-ħżin. Il-kriterji tal-għażla li ġejjin ser jiġu inklużi fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet: prijoritajiet nazzjonali, theddid tas-sigurtà għall-popolazzjoni lokali, għoti tal-aċċess mill-atturi rispettivi tas-sigurtà (kunsilli militari, eċċ.), restrizzjonijiet operattivi u finanzjarji u preferenzi komunitarji.

— Il-faċilitazzjoni tal-esternalizzazzjoni ta' stħarriġ tekniku u żvilupp tat-termini ta' referenza u l-faċilitazzjoni tal-proċedura tal-ikkuntrattar għal proġetti rispettivi ta' riabilitazzjoni;

— Il-faċilitazzjoni tal-valutazzjoni konġunta tal-monitoraġġ u l-kwalità;

— Il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tal-kunċett ta' sigurtà u sikurezza għal kull unità temporanja tal-ħżin;

— L-għoti ta' tagħmir ta' sigurtà għall-unitajiet temporanji tal-ħżin magħżulin;

— L-għoti ta' taħriġ lill-persunal prospettiv fl-unitajiet ta' ħżin.

Eżitu:

— L-istabbiliment ta' numru fiss ta' faċilitajiet ta' ħżin tal-munizzjoni temporanji li ġew stabbiliti (in-numru għandu jiġi determinat fi tmiem l-ewwel fażi).

3.2.5. *Rilokazzjoni taż-żoni ta' ħżin tal-munizzjon*

Objettivi:

L-implimentazzjoni ta' din l-attività ser tirriżulta f'sigurtà mtejba taż-żoni tal-ħżin u f'sitwazzjoni ta' sigurtà mtejba fil-viċinati popolati.

Deskrizzjoni:

— L-ikkummissjunar ta' stħarriġ ta' siti fil-Libja kollha li jeħtieġu r-rilokazzjoni;

— L-ikkummissjunar ta' studju tal-fattibbiltà u rapport assoċjat dwar l-għażliet kosteffiċjenti għat-trasport/rilokazzjoni u dwar l-għażliet għal siti fejn jiġu rilokati l-ASAs;

— Il-faċilitazzjoni tal-bini tal-kunsens dwar l-għażla tal-ASAs għar-rilokazzjoni. Il-kriterji tal-għażla li ġejjin ser jiġu inklużi fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet: prijoritajiet nazzjonali, theddid tas-sigurtà għall-popolazzjoni lokali, għoti tal-aċċess mill-atturi rispettivi tas-sigurtà (kunsilli militari, eċċ.), restrizzjonijiet operattivi u finanzjarji u preferenzi komunitarji.

— Il-faċilitazzjoni tal-esternalizzazzjoni ta' stħarriġ tekniku u żvilupp tat-termini ta' referenza u l-faċilitazzjoni tal-proċedura tal-ikkuntrattar għal proġetti rispettivi ta' rilokazzjoni/trasport;

— Il-faċilitazzjoni tal-valutazzjoni konġunta tal-monitoraġġ u l-kwalità;

Eżitu:

— Ir-rilokazzjoni ta' numru fiss ta' faċilitajiet ta' ħżin tal-munizzjon (in-numru għandu jiġi determinat fi tmiem l-ewwel fażi).

3.2.6 *Għażliet għar-riċiklaġġ tal-ħażniet tal-munizzjon*

Objettiv:

It-tlestija ta' studju ta' fattibbiltà dwar għażliet għat-tnaqqis tal-ħażniet disponibbli tal-munizzjon permezz tar-riċiklaġġ u l-ħolqien li jirriżulta ta' inċentiv għall-qerda tal-armi konvenzjonali.

Deskrizzjoni:

— L-abbozzar ta' termini ta' referenza flimkien mal-awtoritajiet rispettivi Libjani;

— Il-faċilitazzjoni ta' proċess ta' offerti u selezzjoni internazzjonali;

— L-ikkummissjunar tal-istudju ta' fattibbiltà;

— Il-faċilitazzjoni tal-kontroll konġunt tal-kwalità tal-istudju tal-fattibbiltà;

— Id-disseminazzjoni tar-riżultati ta' studju lill-partijiet interessati rispettivi Libjani;

— Il-faċilitazzjoni tat-traduzzjoni u l-istampar tal-istudju.

Eżitu:

— Ir-rapport tal-istudju ta' fattibbiltà dwar alternattivi għat-tnaqqis tal-ħażniet disponibbli tal-munizzjon permezz tar-riċiklaġġ;

— Workshop għad-disseminazzjoni.

3.2.7 *Il-kooperazzjoni reġjonali dwar kwistjonijiet tal-PSSM*

Objettiv:

L-attività ser issaħħaħ l-interazzjoni u l-koordinazzjoni reġjonali, u b'hekk iżżid il-kompetenzi u l-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet rilevanti tal-istat u organizzazzjonijiet mhux governattivi involuti fil-kontroll tal-armi konvenzjonali, it-trażżin tal-proliferazzjoni u l-ġestjoni tal-ħażniet fir-reġjun.

Deskrizzjoni:

— L-appoġġ biex jiġu organizzati sa żewġ konferenzi reġjonali ta' jumejn bħala fora għad-djalogi reġjonali, l-informazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-tagħlim bejn il-pari b'approċċ fuq tliet binarji: i) parteċipanti bi profil għoli mill-istituzzjonijiet tal-istat; ii) implimentaturi tekniċi fiż-żona tal-ġestjoni tal-ħażniet; u iii) organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-organizzazzjoni ta' numru ta' preżentazzjonijiet u workshops;

— Il-faċilitazzjoni tal-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet dwar suġġetti ta' preżentazzjonijiet u workshops;

— Il-faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni tal-parteċipanti potenzjali kif ukoll bħala kelliema b'għajnuna mill-Unjoni, l-imsieħba Libjani u l-pajjiżi ġirien;

— Il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tat-termini ta' referenza u tal-proċedura tal-ikkuntrattar ta' kumpannija għall-ġestjoni tal-konferenzi, il-komunikazzjoni pubblika u d-dokumentazzjoni.

Eżitu:

— Sa żewġ konferenzi ta' jumejn f'limitu ta' żmien ta' sentejn u nofs b'mhux aktar minn 45 parteċipant.

3.2.8 *L-istabbiliment ta' sistema reżiljenti ta' ġestjoni tar-riskji*

Objettiv:

Biex titrawwem l-implimentazzjoni b'suċċess u sensittiva għall-konflitt tal-attivitajiet tal-proġett f'ambjent ta' riskju ta' sfida, inklużi s-sigurtà pubblika fraġli, gruppi armati multipli u sitwazzjoni ta' theddida għas-sigurtà volatili.

Deskrizzjoni:

— L-iżvilupp ta' linji gwida tal-proġett għall-ipprogrammar sensittiv għall-konflitt f'konformità mal-approċċ li ma ssir l-ebda ħsara li jirreferi għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġett b'mod li jnaqqas l-effetti negattivi mhux intiżi;

— It-twettiq ta' analiżi ta' riskju u theddid u l-iżvilupp ta' kunċett ta' sigurtà inklużi poċeduri ta' operattivi standard għall-programm sabiex tiġi massimizzata s-sigurtà tal-persunal u tal-assi tal-proġett;

— Il-monitoraġġ kostanti fil-post tar-riskji u t-theddid u servizzi ta' konsulenza prattika tar-riskji lill-persunal u l-operazzjonijiet tal-proġett;

— It-tagħmir ta' sigurtà għall-protezzjoni tal-persunal tal-proġett u tal-assi tal-proġett;

— L-iżvilupp ta' għodda flessibbli tal-ġestjoni tal-proġett biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-proġett fil-każ ta' ambjent ta' sigurtà deterjoranti, speċifikament il-kapaċitajiet tal-ġestjoni remoti.

Eżitu:

— Il-kunċett ta' sigurtà għall-proġett attwat;

— L-iżvilupp ta' linji gwida għall-ipprogrammar sensittiv għall-konflitt;

— Il-konsulent stabbilit tal-ġestjoni tar-riskji.

## 4. IMPLIMENTAZZJONI

### 4.1 Struttura ġenerali

Abbażi ta' proposta ta' proġett ippreżentata mill-GIZ lill-FFO, f'Ottubru 2012 il-GIZ ġiet ikkummissjonata mill-FFO biex timplimenta l-modulu tal-iżvilupp tal-kapaċità tal-Programm dwar il-Kontroll tal-Armi Konvenzjonali fil-Libja. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet bdiet fl-1 ta' Novembru 2012 u ser tintemm fil-31 ta' Ottubru 2017. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ser testendi dan il-proġett billi tappoġġa modulu addizjonali dwar il-PSSM. Il-modulu tal-PSSM ser jiġi implimentat flimkien mal-modulu tal-iżvilupp tal-kapaċità bl-attivitajiet li jibdew fl-2013 u jkomplu sa Ottubru 2017.

Il-GIZ ser timplimenta ż-żewġ modului li jirrigwardaw l-iżvilupp tal-kapaċità u l-PSSM permezz tal-forniment ta' esperti għall-perijodu fit-tul u fil-qosor kif ukoll f'kooperazzjoni mal-imsieħba internazzjonali u nazzjonali, parzjalment permezz ta' arranġamenti sottokontrattwali.

L-imsieħeb prinċipali tal-GIZ għall-modulu tal-iżvilupp tal-kapaċità huwa l-LMAC. F'*note verbale* lill-Ambaxxata Ġermaniża fi Tripli bid-data tas-17 ta' Diċembru 2012, il-Ministeru Libjan tal-Affarijiet Barranin ikkonferma lil-LMAC bħala l-istituzzjoni nazzjonali Libjana responsabbli għas-sorveljanza u l-koordinazzjoni fil-qasam tal-kontroll ta' armi konvenzjonali u l-azzjoni kontra l-mini u laqa' l-Programm li għandu jiġi implimentat mill-GIZ.

Il-GIZ ġiet magħżula bħala l-aġenzija implimentattiva għal dan il-proġett minħabba l-għarfien espert u l-esperjenza speċifiċi tagħha fid-dinja kollha kif ukoll il-preżentazzjoni tagħha lill-Grupp ta' Ħidma CODUN dwar il-missjoni ta' valutazzjoni tal-GIZ lejn il-Libja u r-rakkomandazzjonijiet u l-istrateġija ssuġġerita tagħha għall-azzjoni, b'mod partikolari, l-iżgurar tal-partċipazzjoni u l-appartenenza tal-partijiet interessati rilevanti kollha u l-enfasi fuq l-impatt sostenibbli.

### 4.2 Imsieħba

L-attivitajiet tal-Programm fil-Libja għaż-żewġ moduli ser jiġu implimentati f'kollaborazzjoni mal-imsieħba internazzjonali. Hemm diversi msieħba li l-GIZ ser tikkoopera magħhom u li diġà tikkolaabora magħhom: il-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libja (UNSMIL) tappoġġa lill-aġenziji Libjani, inter alia, permezz tal-għoti ta' konsulenza strateġika u teknoloġika fil-qasam tas-sigurtà u l-kontroll ta' armi. L-UNSMIL ingħatat il-mandat skont ir-Riżoluzzjoni 2040 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tat-12 ta' Marzu 2012 fl-oqsma tal-ġlieda konra l-mini, il-ġestjoni ta' munizzjon u l-ġestjoni ta' armi. Il-GIZ qed tikkoopera ma' donaturi oħra fil-qasam tal-kontroll ta' armi u l-azzjoni kontra l-mini fil-Libja, b'mod partikolari l-Istati Uniti u r-Renju Unit.

Filwaqt li r-responabbiltà inġenerali tal-ġestjoni tal-programm ser tibqa' mal-GIZ, il-programm ser ukoll joħloq sħubiji ma' NGOs internazzjonali speċjalizzati fil-PSSM u l-azzjoni kontra l-mini u jipprovdi aktar għarfien espert speċjalizzat fiż-żewġ modului rispettivi u jimplimenta attivitajiet ta' awtorizzazzjoni fuq il-post. Minħabba l-approċċ moduluari tal-programm, il-Programm ser jimpenja diversi NGOs, li ser jintgħażlu abbażi tal-presenza reġjonali, il-punti qawwija u dgħajfa u l-esperjenza preċedenti u l-kapaċitajiet operattivi tagħhom fil-Libja.

### 4.3 Ġestjoni ta' Azzjoni

Tfassil ta' Programm: Approċċ ta' Pjattaforma Moduluari

Il-programm hu mfassal sabiex modului speċifiċi jistgħu jinżiedu jew jitneħħew matul il-programm sabiex ikun jista' jadatta għall-ambjenti dejjem jinbidlu f'manjiera flessibbli u sensittiva għal kunflitti. L-istruttura tippermetti li donaturi differenti jiffinanzjaw partijiet tal-Programm u li kull kontribuzzjoni tad-donatur tkun viżibbli. Fl-aħħar nett, il-programm jinkludi struttura li tipprovdi kapaċità għal ġestjoni affidabbli tar-riskju u ġestjoni soda tal-proġett. Għaldaqstant, il-GIZ toħloq pjattaforma tal-proġett li tiżgura l-ġestjoni tal-programm u li timplimenta ż-żewġ modului tal-proġett.

Strateġija tal-Programm: Erba' Fażijiet f'Ħames Snin

Il-programm hu mfassal biex jagħlaq il-lakuna bejn l-operazzjonijiet ta' emerġenza li qed jispiċċaw fil-Libja u l-istrateġiji u l-programmi ta' żvilupp nazzjonali li huma mistennija li jiġu mnedija u implimentati mill-gvern Libjan fis-snin li ġejjin.

Għalhekk huwa gggwidat minn strateġija ta' perijodu medju ta' ħames snin li teċċedi t-tul taċ-ċikli tipiċi għall-ippjanar ta' emerġenza. Il-modulu ta' Żvilupp ta' Kapaċità, b'mod partikolari, ser jeħtieġ iż-żmien u sħubija affidabbli bejn il-Programm u l-imsieħba nazzjonali biex iwasslu riżultari tanġibbli u jiżguraw li, sa tmiem l-Fażi 4, l-appartenenza nazzjonali tkun tal-istess livell tal-kapaċitajiet nazzjonali.

L-approċċ ta' erba' fażijiet jiżgura li l-modului tal-Programm jistgħu jiġu adattati matul il-Programm, minħabba l-ħtiġijiet differenti min-naħa tal-imsieħeb jew tibdil fir-realtajiet ta' finanzjament. Jippermetti wkoll li l-Programm jinkludi modului addizzjonali fil-Fażi 3, jekk il-kondizzjonijiet sa dak iż-żmien ikunu aktar favorevoli għal dawk l-oqsma ta' impenn milli huma fil-preżent.

Arranġamenti tad-donaturi:

Il-Programm hu proġett b'ħafna donaturi kofinanzjat mill-Unjoni u l-FFO.

L-FFO ser jissorvelja regolament il-proġett kollu implimentat mill-GIZ, inkluzi kemm il-komponent tal-iżvilupp ta' kapaċità kif ukoll il-komponent dwar il-PSSM permezz tal-proċeduri stabbiliti tal-FFO.

Tul ta' żmien u fażijiet tal-programm:



# REGOLI TA' PROĊEDURA

## EMENDA GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA,

wara li rat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, is-sitt paragrafu tal-Artikolu 253 tiegħu,

wara li rat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u, b'mod partikolari, l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

wara li rat it-tieni paragrafu tal-Artikolu 64 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

billi tikkunsidra li bl-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Kroat ser isir lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u li għalhekk din il-lingwa għandha tiġi inkluża fost il-lingwi tal-kawża stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura,

bl-approvazzjoni tal-Kunsill mogħtija fis-7 ta' Ġunju 2013,

TADOTTA L-EMENDA SEGWENTI GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAGĦHA:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 36 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Settembru 2012 [1] huwa ssostitwit bit-test segwenti:

"*L-Artikolu 36*

Il-lingwi tal-kawża huma l-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, l-Ispanjol, l-Isvediż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan u l-Ungeriż."

*Artikolu 2*

1. Din l-emenda għar-Regoli tal-Proċedura għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tidħol fis-seħħ fl-istess ħin tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

2. It-test tar-Regoli tal-Proċedura bil-Kroat ser jiġi adottat wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ġunju 2013.

---

[1] ĠU L 265, 29.9.2012, p. 1.

# EMENDA GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-QORTI ĠENERALI

IL-QORTI ĠENERALI,

wara li rat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, il-ħames paragrafu tal-Artikolu 254 tiegħu,

wara li rat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u, b'mod partikolari, l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

wara li rat it-tieni paragrafu tal-Artikolu 64 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

bil-kunsens tal-Qorti tal-Ġustizzja,

billi tikkunsidra li bl-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Kroat ser isir lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u li għalhekk din il-lingwa għandha tiġi inkluża fost il-lingwi tal-kawża stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura,

bl-approvazzjoni tal-Kunsill mogħtija fis-7 ta' Ġunju 2013,

TADOTTA L-EMENDA SEGWENTI GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAGĦHA:

*Artikolu 1*

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 6, p. 32) ([1]) huma emendati kif ġej:

L-Artikolu 35(1) huwa ssostitwit bit-test segwenti:

"Il-lingwi tal-kawża huma l-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, it-Taljan, l-Ungeriż, u l-Iżvediż."

*Artikolu 2*

1. Din l-emenda għar-Regoli tal-Proċedura għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tidħol fis-seħħ fl-istess ħin tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

2. It-test tar-Regoli tal-Proċedura bil-Kroat ser jiġi adottat wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2013.

| *Ir-Reġistratur* | *Il-President* |
|---|---|
| E. COULON | M. JAEGER |

([1]) Emendati fil-15 ta' Settembru 1994 (ĠU L 249, 24.09.1994, p. 17), fis-17 ta' Frar 1995 (ĠU L 44, 28.02.1995, p. 64), fis-6 ta' Lulju 1995 (ĠU L 172, 22.07.1995, p. 3), fit-12 ta' Marzu 1997 (ĠU L 103, 19.04.1997, p. 6, b'rettifika fil-ĠU L 351, 23.12.1997, p. 72), fis-17 ta' Mejju 1999 (ĠU L 135, 29.05.1999, p. 92), fis-6 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 322, 19.12.2000, p. 4), fil-21 ta' Mejju 2003 (ĠU L 147, 14.06.2003, p. 22), fid-19 ta' April 2004 (ĠU L 132, 29.04.2004, p. 3), fil-21 ta' April 2004 (ĠU L 127, 29.04.2004, p. 108), fit-12 ta' Ottubru 2005 (ĠU L 298, 15.11.2005, p. 1), fit-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 45), fit-12 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 179, 8.07.2008, p. 12), fl-14 ta' Jannar 2009 (ĠU L 24, 28.01.2009, p. 9), fis-16 ta' Frar 2009 (ĠU L 60, 4.03.2009, p. 3), fis-7 ta' Lulju 2009 (ĠU L 184, 16.07.2009, p. 10), fis-26 ta' Marzu 2010 (ĠU L 92, 13.04.2010, p. 14) u fl-24 ta' Mejju 2001 (ĠU L 162, 22.06.2011, p. 18).

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2013 TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-UE

**tas-7 ta' Ġunju 2013**

**li tadotta protokoll dwar il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014-2020 taħt il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra,**

(2013/321/UE)

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI TAL-AKP-UE

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]) kif emendat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ([2]) u f'Ouagadougo u fit-22 ta' Ġunju 2010 ([3]) ('il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE"), u partikolarment l-Artikolu 95(2) u 100 tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha flimkien mal-Istati tal-AKP wettqu reviżjoni tal-prestazzjoni, skont l-Artikolu 7 għall-Anness Ib tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, li fost l-oħrajn tivvaluta l-grad ta' twettiq tal-impenji u l-iżborżamenti.

(2) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qablu li jistabbilixxu l-mekkaniżmu ta' finanzjament, jiġifieri, il-11-il FEŻ, il-perjodu eżatt li għandu jiġi kopert (2014-2020), u l-ammont ta' fondi li għandhom jiġu allokati għal dan il-mekkaniżmu.

(3) Il-protokoll li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014-2020 għandu jiddaħħal fil-Ftehim bħala Anness Ic.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għal din id-Deċiżjoni għandu jiġi adottat bħala Anness Iċ ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 u f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill tal-Ministri AKP-UE*

*Il-President*

P. T. C. SKELEMANI

---

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif rettifikat permezz ta' ĠU L 385,29.12.2004, p. 88.
([2]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.
([3]) ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3

*ANNESS*

L-Anness li ġej għandu jiddaħħal fil-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE:

"*ANNESS Ic*

Qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014 - 2020

1. Għall-finijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim u għal perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2014, l-ammont globali ta' assistenza finanzjarja disponibbli għall-Istati tal-AKP fi ħdan dan il-qafas finanzjarju multiannwali għandu jkun ta' EUR 31 589 miljun, kif speċifikat fil-punti 2 u 3.

2. L-ammont ta' EUR 29 089 miljun taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni mad-dħul fis-seħħ tal-qafas finanzjarju multiannwali. Dan l-ammont għandu jiġi allokat bejn l-istrumenti ta' kooperazzjoni kif ġej:

   (a) EUR 24 365 miljun għall-finanzjament tal-programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali. Din l-allokazzjoni se tintuża biex tiffinanzja:

      (i) il-programmi indikattivi nazzjonali tal-Istati individwali tal-AKP skont l-Artikoli 1 sa 5 tal-Anness IV għal dan il-Ftehim rigward il-proċeduri ta' implimentazzjoni u ta' amministrazzjoni;

      (ii) il-programmi indikattivi reġjonali ta' appoġġ għall-kooperazzjoni reġjonali u interreġjonali u l-integrazzjoni reġjonali tal-Istati tal-AKP skont l-Artikoli 6 sa 11 tal-Anness IV għal dan il-Ftehim rigward il-proċeduri ta' implimentazzjoni u ta' amministrazzjoni;

   (b) EUR 3 590 miljun għall-finanzjament tal-kooperazzjonji intra-AKP u interreġjonali ma' ħafna mill-Istati tal-AKP jew għal dawn l-Istati kollha skont l-Artikoli 12 sa 14 tal-Anness IV għal dan il-Ftehim rigward il-proċeduri ta' implimentazzjoni u ta' amministrazzjoni. Dan il-pakkett għandu jinkludi appoġġ għall-istituzzjonijiet konġunti u l-korpi maħluqa skont dan il-Ftehim. Għandu jkopri wkoll l-assistenza għall-infiq operattiv tas-Segretarjat tal-AKP imsemmi fil-punti 1 u 2 tal-Protokoll Nru 1 'dwar in-nefqa operattiva tal-istituzzjonijiet konġunti';

   (c) EUR 1 134 miljun għall-finanzjament tal-Faċilità ta' Investiment skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II (Termini u kundizzjonijiet ta' finanzjament) għal dan il-Ftehim, li jinkludu kontribut addizzjonali ta' EUR 500 miljun għar-riżorsi tal-Faċilità ta' Investiment, ġestita bħala fond li jiġġedded, u EUR 634 miljun fil-forma ta' għotjiet għall-finanzjament tas-sussidji fuq ir-rata ta' imgħax u tal-assistenza teknika relatata ma' proġetti, imsemmija fl-Artikoli 1, 2 u 4 ta' dan l-Anness fuq il-perjodu tal-11-il FEŻ.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati permezz tal-Faċilità ta' Investiment, inklużi s-sussidji għar-rata ta' imgħax korrispondenti, għandhom jiġu amministrati mill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI). Ammont sa EUR 2 500 miljun flimkien mal-fondi disponibbli mill-11-il FEŻ għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni mill-BEI fil-forma ta' self mir-riżorsi proprji. Dawn ir-riżorsi għandhom jingħataw għall-finijiet stabbiliti fl-Anness II ta' dan il-Ftehim, b'konformità mal-kundizzjonijiet previsti fl-istatuti tal-BEI u mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-termini u l-kundizzjonijiet għall-finanzjament tal-investimenti ta' dak l-Anness. Ir-riżorsi finanzjarji l-oħrajn kollha ta' dan il-qafas finanzjarju multiannwali għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni.

4. Wara l-31 ta' Diċembru 2013 jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-qafas finanzjarju multiannwali, liema waħda minn dawn id-dati tkun l-aktar tard, il-bilanċi mill-għaxar (10) FEŻ jew minn FEŻ preċedenti u fondi diżimpenjati minn proġetti taħt dawn l-FEŻ, m'għandhomx ikunu impenjati aktar, sakemm il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità, bl-eċċezzjoni tal-bilanċi li jifdal u r-rimborżi tal-ammonti allokati għall-finanzjament tal-Faċilità ta' Investiment, esklużi s-sussidji tar-rata ta' imgħax relatati, u l-bilanċi li jifdal mis-sistema mmirata biex tiggarantixxi l-istabbiltà tad-dħul mill-esportazzjoni ta' prodotti bażiċi agrikoli (STABEX - Système de Stabilisation des Recettes d'Exportation) skont il-FEŻ qabel id-disa' (9) FEŻ.

5. L-ammont globali ta' dan il-qafas finanzjarju multiannwali għandu jkopri l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-fondi tal-11-il FEŻ, u fil-każ tal-Faċilità ta' Investiment, il-fondi li ġejjin minn fluss mill-ġdid, m'għandhomx jiġu impenjati aktar wara l-31 ta' Diċembru 2020, sakemm il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità, fuq proposta mill-Kummissjoni. Madanakollu, il-fondi sottoskritti mill-Istati Membri taħt id-9, l-10 u l-11 FEŻ għall-finanzjament tal-Faċilitajiet tal-Investiment għandhom ikunu disponibbli wara l-31 ta' Diċembru 2020 għall-iżburżament.

6. Il-Kumitat tal-Ambaxxaturi, f'isem il-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE, jista' jieħu l-miżuri xierqa, fil-limiti tal-ammont globali tal-qafas finanzjarju multiannwali, sabiex jilħaq ir-rekwiżiti ta' programmazzjoni taħt waħda mill-allokazzjonijiet previsti fil-punt 2, inkluż it-tqassim mill-ġdid ta' fondi bejn dawn l-allokazzjonijiet.

7. Fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet, huma jistgħu jiddeċiedu li jwettqu evalwazzjoni tal-prestazzjoni, f'mument miftiehem b'mod reċiproku, li tivvaluta l-grad ta' twettiq tal-impenji u l-iżborżamenti, kif ukoll ir-riżultati u l-impatt tal-għajnuna mogħtija. Din ir-reviżjoni titwettaq fuq il-bażi ta' proposta mħejjija mill-Kummissjoni. Din tista' tikkontribwixxi għan-negozjati previsti fl-Artikolu 95(4) ta' dan il-Ftehim.

8. Kull Stat Membru jista' jipprovdi lill-Kummissjoni jew lill-BEI b'kontribuzzjonijiet volontarji biex jappoġġja l-għanijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE. L-Istati Membri jistgħu wkoll jikkofinanzjaw proġetti jew programmi, pereżempju fil-qafas ta' inizjattivi speċifiċi li għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni jew l-BEI. Għandha tiġi garantita l-appartenenza AKP fuq il-livell nazzjonali ta' tali inizjattivi."

# DEĊIŻJONI Nru 2/2013 TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-UE

## tas-7 ta' Ġunju 2013

## dwar it-talba magħmula mir-Repubblika Federali tas-Somalja għall-istatus ta' osservatur fir-rigward ta', u l-adeżjoni sussegwenti għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

(2013/322/UE)

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI TA' BEJN L-ISTATI TAL-AKP U L-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]), kif emendat fil-Lussemburgu fil- 25 ta' Ġunju 2005 ([2]) u kif emendat f'Ouagadougou fit- 22 ta' Ġunju 2010 ([3]) ("il-Ftehim AKP-UE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1/2005 tat-8 ta' Marzu 2005 tal-Kunsill tal-Ministri tal-Istati tal-AKP u l-UE dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tal-Ministri ([4]) tal-AKP u l-UE u, b'mod partikolari, l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi

(1) Il-Ftehim ta' Cotonou daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008 skont l-Artikolu 93(3) tiegħu. Ġie emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil- 25 ta' Ġunju 2005, u għat-tieni darba f'Ouagadougou fit- 22 ta' Ġunju 2010. It-tieni reviżjoni ilha tiġi applikata b'mod provviżorju sa mill-31 ta' Ottubru 2010 ([5]).

(2) L-Artikolu 94 tal-Ftehim AKP-UE jistipula li kwalunkwe talba li ssir minn Stat biex jissieħeb għandha tiġi ppreżentata lill-Kunsill tal-Ministri tal-AKP u l-UE, biex dan japprovaha.

(3) Fil-25 ta' Frar 2013, ir-Repubblika Federali tas-Somalja ppreżentat talba għall-istatus ta' osservatur u l-adeżjoni sussegwenti skont l-Artikolu 94 tal-Ftehim AKP-UE.

(4) Ir-Repubblika Federali tas-Somalja għandha tiddepożita l-Att ta' Adeżjoni għand id-Depożitarji tal-Ftehim AKP-UE, jiġifieri s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u s-Segretarjat tal-Istati tal-AKP.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni tat-talbiet għas-sħubija u għall-istatus ta' osservatur**

It-talba magħmula mir-Repubblika Federali tas-Somalja biex tissieħeb fil-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit- 23 ta' Ġunju 2000, kif emendat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 u kif emendat f'Ouagadougou fit- 22 ta' Ġunju 2010, hija b'dan approvata.

Ir-Repubblika Federali tas-Somalja tiddepożita l-Att ta' Adeżjoni għand id-Depożitarji tal-Ftehim AKP-UE, jiġifieri s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u s-Segretarjat tal-Istati tal-AKP.

Sad-data tal-adeżjoni tagħha, ir-Repubblika Federali tas-Somalja tista' tattendi s-sessjonijiet tal-Kunsill bħala osservatur.

*Artikolu 2*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill tal-Ministri AKP-UE*

*Il-President*

P. T. C. SKELEMANI

---

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27).
([3]) Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit- 23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).
([4]) ĠU L 95, 14.4.2005, p. 44
([5]) Deċiżjoni Nru 2/2010 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tal-21 ta' Ġunju 2010, ĠU L 287, 4.11.2010, p.68.

## RETTIFIKA

**Rettifika għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/830/UE tas-7 ta' Diċembru 2012 dwar kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-programmi tal-Istati Membri għall-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tas-sajd għall-2012**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 356 tat-22 ta' Diċembru 2012)*

L-Annessi I, III u V tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/830/UE għandhom jinqraw kif ġej:

*"ANNESS I*

**TEKNOLOĠIJI U NETWERKS TAL-IT ĠODDA**

*(EUR)*

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju:** | | | |
| BE/12/08 | 30 000 | 30 000 | 27 000 |
| BE/12/09 | 4 250 | 4 250 | 3 825 |
| BE/12/10 | 100 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***134 250*** | ***34 250*** | ***30 825*** |
| **Il-Bulgarija:** | | | |
| BG/12/02 | 30 678 | 30 678 | 27 610 |
| ***Subtotal*** | ***30 678*** | ***30 678*** | ***27 610*** |
| **Id-Danimarka:** | | | |
| DK/12/20 | 336 419 | 0 | 0 |
| DK/12/22 | 269 136 | 0 | 0 |
| DK/12/23 | 538 271 | 0 | 0 |
| DK/12/24 | 134 568 | 134 568 | 121 110 |
| DK/12/25 | 95 637 | 0 | 0 |
| DK/12/26 | 158 911 | 0 | 0 |
| DK/12/27 | 275 864 | 275 864 | 248 278 |
| DK/12/28 | 272 500 | 272 500 | 245 250 |
| DK/12/29 | 281 265 | 281 265 | 250 000 |
| DK/12/30 | 282 592 | 282 592 | 250 000 |
| DK/12/31 | 280 439 | 280 439 | 250 000 |
| DK/12/32 | 296 049 | 296 049 | 250 000 |
| DK/12/33 | 262 407 | 138 936 | 125 043 |
| DK/12/34 | 269 136 | 0 | 0 |
| DK/12/35 | 22 000 | 0 | 0 |
| DK/12/36 | 405 000 | 0 | 0 |
| DK/12/37 | 375 000 | 0 | 0 |
| DK/12/38 | 163 500 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***4 718 694*** | ***1 962 213*** | ***1 739 681*** |

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Il-Ġermanja:** | | | |
| DE/12/23 | 400 000 | 400 000 | 360 000 |
| DE/12/24 | 165 000 | 0 | 0 |
| DE/12/25 | 250 000 | 0 | 0 |
| DE/12/27 | 358 000 | 0 | 0 |
| DE/12/28 | 110 000 | 0 | 0 |
| DE/12/29 | 350 000 | 0 | 0 |
| DE/12/30 | 95 000 | 0 | 0 |
| DE/12/31 | 443 100 | 0 | 0 |
| DE/12/32 | 650 000 | 0 | 0 |
| DE/12/33 | 970 000 | 0 | 0 |
| DE/12/34 | 275 000 | 0 | 0 |
| DE/12/35 | 420 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***4 486 100*** | ***400 000*** | ***360 000*** |
| **L-Irlanda:** | | | |
| IE/12/06 | 20 000 | 0 | 0 |
| IE/12/08 | 70 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***90 000*** | *0* | *0* |
| **Il-Greċja:** | | | |
| EL/12/11 | 180 000 | 180 000 | 162 000 |
| EL/12/12 | 750 000 | 750 000 | 675 000 |
| EL/12/13 | 180 000 | 180 000 | 162 000 |
| EL/12/14 | 26 750 | 26 750 | 24 075 |
| EL/12/15 | 110 000 | 110 000 | 99 000 |
| ***Subtotal*** | ***1 246 750*** | ***1 246 750*** | ***1 122 075*** |
| **Spanja:** | | | |
| ES/12/02 | 939 263 | 939 263 | 845 336 |
| ES/12/03 | 974 727 | 974 727 | 877 255 |
| ES/12/05 | 795 882 | 795 883 | 716 294 |
| ES/12/06 | 759 305 | 759 305 | 683 375 |
| ES/12/08 | 163 250 | 163 250 | 146 925 |
| ES/12/09 | 72 000 | 72 000 | 64 800 |
| ES/12/10 | 100 000 | 100 000 | 90 000 |
| ES/12/11 | 379 000 | 379 000 | 341 100 |
| ES/12/12 | 490 000 | 490 000 | 441 000 |
| ES/12/13 | 150 000 | 150 000 | 135 000 |
| ES/12/15 | 150 000 | 0 | 0 |
| ES/12/18 | 54 000 | 54 000 | 48 600 |
| ES/12/19 | 290 440 | 290 440 | 261 396 |
| ES/12/21 | 17 500 | 17 500 | 15 750 |
| ES/12/22 | 681 000 | 0 | 0 |

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| ES/12/23 | 372 880 | 372 880 | 335 592 |
| ES/12/24 | 415 254 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***6 804 501*** | ***5 558 247*** | ***5 002 423*** |
| **Franza:** | | | |
| FR/12/08 | 777 600 | 777 600 | 699 840 |
| FR/12/09 | 870 730 | 870 730 | 783 656 |
| FR/12/10 | 229 766 | 229 766 | 206 789 |
| FR/12/11 | 277 395 | 277 395 | 249 656 |
| FR/12/12 | 230 363 | 230 363 | 207 327 |
| FR/12/13 | 197 403 | 197 403 | 177 663 |
| FR/12/14 | 450 000 | 450 000 | 405 000 |
| FR/12/15 | 211 500 | 0 | 0 |
| FR/12/16 | 274 330 | 274 330 | 246 897 |
| FR/12/17 | 254 350 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***3 773 437*** | ***3 307 587*** | ***2 976 828*** |
| **L-Italja:** | | | |
| IT/12/13 | 135 000 | 135 000 | 121 500 |
| IT/12/15 | 125 000 | 125 000 | 112 500 |
| IT/12/16 | irrevokata | 0 | 0 |
| IT/12/17 | 250 000 | 250 000 | 225 000 |
| IT/12/18 | 250 000 | 0 | 0 |
| IT/12/19 | 630 000 | 630 000 | 567 000 |
| IT/12/21 | 1 500 000 | 1 500 000 | 1 350 000 |
| IT/12/22 | 311 000 | 0 | 0 |
| IT/12/23 | 38 000 | 0 | 0 |
| IT/12/26 | 1 900 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***5 139 000*** | ***2 640 000*** | ***2 376 000*** |
| **Il-Latvja:** | | | |
| LV/12/02 | 6 732 | 6 732 | 6 058 |
| LV/12/03 | 58 350 | 58 350 | 52 515 |
| ***Subtotal*** | ***65 082*** | ***65 082*** | ***58 573*** |
| **Il-Litwanja:** | | | |
| LT/12/04 | 150 462 | 150 462 | 135 416 |
| ***Subtotal*** | ***150 462*** | ***150 462*** | ***135 416*** |
| **Malta:** | | | |
| MT/12/04 | 30 000 | 30 000 | 27 000 |
| MT/12/07 | 261 860 | 261 860 | 235 674 |
| ***Subtotal*** | ***291 860*** | ***291 860*** | ***262 674*** |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi:** | | | |
| NL/12/07 | 250 000 | 250 000 | 225 000 |
| NL/12/08 | 278 172 | 0 | 0 |

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| NL/12/09 | 277 862 | 0 | 0 |
| NL/12/10 | 286 364 | 0 | 0 |
| NL/12/11 | 276 984 | 0 | 0 |
| NL/12/12 | 129 398 | 0 | 0 |
| NL/12/13 | 129 500 | 0 | 0 |
| NL/12/14 | 200 000 | 0 | 0 |
| NL/12/15 | 230 000 | 0 | 0 |
| NL/12/16 | 136 329 | 0 | 0 |
| NL/12/17 | 19 300 | 0 | 0 |
| NL/12/18 | 36 120 | 0 | 0 |
| NL/12/19 | 89 860 | 0 | 0 |
| NL/12/20 | 299 550 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***2 639 439*** | ***250 000*** | ***225 000*** |
| **L-Awstrija:** | | | |
| AT/12/01 | 128 179 | 128 179 | 115 361 |
| AT/12/02 | 280 923 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***409 102*** | ***128 179*** | ***115 361*** |
| **Il-Polonja:** | | | |
| PL/12/02 | 103 936 | 0 | 0 |
| PL/12/04 | 41 028 | 0 | 0 |
| PL/12/06 | 15 955 | 0 | 0 |
| PL/12/07 | 40 500 | 0 | 0 |
| PL/12/08 | 1 000 000 | 1 000 000 | 900 000 |
| PL/12/09 | 172 600 | 0 | 0 |
| PL/12/10 | 1 505 000 | 0 | 0 |
| PL/12/11 | 208 760 | 0 | 0 |
| PL/12/12 | 227 350 | 0 | 0 |
| PL/12/13 | 240 300 | 0 | 0 |
| PL/12/14 | 323 000 | 323 000 | 290 700 |
| PL/12/15 | 181 000 | 0 | 0 |
| PL/12/16 | 416 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***4 475 429*** | ***1 323 000*** | ***1 190 700*** |
| **Il-Portugall:** | | | |
| PT/12/08 | 25 000 | 25 000 | 22 500 |
| PT/12/10 | 150 000 | 150 000 | 135 000 |
| PT/12/11 | 150 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***325 000*** | ***175 000*** | ***157 500*** |
| **Il-Finlandja:** | | | |
| FI/12/11 | 1 000 000 | 1 000 000 | 900 000 |
| FI/12/12 | 1 000 000 | 1 000 000 | 900 000 |

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| FI/12/13 | 280 000 | 280 000 | 252 000 |
| FI/12/14 | 280 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***2 560 000*** | ***2 280 000*** | ***2 052 000*** |
| **L-Isvezja:** | | | |
| SE/12/07 | 850 000 | 850 000 | 765 000 |
| SE/12/08 | 750 000 | 750 000 | 675 000 |
| SE/12/09 | 300 000 | 300 000 | 270 000 |
| SE/12/10 | 1 000 000 | 1 000 000 | 900 000 |
| SE/12/11 | 80 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***2 980 000*** | ***2 900 000*** | ***2 610 000*** |
| **Ir-Renju Unit:** | | | |
| UK/12/51 | 122 219 | 122 219 | 109 997 |
| UK/12/52 | 564 086 | 0 | 0 |
| UK/12/54 | 50 141 | 50 141 | 45 127 |
| UK/12/55 | 43 873 | 43 873 | 39 486 |
| UK/12/56 | 122 219 | 122 219 | 109 997 |
| UK/12/73 | 12 535 | 12 535 | 11 282 |
| UK/12/74 | 162 958 | 162 958 | 146 662 |
| ***Subtotal*** | ***1 078 032*** | ***513 945*** | ***462 551*** |
| **Total** | **41 397 816** | **23 257 253** | **20 905 217**” |

*“ANNESS III*

## SISTEMI ELETTRONIĊI TA’ REĠISTRAZZJONI U RAPPURTAR

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju:** | | | |
| BE/12/07 | 60 000 | 60 000 | 54 000 |
| ***Subtotal*** | ***60 000*** | ***60 000*** | ***54 000*** |
| **Id-Danimarka:** | | | |
| DK/12/19 | 201 852 | 201 852 | 181 666 |
| DK/12/21 | 134 567 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***336 419*** | ***201 852*** | ***181 666*** |
| **L-Irlanda:** | | | |
| IE/12/05 | 1 000 000 | 1 000 000 | 900 000 |
| ***Subtotal*** | ***1 000 000*** | ***1 000 000*** | ***900 000*** |
| **Spanja:** | | | |
| ES/12/04 | 1 207 352 | 1 207 352 | 1 086 617 |
| ES/12/07 | 263 488 | 263 488 | 237 139 |
| ***Subtotal*** | ***1 470 840*** | ***1 470 840*** | ***1 323 756*** |

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **Franza:** | | | |
| FR/12/18 | 42 000 | 42 000 | 37 800 |
| ***Subtotal*** | ***42 000*** | ***42 000*** | ***37 800*** |
| **Il-Latvja:** | | | |
| LV/12/01 | 11 273 | 11 273 | 10 146 |
| ***Subtotal*** | ***11 273*** | ***11 273*** | ***10 146*** |
| **Malta:** | | | |
| MT/12/06 | 260 000 | 260 000 | 234 000 |
| ***Subtotal*** | ***260 000*** | ***260 000*** | ***234 000*** |
| **Il-Polonja:** | | | |
| PL/12/03 | 170 948 | 170 948 | 153 853 |
| PL/12/05 | 22 793 | 22 793 | 20 514 |
| ***Subtotal*** | ***193 741*** | ***193 741*** | ***174 367*** |
| **Il-Portugall:** | | | |
| PT/12/09 | 75 000 | 75 000 | 67 500 |
| ***Subtotal*** | ***75 000*** | ***75 000*** | ***67 500*** |
| **Total** | **3 449 274** | **3 314 706** | **2 983 235**” |

*“ANNESS V*

**PROGRAMMI TA’ TAĦRIĠ U SKAMBJU**

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| **L-Irlanda:** | | | |
| IE/12/07 | 15 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***15 000*** | ***0*** | ***0*** |
| **Spanja:** | | | |
| ES/12/16 | 40 000 | 0 | 0 |
| ***Subtotal*** | ***40 000*** | ***0*** | ***0*** |
| **Ir-Renju Unit:** | | | |
| UK/12/58 | 2 507 | 0 | 0 |
| UK/12/59 | 14 416 | 0 | 0 |
| UK/12/60 | 1 253 | 0 | 0 |
| UK/12/61 | 877 | 0 | 0 |
| UK/12/62 | 2 507 | 0 | 0 |
| UK/12/63 | 3 384 | 0 | 0 |
| UK/12/64 | 11 282 | 0 | 0 |
| UK/12/65 | 17 549 | 0 | 0 |
| UK/12/66 | 11 282 | 0 | 0 |
| UK/12/67 | 9 401 | 9 401 | 8 461 |

(EUR)

| Stat Membru u kodiċi tal-proġett | Nefqa ppjanata fil-programm nazzjonali addizzjonali għall-kontroll tas-sajd | Nefqa għal proġetti magħżula skont din id-Deċiżjoni | Kontribuzzjoni massima tal-Unjoni |
|---|---|---|---|
| UK/12/68 | 9 401 | 0 | 0 |
| UK/12/69 | 11 281 | 0 | 0 |
| UK/12/70 | 9 401 | 9 401 | 8 461 |
| UK/12/71 | 9 401 | 0 | 0 |
| UK/12/72 | 12 536 | 12 536 | 11 282 |
| ***Subtotal*** | ***144 030*** | ***31 338*** | ***28 204*** |
| **Total** | **199 030** | **31 338** | **28 204**” |

REGOLI TA' PROĊEDURA

★ **Emenda għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-ġustizzja** ........ 65

★ **Emenda għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti ġenerali** ........ 66

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2013/321/UE:

★ **Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tas-7 ta' Ġunju 2013 li tadotta protokoll dwar il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2014-2020 taħt il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra** ........ 67

2013/322/UE:

★ **Deċiżjoni Nru 2/2013 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tas-7 ta' Ġunju 2013 dwar it-talba magħmula mir-Repubblika Federali tas-Somalja għall-istatus ta' osservatur fir-rigward ta', u l-adeżjoni sussegwenti għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra** 70

**Rettifika**

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/830/UE tas-7 ta' Diċembru 2012 dwar kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-programmi tal-Istati Membri għall-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tas-sajd għall-2012** (ĠU L 356, 22.12.2012) ........ 71

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT